# l-aċċent

Ħarġa Nru 21

DĠT MT — Kummissjoni Ewropea



# IL-WERREJ


L-Editorjal 3

**BIR-REQQA — Il-lingwa miktuba u mitħaddta**

Ġabra analitika tal-materjal lingwistiku fil-programm Seħer il-Malti 4

Il-Kompost N + N fil-Malti 9

Mistoqsijiet u Tweġibiet Lingwistiċi 15

Analiżi tat-Traduzzjoni fl-Eżami tal-Matrikola tal-Malti fil-Livell Avvanzat 16

**KELMA B'KELMA — It-terminoloġija**

L-Ismijiet tal-Għasafar 20

It-traduzzjoni tal-kliem "Grounds", "Reasons", "Motivation" fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE 25

Termattwalità 28

Il-lista tal-pajjiżi, it-territorji u l-muniti — l-Anness A5 tal-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali 29

**MILL-GĦATBA 'L BARRA — Aspetti oħra**

L-intelliġenza artifiċjali telimina lit-traduttur mill-proċess tat-traduzzjoni — Josep Bonet intervistat għal *l-aċċent* 33

Ir-rwol ta' lead-translator wassalni fil-Kabinett tal-Kummissarji 37

Min aħna, u x'nagħmlu 39

Jintemm terminu u jibda ieħor 40

Tislima lill-Professur Eynaud 42

Mikelanġ Camilleri, il-qassis ribell u t-traduttur ta' *Il Ħaÿa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe, ta' York: miktuba minnu in nifsu* tal-1846 43





**4**



**20**



**33**


**Ċaħda** — Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.


Jekk tixieq tikkontribwixxi f'din ir-rivista:
**l-accent@ec.europa.eu**


**It-tim ta' *l-aċċent***

**Koedituri: Alan Delia u Marija Agius | Qari tal-Provi: Joseph Mizzi | Editur tal-Istil: Claire Bonello**

**Tfassil u Mpaġnar: Karina Fiorini | Ritratti u Grafika: Kenneth Borg | Distribuzzjoni: Maryann Agius**

**Relazzjonijiet Pubbliċi: David Schembri u Mark Vella**

l-aċċent

Ġunju 2022

ĦARĠA 21

# L-Editorjal

Għat-tieni darba konsekuttiva, u nittamaw li tkun l-aħħar darba, qed inwasslulkom *l-aċċent* f'forma elettronika biss. Mhux għax il-verżjoni elettronika fiha xi mertu nieqes, anzi wħud minnkom jippreferu lilha. Imma għal dawk li bħali twieldu qabel ma tfaċċa l-ewwel kompjuter, ir-rabta mal-karta tibqa' soda u mingħajr sostitut denju. Il-pandemija tal-Covid, minkejja li r-restrizzjonijiet u d-distanzjament soċjali qed jonqsu, għadha magħna bil-limitazzjonijiet kollha li ġġib magħha. Meta feġġet it-tama tal-vittorja permezz tat-tielet vaċċin, faqqgħet il-gwerra fil-Lvant bl-invażjoni tal-qawwiet militari Russi fl-Ukrajna. Il-President Ukren Volodymyr Zelenskyy, l-eks komiku televiżiv li fil-programm elettorali tiegħu kellu n-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mar-Russja, spiċċa jappella bil-ħrara lill-gvernijiet tal-Punent għall-għajnuna biex jiddefendi lil pajjiżu minn dan l-attakk għal għarrieda u mingħajr provokazzjoni. *l-aċċent* qed ifakkar dan l-avveniment waħxi bir-ritratt tal-kopertina filwaqt li joffri s-solidarjetà u l-appoġġ lill-poplu Ukren f'dawn iż-żminijiet suwed.

Minn Malta wkoll waslulna aħbarijiet ta' niket. Kellna t-telfa tal-Prof. Joseph Eynaud, missier id-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni u l-Interpretar fl-Università ta' Malta, li ħalliena fid-19 ta' Jannar. Insellmu lilu u nirringrazzjawh tal-kollaborazzjoni tiegħu fit-tielet taqsima. (Tislima p.42). *l-aċċent* jieħu l-okkażjoni wkoll biex isellem lill-poeta Mario Azzopardi li ħalliena fil-11 ta' Marzu li għadda. Azzopardi jibqa' mfakkar għall-enerġija tiegħu fil-qasam tal-letteratura imma wkoll f'dak teatrali u dak kulturali b'mod aktar wiesa'. Ħalla vojt kbir Mario, speċjalment għal min iltaqa' u kellu kuntatt personali miegħu, għax mhuwiex bniedem li tinsieh malajr u ħalla marka permanenti fuq ħafna. Jekk qatt jista' jkollha konsolazzjoni telfa hekk kbira, tkun li warajh ħalla volum kbir u vast ta' xogħlijiet, u l-ispirtu ribell tiegħu se jibqa' jniggiżna permezz tagħhom.

Din l-edizzjoni twasslilna artikli lingwistiċi bħalma huwa dak ta' Elaine Vella fl-ewwel taqsima li joffrilna ġabra analitika ta' materjal lingwistiku mislut mill-programm radjufoniku Seħer il-Malti. *Borma forn, lumi laring* u *xatt il-baħar* huma eżempji ta' kliem kompost. Ray Fabri jittratta din il-forma morfoloġika li fil-Malti ma tiġix studjata biżżejjed. Minbarra l-artiklu regolari tal-Grupp Lingwistiku, il-kollega Janice Bonnici tagħtina analiżi oħra, din id-darba tat-Traduzzjoni fl-Eżami tal-Matrikola tal-Malti fil-Livell Avvanzat.

It-tieni taqsima tiftaħ b'artiklu mill-Birdlife dwar l-ismijiet tal-għasafar bil-Malti. Akkumpanjat minn diversi ritratti, bil-kitba tiegħu Victor Falzon jeħodna fid-dinja tal-kreaturi bil-ġwienaħ. Ma' din il-ħarġa qed nippubblikaw ukoll Appendiċi kkumpilat mill-BirdLife dwar dan is-suġġett. L-artiklu mid-dinja legali huwa xogħol il-ġurista lingwista Joette Borg, u fih tiddelibera dwar id-differenza fit-tifsira bejn grounds, reasons u motivation u kif jiġu tradotti fil-Qorti tal-Ġustizzja. Joseph Mizzi, il-kollega mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jagħtina artiklu ta' kif issawret għodda importanti għall-konsistenza fit-traduzzjonijiet – il-lista tal-pajjiżi f'*Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali*. Din il-lista ta' spiss tkun is-suġġett ta' diskussjonijiet jaħarqu anke fil-gazzetti lokali u fil-midja soċjali.

L-artikli dwar it-traduzzjoni awtomatika qed isiru xi ħaġa regolari f'*l-aċċent*. F'din l-edizzjoni Alan Delia jintervista lil Josep Bonet, l-uffiċjal tal-lingwa tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO), fost l-oħrajn dwar kif l-intelliġenza artifiċjali se tbiddel wiċċ l-industrija tat-traduzzjoni kif nafuha llum. Artikli oħra huma tal-kollega Mark Amaira dwar l-esperjenza tiegħu bħala lead-translator u fejn wasslitu din l-esperjenza. L-Uffiċjal tal-Lingwa f'Malta, Mark Vella, wasal fi tmiem it-terminu tiegħu u jirrifletti fuq dawn l-aħħar ħames snin filwaqt li jagħti r-riedni lill-uffiċjal il-ġdid David Schembri. Fl-aħħar u mhux l-anqas, Ivan Said iżomm l-appuntament tiegħu bis-sensiela ta' artikli dwar l-istorja tat-traduzzjoni. Din id-darba jittratta lit-traduttur u qassis ribell Mikelanġ Camilleri li fost l-oħrajn ġabilna l-avventuri ta' Robinson Crusoe bil-Malti.

Nittama li din il-ġabra ta' artikli togħġobkom u l-appuntament tagħna magħkom hu għall-edizzjoni li jmiss bit-tama li nirritornaw għall-karta f'dinja bi ftit anqas tensjoni milli għandha bħalissa.

Alan Delia, f'isem il-Bord Editorjali

# Ġabra analitika tal-materjal lingwistiku fil-programm Seħer il-Malti

Elaine Vella



Il-programm tar-radju Seħer il-Malti, imxandar kull nhar ta' Sibt fuq Radju Malta mill-Prof. Manwel Mifsud flimkien mal-preżentatur Thomas Pace, jilħaq firxa wiesgħa ta' semmiegħa f'bosta rħula ta' Malta u Għawdex, kif ukoll emigranti Maltin, u għalhekk huwa ġabra rappreżentattiva tal-użu lingwistiku tal-Malti llum. Il-maġġoranza tas-semmiegħa huma ta' età matura u għalhekk, filwaqt li jirrappreżenta l-wirt lingwistiku Malti, mhux bilfors iwassal ukoll il-lingwa esperimentali u innovattiva tal-kelliema żgħażagħ u tfal. Min-naħa l-oħra, jiġbor kliem li konna naħsbuh mejjet u tifsiriet u sfumaturi li d-dizzjunarji tal-lingwa għadhom ma wasslulniex u, f'dan is-sens, jista' jkun għodda għall-arrikkiment tal-wirt lessikali u semantiku.

## Il-ġbir tal-materjal lingwistiku

Permezz tat-teżi tal-Baċellerat tiegħi, fil-ħolqien tal-ġabra analitika jiena rajt li l-materjal lingwistiku nikkodifikah u nippreżentah b'mod li jkun dħuli għal min irid jikkonsultah jew ifittex fih. Din il-ġabra tista' titqies bħala forma ta' konservazzjoni ta' numru ta' elementi lingwistiċi u termini li maż-żmien jistgħu jintilfu, kif ukoll ta' lessiku li jaf ma ġiex imniżżel fid-dizzjunarji li għandna sa issa, ladarba ħadd minn dawn ma nqeda b'mezz tant dirett u interattiv bħar-radju. Minħabba r-restrizzjoni fil-ħin li fih kont mitluba nagħmel dan ix-xogħol, l-analiżi tal-programmi kellha tiġi llimitata għal skeda waħda u għalhekk ħdimt fuq dik ta' bejn Ottubru 2011 u Ġunju 2012 (total ta' 38 programm), meta l-programm ħa l-isem ta' 'Seħer il-Malti'. F'dan ix-xogħol mort għas-sors ewlieni tar-rikordings u kklassifikajt l-argumenti u l-elementi lingwistiċi li jissemmew f'kull programm filwaqt li nagħmel referenza għall-ħin (setturi ta' għaxar minuti) li fih dawn jiġu diskussi. B'hekk wieħed ikun jista' faċilment imur lura għall-ispjega oriġinali li ssir fuq ir-rikording innifsu.

## It-tifsila tal-materjal miġbur

Fl-iskrutinju li għamilt, ħloqt żewġ tabelli għal kull programm: l-ewwel waħda maqsuma skont l-argumenti ttrattati fil-programm bil-ħin li fih dawn jissemmew, filwaqt li fit-tieni tabella qsamt il-kliem kollu (u idjomi, qwiel, eċċ.) li jissemma u jiġi spjegat fil-programm innifsu skont dawn l-oqsma. Fl-aħħar tat-teżi, imbagħad, wieħed jista' jsib żewġ appendiċijiet, wieħed bil-kliem u ieħor bl-idjomi u l-espressjonijiet li jissemmew fis-sena sħiħa tal-programmi analizzati. B'dan il-mod wieħed ikun jista' faċilment ifittex il-kliem, l-espressjonijiet u l-idjomi b'referenza għall-programm partikolari li fih dawn jiġu msemmija.

| | |
|---|---|
| Naħaq (jinħaq) | 120225 |
| Naska | 111029 |
| Ndewwa | 120128 |
| Nemmes (tnemmes) | 120218 |
| Nemmiesa | 120602 |
| Newba | 120218 |
| Newwaħ (jnewwaħ) | 120331 |
| Ngħama | 120519 |
| Nġurmat | 111126 |

Tabella 1: Eżempju mill-appendiċi tal-kliem f'ordni alfabetiku u l-programm li fih jissemma

## It-tipoloġija tal-programmi

Il-programm Seħer il-Malti ma jkunx dejjem omoġenju, imma joffri lis-semmiegħa varjetà mibnija fuq numru żgħir ta' mudelli ta' programm, li kollha jduru mal-pern ewlieni li hu l-ilsien Malti. Fost dawn il-programmi nsibu dawk b'mistieden espert f'xi qasam tal-ilsien Malti (eż. Dr Mario Cassar li għamel studju speċjalizzat tal-kunjomijiet Maltin), programmi b'suġġett sempliċi marbut mal-ħajja li jiġbor tifsiriet differenti tal-kliem, espressjonijiet, idjomi u qwiel, u programmi dwar aspett lingwistiku partikolari fil-Malti (eż. in-numri Maltin u d-djaletti). Il-mudelli differenti jinbidlu prattikament minn programm għal ieħor u filwaqt li kull programm ikun marbut ma' suġġett partikolari, minħabba n-natura tal-programm innifsu li jgħaqqad semmiegħa u kelliema differenti flimkien, xi drabi jsiru interventi li joħorġu barra mis-suġġett, jagħmlu referenza jew ikomplu ma' programmi preċedenti.

## It-tipoloġija tal-oqsma ttrattati

Minħabba li l-programm huwa wieħed li jseħħ live, fil-parti l-kbira tiegħu, it-telefonati u l-messaġġi tas-semmiegħa jgħinu sabiex jiġu diskussi temi diversi marbutin mal-lingwa fi programm wieħed. Il-materjal miġbur mill-programmi kellu jinqasam skont klassijiet partikolari ("oqsma") sabiex stajt nagħżel tip ta' informazzjoni minn oħra (etimoloġija,

vokabolarju, eċċ.) li tkun ingħatat fi programm sħiħ, jew aħjar, fil-programmi kollha analizzati. B'dan il-mod, wieħed ikun jista' jfittex il-materjal li jkun issemma fil-programmi skont il-qasam partikolari. Fejn jidħol il-materjal lingwistiku, ix-xogħol kien jitlob ċerta reqqa biex nagħżel bejn tip ta' informazzjoni lingwistika u tip ieħor, u b'hekk max-xogħol ħarġet sensiela ta' kategoriji:

| Taqsira | Tagħrifa dwar |
|---|---|
| arg. | Argument |
| djal. | Djalett, varjant djalettali |
| etim. | Etimoloġija |
| fon. | Fonoloġija |
| gram. | Grammatika |
| idj. | Idjoma |
| lett. | Letteratura |
| morf. | Morfoloġija |
| muż. | Mużika |
| ort. | Ortografija |
| poeż. | Poeżija |
| pron. | Pronunzja |
| proż. | Proża |
| sem. | Semantika |
| sin. | Sintassi |
| snaj. | Snajja' |
| stor. | Storja |
| vok. | Vokabolarju |

Xi oqsma li kienu ġenerali wisq ġieli nferqu f'temi differenti (eż. lett.poeż. = poeżija (li taqa' taħt il-qasam tal-letteratura); vok.snaj. = vokabolarju marbut mas-snajja') biex l-iskrutinju jkun aktar dettaljat u komdu għal min irid ifittex fih. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet saru għall-oqsma tal-argument, l-idjoma, il-letteratura u l-vokabolarju.

**Il-ġbir tal-lessiku marbut mal-oqsma**

It-tema u l-qasam fl-ewwel galvu ta' kull programm jagħtu indikazzjoni ċara tal-argument li jiġi diskuss fil-ħin partikolari tal-programm u għalhekk dan iħaffef ix-xogħol għal min ikun qed ifittex biex jiġbor dawn it-termini skont il-qasam partikolari. Mill-kodifikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-oqsma, kif ukoll, xi drabi, bl-ispeċifikazzjonijiet, wieħed jista' jkompli sabiex jiġbor il-lessiku jew termini marbuta ma' oqsma partikolari tal-lingwa bħal snajja', fost l-oħrajn.

Bħala eżempju, jekk wieħed jieħu t-terminoloġija tal-futbol li għaliha ġie ddedikat programm sħiħ, kif ukoll saru xi interventi minn semmiegħa fil-programmi ta' wara, mill-iskrutinju li għamilt wieħed jista' joħroġ dawn it-termini billi l-ewwel iħares lejn l-ewwel tabella tal-programm bħalma naraw fl-eżempju t'hawn taħt. Jekk wieħed iħares lejn il-kolonna tad-deskrizzjoni, f'setturi 1.2, 1.4 u 2.1 nistgħu naraw numru ta' termini u espressjonijiet li jintużaw fil-qasam tal-futbol.

Stampi u logos ġentilment mogħtija mill-Programm Seħer il-Malti

Ritratt tal-isfond p. 4: Brett Jordan

4.2.4 It-terminoloġija Maltija tal-futbol — Titlu tal-programm

Kelliema: Manwel Mifsud, Olvin Vella u l-misteden Keith Attard — Ix-xandara u l-mistednin fuq il-programm

Data tal-programm (SSXXJJ)

Perjodi ta' 10 min. ta' trażmizzjoni

Numru ta' argument diskuss fil-perjodu ta' 10 min.

| 120324 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Settur** | **Tema** | **Qasam** | **Kelliem** | **Deskrizzjoni** |
| 1.1 | Ir-reġistru tal-futbol | arg. | KA | Ġabra ta' termini bil-Malti marbuta mal-futbol. |
| 1.2 | Espressjonijiet: Il-futbol | idj. | KA | Spjega ta' "Keskes il-ballun". |
| 1.3 | Ir-reġistru tal-futbol | arg. | KA | Ġabra ta' termini bil-Malti marbuta mal-futbol. |
| 1.4 | Espressjonijiet: Il-futbol | idj. | KA<br>MM<br>OV | Spjega u użu ta' "qandel", "qabbeż" u "dendel" b'rabta mal-ballun tal-futbol.<br><br>Spjega ta' "Ħareġ għall-frifer", "Tarzna", "Gamiema", "Mur ħudha t-tarzna", "Mur sewwi sieqek", "Mur ħudha għand Bailey" u "Ra l-istilel". |
| 1.5 | Ir-reġistru tal-futbol | arg. | KA<br>MM | Kuntrast bejn id-diskors li jingħad fil-grawnd tal-futbol u r-reġistru tal-kummentatur użat fuq il-mezzi tax-xandir |
| 2.1 | Espressjonijiet: Il-futbol | idj. | KA<br>MM<br>OV | *ikompli*<br><br>Spjega ta' "Pejjep lill-plejer", "Għamel spaga" u "blata". |

Tabella 2: Eżempju u spjegazzjoni tat-tqassim tal-informazzjoni miġbura

Minn dan kollu, tista' mbagħad tinħareġ lista sħiħa ta' termini marbutin mal-qasam partikolari. Jekk inkomplu nieħdu l-eżempju tat-terminoloġija tal-futbol hawn taħt wieħed jista' jsib lista qasira ta' wħud mit-termini u espressjonijiet li nħarġu mill-programmi tal-iskeda analizzata:

| | |
|---|---|
| 1. Keskes il-ballun | 9. Għamel spaga |
| 2. Qandel il-ballun | 10. Dewweb il-ballun |
| 3. Qabbeż il-ballun | 11. Nixxifhom minn ġewwa / Nixxiftu |
| 4. Dendel il-ballun | 12. Seqqer il-ballun |
| 5. Ħareġ għall-friefet | 13. Għaqqadha |
| 6. Gamiema | 14. Ppanċja l-ballun |
| 7. Ra l-istilel | 15. Gowl tal-bandiera |
| 8. Pejjep lill-plejer | 16. Banana xott |

**Id-dokumentazzjoni fonetika**

Il-programm, bħala mezz li jiffaċilita l-ġbir ta' lessiku minn lokalitajiet differenti, jilqa' numru ta' varjazzjonijiet fosthom dawk lessikali, fonetiċi-ortografiċi u semantiċi tant naturali fil-lingwa ħajja. Huwa għalhekk li għażilt li niddokumenta dawn il-varjazzjonijiet fil-lingwa billi xi drabi nagħti wkoll il-kitba fonetika skont l-Alfabett Fonetiku Internazzjonali sabiex il-pronunzja ma tintilifx fil-kitba.

L-aspett fonoloġiku u l-pronunzja jiġu ttrattati l-aktar minħabba kuntatti mas-semmiegħa li juru interess fil-pronunzja ta' ħsejjes, uħud storiċi u ridotti ħafna jew mitlufa, li jagħmlu, jew kienu jagħmlu, parti mill-fonoloġija Maltija (bħall-pronunzja tal-ħoss /θ/ u l-użu tal-frikattiva velari mleħħna /ɣ/ f'Għawdex) u l-pronunzja ta' wħud minn dawn f'ċerti kliem (eż. il-pronunzja ta' [ħħ] fi kliem bħal "tarahiex") u l-varjazzjonijiet fit-tlissin (eż. varjazzjonijiet soċjolingwistiċi fil-pronunzja ta' "nagħti"). Ġie ttrattat ukoll il-kliem li jiġi pronunzjat b'mod differenti minn kif jinkiteb (eż. [ˈnaʔa] u "naqra"), il-varjazzjonijiet fonetiċi-ortografiċi li jinvolvu bidla konsonantali (eż. il-kliem "mqagħbar" u "mkagħbar"), il-kliem li jinvolvi bidla vokalika (bħal "ikbar" / "akbar" u "iktar" / "aktar") u l-metatesi (eż. "ċkina" għal "kċina").

Fl-analiżi tiegħi ħadt nota wkoll tal-lokalitajiet partikolari fejn tingħad il-kelma u l-varjant/i tagħha, eż. l-użu tal-kelma "ġlusi" użata l-Imġarr u l-kelma "ġelusi" użata bħala varjant tagħha fil-Gudja.

**Għeluq**

Din il-ġabra tista' titqies bħala dokument awtentiku u ħaj tal-lingwa fuq fomm il-kelliema tal-Malti, kif ukoll bħala għodda għall-konsultazzjoni ta' kulħadd. Il-metodu użat għall-ikklassifikar tal-argumenti u l-elementi lingwistiċi fost oħrajn, sar b'tali mod li jiffaċilita kemm jista' jkun il-ġbir tal-materjal miġbur fuq programm tar-radju. Huwa għalhekk li nħeġġeġ sabiex ikomplu jsiru xogħlijiet ta' dokumentazzjoni bħal dan biex b'hekk inkomplu nersqu dejjem iktar lejn ir-reġistrazzjoni sħiħa tal-lingwa tagħna.

Elaine Vella hija għalliema ggradwata bil-BA (Unuri) fil-Malti. It-teżi tagħha ġabret il-materjal lingwistiku li jissemma fuq il-programm tar-radju Seħer il-Malti.



# Il-Kompost N + N fil-Malti

Ray Fabri

Qasam lingwistiku li għadu ma ġiex studjat sew fil-Malti huwa dak tal-kliem kompost bħal *student ħaddiem* u *linji gwida*. Fil-lingwistika l-analiżi ta' dan it-tip ta' kliem jaqa' taħt l-istudju tal-morfoloġija, li tittratta l-binja tal-kelma; fil-morfoloġija mbagħad jaqa' taħt l-istudju ta' dawk li jissejħu 'multi-word expressions' (MWE), jiġifieri espressjonijiet xi ftit jew wisq 'fissi' li jikkonsistu minn aktar minn kelma waħda. Il-kunċett ta' MWE huwa xi ftit vag, u (bħal dejjem) il-lingwisti mhux dejjem jaqblu fuq definizzjoni eżatta, imma jidher li hemm qbil ġenerali li dan il-qasam jinkludi l-komposti nominali (bl-Ingliż nominal compounds), fejn jingħaqdu żewġ nomi jew aktar biex tinħoloq kelma ġdida, jew aħjar lessema ġdida (kunċett lingwistiku ġdid). Apparti mill-komposti, il-MWE jinkludu wkoll idjomi, eż. *Alla m'għamlu*, u espressjonijiet fissi bħal *il-jum it-tajjeb*, fost oħrajn.

Fil-letteratura lingwistika wieħed isib klassifikazzjonijiet diversi tal-kliem kompost u, kif wieħed jistenna f'qasam teoretiku, mhux dejjem ikun hemm qbil bejn l-esperti, kemm fuq il-klassifikazzjoni kif ukoll fuq l-analiżi tal-kliem. F'Fabri (2009) nissuġġerixxi lista ta' espressjonijiet li jistgħu jitqiesu bħala kliem kompost fil-Malti, u li hemm bżonn issir analiżi lingwistika tagħhom aktar fil-fond. Xi eżempji ta' kliem kompost imsemmija huma *qawsalla*, *kelb il-baħar*, *aħmar nar*, *kaxxa infernali* u *tal-laħam*. Fuq din tal-aħħar, it-tip 'ta+ART+N', għandu jidher artiklu ieħor dalwaqt (ara Fabri għall-pubblikazzjoni).

F'dan l-artiklu sa nagħmel xi kummenti fuq tip wieħed ta' kliem kompost fil-Malti, dak li jikkonsisti minn żewġ nomi, jiġifieri t-tip N+N bħal *borma forn*, li għalkemm fil-Malti ma jidhirx li huwa produttiv daqskemm huwa pereżempju fil-lingwi Ġermaniċi (l-Ingliż, il-Ġermaniż, l-Olandiż, eċċ.) jidher li l-eżempji qed jiżdiedu, forsi taħt il-pressjoni u l-influwenza tal-Ingliż, l-aktar minħabba n-neċessità tat-traduzzjoni speċjalment ta' kliem tekniku. Din hija biss impressjoni tiegħi; wieħed irid jittestjaha empirikamant b'analiżi ta' korpora relevanti, kemm tal-Malti modern kif ukoll tal-Malti qadim. Il-komposti tat-tip N+N insibuhom f'ħafna lingwi oħra wkoll, eż. fil-lingwi Rumanzi, bħat-Taljan u l-Franċiż, bħal *caffelatte*, *pescecane*, *cantautore*, *pause-café*, *oiseau-mouche*, *chou-fleur*; fiċ-Ċiniż 鸡毛 *jī-máo* 'tiġieġa + rixa = rixa tat-tiġieġa' (Basciano et al. 2011), fis-Swahili *garimoshi* 'vettura + duħħan = ferrovija' (Lusekelo 2019).

Tajjeb nibdew billi nikkontrastaw din il-forma ta' komposti N+N fil-Malti ma' dik li tinvolvi żewġ nomi mibnija fuq il-mudell tal-kostrutt N+l-N, jiġifieri nom segwit minn nom ieħor bl-artiklu miegħu, bħal *kelb il-baħar*, *xatt il-baħar* u *Ħadd il-Għid*. Huwa interessanti li l-binja tal-kostrutt lessikali ġeneralment tikkorrispondi għall-binja magħmula minn żewġ nomi ħdejn xulxin (N+N compounds) f'lingwi bħall-Ingliż u l-Ġermaniż, bħal *seashore* (bil-Ġermaniż *Seestrand* jew *Meeresstrand*), *Easter Sunday* (bil-Ġermaniż *Ostersonntag*) u *dogfish*[1] (bil-Ġermaniż *Hundshai* 'dogshark'). Fil-lingwi Ġermaniċi, il-binja N+N hija produttiva ħafna u jista' jkollha anki aktar minn żewġ nomi jsegwu 'l xulxin, bħal pereżempju, *countryside view*, *table-tennis club*, *crossword puzzle writer*. Fil-Ġermaniż dawn in-nomi huma ortografikament magħqudin ma' xulxin u jistgħu jkunu twal ħafna, eż.

**"*...jikkuntrasta ma' dawk il-forom tal-kostrutt li huma frażali***

[1] Dogfish mhuwiex kelb il-baħar imma gattarell/mazzola – li però jappartjenu għall-familja tal-kelb il-baħar.

*Haustürschlüssel* 'ċavetta tal-bieb tad-dar' u *Rindfleischetikettierungsüberwachungsaufgabenübertragungsgesetz*[2] 'liġi tat-trasferiment dwar id-dmirijiet tas-superviżjoni tal-immarkar tal-baqar u l-barrin, u t-tikkettar taċ-ċanga' (bl-Ingliż: 'cattle marking and beef labelling supervision duties delegation law').

Wieħed jista' juri li għalkemm **il-komposti tal-kostrutt** niktbuhom bi spazju bejn l-ewwel nom u t-tieni nom bl-artiklu, huma jġibu ruħhom bħallikieku kienu kelma waħda (kunċett wieħed, lessema). Dan jikkuntrasta ma' dawk il-forom tal-kostrutt li huma frażali, bħal *xagħar it-tifel* jew *omm il-mara*. Il-kostruzzjoni tal-ewwel (eż. *kelb il-baħar*) nistgħu nsejħulha l-kostrutt lessikali jew sintetiku, u tal-aħħar, il-kostrutt sintattiku jew analitiku (ara Fabri 1986 għal analiżi dettaljata tal-kostrutt lessikali).

Min-naħa l-oħra, il-komposti N+N fil-Malti huma relattivamant ftit u s'issa ma sibtx eżempju ta' kelma komposta magħmula minn aktar minn żewġ nomi. Se nibda b'lista ta' eżempji f'ordni alfabetika (żgur mhux eżawrjenti):[3]

**algoritmu għarbiel, baħar żejt, borma forn, fidda sterlina, fjuri rġiel, ġurdien mara, gowl avversarju, gowler mara, gowls vantaġġ, ħaddiema rġiel, ilma żahar, insett vettur (vector), ittra aħbar, karattri nisa, karta pesta, karta strazza, kavallieri ħakkiema, kitarra bass, kordi bażi, linji gwida, lumi larinġ, pajjiżi ospiti, pajjiżi/stati membri, panda ġgant, pjanta omm, pjanta stilla, qaddis patrun, raġel mara, siġar nani, speċi vettur, student ħaddiem, sufan sodda, taqsima studju, tfal orfni, trabi subien, xow kummiedja**

Fit-tfittix fil-korpus, insibu sekwenzi ta' N+N oħra li, però, irrid niddistingwihom minn dawk tal-lista li tajt hawn fuq. Hawn xi eżempji mill-korpus:

**biċċa art, biċċa njama, bott polpa, mazz karti, miljun student, naqra ilma, metru drapp, par għajnejn, platt għaġin, siegħa logħob, somma flus, tagħbija qoton, tazza ilma, xahar paga, xaqq dawl, żewġ ċentimetri ilma**

Dawn huma kostruzzjonijiet fejn l-ewwel element (dak tax-xellug) huwa xi tip ta' kejl jew kontenitur; pereżempju bil-frażi *tazza nbid* mhux qed nirreferi għal x'tip ta' tazza hi (f'dak il-każ, ngħidu *tazza tal-inbid*) imma għall-kwantità ta' nbid (kemm inbid joqgħod f'tazza, mhux f'bettija jew flixkun). Id-differenza morfosintattika bejn iż-żewġ tipi ta' kostruzzjoni toħroġ biċ-ċar meta naraw li fil-każ tal-N+N tal-kejl (ħa nsejħilhom hekk) nistgħu nimmodifikaw it-tieni element b'aġġettiv, eż. *tazza nbid abjad*, waqt li dan ma nistgħux nagħmluh fil-każ tal-eżempji ta' N+N tal-ewwel lista, eż. *borma forn ġdid. Dan ifisser li fl-ewwel każ (*tazza nbid*) il-kelma *nbid* hija aċċessibbli għal proċessi morfosintattiċi u għaldaqstant sintattikament 'indipendenti' mill-kelma *tazza*, waqt li *forn* mhijiex aċċessibbli waħedha għax hija magħquda mal-ewwel element, u li flimkien jibnu entità waħda sħiħa (kelma, lessema).

Sett ieħor ta' N+N li nixtieq neskludi għalissa huwa dak li jindika nom proprju (isem) bħal Ġnien Howard, Għar Barka, Għar Ħasan, Kartanzjan, Misraħ San Ġwann, Pjazza Reġina u Wied Speranza. Dan qed nagħmlu biex inkun nista' niffoka fuq in-nom komuni għal din l-analiżi.

Mela issa se mmur lura għal-lista oriġinali biex nagħmel xi osservazzjonijiet. Li jinteressana huwa r-relazzjoni bejn iż-żewġ nomi, kemm mill-aspett semantiku (it-tifsira), kif ukoll morfosintattiku (ir-relazzjoni strutturali bejn iż-żewġ nomi). M'għandix spazju neżamina l-forom kollha waħda waħda fid-dettall; għaldaqstant sa nagħżel ftit minnhom u nużahom bħala eżempju. Ħa nibda bil-kompost *borma forn*.



[2] https://www.duden.de/sprachwissen/sprachratgeber/Die-langsten-Worter-im-Dudenkorpus
[3] Nirringrazzja lil Louise Vella u Marija Agius ta' xi eżempji u talli talbuni nikteb dan l-artiklu qasir. Ħafna mill-eżempji huma mill-korpus tal-MLRS, kif ukoll minn kelliema nattivi. Jista' jkun li mhux kull kelliem jaċċetta kull eżempju bħala parti mill-vokabolarju tiegħu/tagħha imma, la jeżistu, ma nistgħux naqbdu u ninjorawhom.

Borma forn hija oġġett li għandu l-forma ta' borma u l-funzjoni ta' forn, jiġifieri huwa borma u forn fl-istess ħin. Forsi nistgħu ngħidu wkoll li hija forn li għandu l-forma ta' borma. Jekk ninterpretawh hekk, dan it-tip ta' kompost jaqa' taħt dik li fil-letteratura lingwistika jissejjaħ kompost kordinattiv ('coordinative compound'); hemm min juża t-terminu kompost kopulattiv 'copulative compound', 'adpositional compound' jew 'dvanda compound'.[4] Eżempju mill-Ingliż huwa 'poet-singer', xi ħadd li huwa poeta u kantant fl-istess ħin. L-istess nistgħu ngħidu għal *student ħaddiem*, *lumi larinġ* u *sufan sodda*. Interessanti li anki bejn dan il-grupp ta' komposti hemm xi differenzi; pereżempju, iż-żewġ elementi ta' *student ħaddiem* u *sufan sodda* nistgħu naqilbulhom posthom għal *ħaddiem student* u *sodda sufan*, u jibqgħu jfissru l-istess ħaġa.

Min-naħa l-oħra, *borma forn* u *lumi larinġ* ma nistgħux naqilbuhom: **forn borma* u **larinġ lumi*. Dan jista' jindika li dawn tal-aħħar mhumiex fil-fatt verament kordinattivi, u li l-aħjar ninterpretawhom bħala komposti subordinattivi, jiġifieri ninterpretawhom li jfissru xi ħaġa bħal 'borma li għandha l-funzjoni ta' forn' (u mhux xi ħaġa li hija borma u forn fl-istess ħin), u lumija li għandha togħma ta' larinġa (u mhux lumija li hija larinġa fl-istess ħin). F'dan il-każ insejħulhom komposti endoċentriċi, jiġifieri li għandhom element (fil-Malti, tax-xellug) li nqisuh bħala r-'ras' jew il-'qalba' tal-kostruzzjoni. **Ir-ras tagħtina t-tifsira prinċipali tal-kompost u tiġi modifikata mill-element tal-lemin**. Eżempji oħra ta' binjiet endoċentriċi fil-lista huma 'ilma żahar' (ilma li għandu t-togħma ta' żahar), gowl vantaġġ (gowl li jagħtik vantaġġ), u panda ġgant (panda li hu kbir daqs ġgant).

Differenza oħra hi dik tal-binja tal-plural. Xi binjiet minn dawn forsi rari nużawhom fil-plural, u ħafna drabi anki bħala kelliema nattivi niġu fid-dubju fuq kif nibnuh il-plural tagħhom. Il-kwistjoni hi jekk nagħmlux iż-żewġ elementi fil-plural, jew waħda minnhom biss (ġeneralmemt tax-xellug). Dawn li ġejjin huma xi eżempji. Ħa naraw x'inhu aċċettabbli għall-kelliem nattiv. L-istilla tindika kostruzzjoni mhux aċċettabbli. (Hawn jista' jkun hawn nuqqas ta' qbil anki bejn il-ġudizzji tal-kelliema nattivi.)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **borma forn:** | **borom forn** | ***borma fran** | ***borom fran** |

F'dan il-każ nistgħu nippluralizzaw biss l-element tax-xellug, jiġifieri r-ras tal-kostruzzjoni. L-istess japplika għal *sufan sodda*:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **sufan sodda:** | **sufanijiet sodda** | ***sufan sodod** | ***sufanijiet sodod** |

Il-każ *lumi larinġ* huwa ftit aktar kumpless għax hawn il-forma taż-żewġ nomi hija fil-kollettiv (nom tat-tip), u għaldaqstant apparti mis-singular (nom tal-unità/farrad waħdieni), teoretikament għandna wkoll il-plural (il-plural magħdud).

| | | | |
|---|---|---|---|
| **lumi larinġ:** | **lumija larinġa**<br>***lumi larinġa** | ***lumijiet larinġiet**<br>***lumijiet larinġ** | ***lumi larinġiet**<br>***lumija larinġ** |

L-għadd hawnhekk irid ikun l-istess fuq iż-żewġ elementi, u mhux immarkat biss fuq tax-xellug. Dan jimplika li għandna żewġt irjus f'din il-kostruzzjoni li jridu jaqblu ma' xulxin morfoloġikament. Dan huwa l-istess fil-każ ta' *student ħaddiem*.

| | | |
|---|---|---|
| **student ħaddiem:** | **studenti ħaddiema**<br>***student ħaddiema** | ***studenti ħaddiem** |

[4] Hemm min jiddistingwi bejniethom dawn u min le, imma hawnhekk mhux se nidħol f'diskussjonijiet tekniċi ta' natura terminoloġika.

Mela hawn identifikajna żewġ tipi ta' binjiet fejn jidħol il-plural: **dawk li jimmarkaw il-plural biss fuq ix-xellug, u dawk li jimmarkawh fuq iż-żewġ nomi**. M'għandniex xi ngħidu, dawn in-nomi komposti mbagħad iridu jaqblu fil-għadd mal-kliem l-ieħor fil-frażi jew fis-sentenza.

| | |
|---|---|
| **lumi larinġ tajjeb** | **lumija larinġa tajba** |

| | |
|---|---|
| **sufan sodda ġdid** | **sufanijiet sodda ġodda** |

Issa se nħarsu lejn il-ġens u l-qbil grammatikali fil-każ tal-istess eżempji.

| | |
|---|---|
| **borma forn ġdida** | ***ġdid** |
| **lumi larinġ tajjeb** | ***tajba** |
| **sufan sodda ġdid** | ***ġdida** |

Fl-eżempji tat-tabella t'hawn fuq, il-qbil grammatikali fil-ġens jiddeterminah l-element tax-xellug (ir-ras). Fil-każ ta' *student ħaddiem* u *lumi larinġ*, bħalma jiġri fl-għadd, iż-żewġ nomi jridu bilfors jaqblu ma' xulxin, u mbagħad jaqblu mal-kliem l-ieħor fil-frażi jew sentenza.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **student ħaddiem:** | **studenta ħaddiema** | ***student ħaddiema** | ***studenta ħaddiem** |
| **lumi larinġ:** | **lumija larinġa** | ***lumi larinġa** | ***lumija larinġ** |

| | |
|---|---|
| **student ħaddiem tajjeb** | **studenta ħaddiema tajba** |

Grupp ta' komposti ta' dan it-tip li tajjeb inpoġġuhom fi grupp għalihom huma dawk li jieħdu l-kelma *mara/nisa/bniet* jew *raġel/irġiel/subien* fuq il-lemin biex jikklassifikaw l-element tax-xellug skont il-ġens. Mill-ewwel tabella ta' dan l-artiklu għandna ħames eżempji:

| | | |
|---|---|---|
| **ġurdien mara** | **gowler mara** | **ħaddiema rġiel** |
| **trabi subien** | **fjuri rġiel** | |

Jidher li din il-binja hija produttiva, jiġifieri li nistgħu noħolqu espressjonijiet ġodda ta' dan it-tip pjuttost spontanjament fil-każ ta' nomi li jirreferu għal individwi animati, kemm bnedmin, annimali, insetti u pjanti. Karatteristika ta' din il-kostruzzjoni li jagħmilha differenti minn dawk li ddiskutejna s'issa hija, li fis-singular, il-qbil grammatikali fil-ġens jiddeterminah l-element tal-lemin (*mara*, *raġel*, *eċċ.*) u mhux dak tax-xellug bħalma kien il-każ s'issa. Dan jagħmel din il-kostruzzjoni simili għall-binja b'suffissi derivattivi bħal -*essa* (*prinċipessa*) jew -*iċi* (*attriċi*), li wkoll jaqilbu l-ġens tal-kelma bażi.

**Din kienet l-ewwel gowler mara.** **Il-ġurdien mara twelled kull xahar.**

**Il-prinċipessa ħarġet bil-karrozzin.** **L-attriċi kellha suċċess kbir.**

Il-plural jiġi mmarkat fuq iż-żewġ nomi:

**Il-ħaddiema rġiel ħarġu fuq strajk.**

Fl-aħħar nixtieq nagħmel osservazzjoni oħra fuq il-komposti N+N inġenerali. Fil-letteratura ssir distinzjoni bejn dawk li jissejħu komposti endoċentriċi (endocentric) u dawk eżoċentriċi (exocentric). Tal-bidu jieħdu t-tifsira (is-semantika) tagħhom mir-ras tal-kostruzzjoni, li fl-Ingliż pereżempju hija fuq il-lemin: mela, *blackboard* huwa tip ta' board. F'kuntrast ma' dan, l-eżoċentriċi jieħdu t-tifsira, biex ngħidu hekk, minn barra l-kostruzzjoni; eż. *pickpocket* mhuwiex tip ta' pocket, imma ħalliel li jisraq minn but in-nies (jew mill-qoffa, kartiera, eċċ.). Naħseb li eżempju tajjeb ta' dan fil-Malti huwa *linji gwida*, li huma struzzjonijiet u mhux linji.

Tajjeb nagħlaq billi ngħid xi ħaġa fuq il-kliem missellef fil-lessiku Malti. Għandna komposti N+N missellfa kemm mill-Ingliż kif ukoll mit-Taljan/Sqalli li saru parti mill-vokabolarju attiv tagħna. Ġeneralment dawk ġejjin mit-Taljan nagħtuhom dehra 'Maltija', waqt li dawk mill-Ingliż inħalluhom kif inhuma (bil-pronunzja Ingliża Maltija, u fil-maġġoranza tal-każi bil-kitba Ingliża, skont *Id-Deċiżjonijiet 2*).

**boy scout, girl guide, call centre, delivery man, hard disk, hotplate, potato peeler, software, whiteboard, gauze wire, futbol, ajruport, ajruplan, ajrudrom**

F'dawn kollha naraw li r-ras hija l-element tal-lemin (*scout*, *plate*, *port*) u mhux dak tax-xellug, f'kuntrast mal-eżempji endoċentriċi u eżoċentriċi l-oħra li ddiskutejna hawn (apparti minn dawk ta' *mara*, eċċ.). Dan huwa eżempju tajjeb ta' kif il-missellef jaffettwa l-istruttura grammatikali tal-lessiku, li issa fil-Malti għandu żewġ tipi ta' komposti N+N endo- jew eżoċentriċi: dawk bir-ras grammatikali u semantika fuq ix-xellug, u dawk bir-ras fuq il-lemin. Dawn it-tnejn jistgħu jservu ta' mudell għal binjiet N+N ġodda.

Hemm ħafna aktar x'jingħad fuq dan il-fenomenu interessanti imma nispera li dan l-artiklu jservi biex jagħti ħjiel ta' x'tinvolvi analiżi lingwistika ta' dan it-tip ta' kliem kompost. Inħeġġeġ lill-qarrejja japplikaw dan li għidt għall-eżempji l-oħra fil-lista li tajt fil-bidu u għal eżempji oħra li jiskopru huma.

## Referenzi


Basciano, B., Kula, N. & Melloni, C. (2011) Modes of compounding in Bantu, Romance and Chinese. *Italian Journal of Linguistics* 23(2)(2), 203 – 249

Fabri, Ray (1996) The Construct State and the Pseudo-Construct State in Maltese. *Rivista di Linguistica*, 8.1, 229 – 244

Fabri, Ray (2009) Compounding and adjective-noun compounds in Maltese. Fi: B. Comrie, R. Fabri, M. Mifsud, E. Hume, M. Mifsud, T. Stolz and M. Vanhove (eds) *Introducing Maltese Linguistics.* Amsterdam: Benjamins, 207 – 231

Fabri, Ray (għall-pubblikazzjoni) The lexical *ta'* construction. Fi: Przemysław, Turek & Saade, Benjamin (eds) *Proceedings of the 7th International Conference on Maltese Linguistics in Kraków July 10-11.* Berlin & New York: De Gruyter Mouton

Lusekelo, Amani (2019) Endocentric and exocentric compounds in Kiswahili, SKASE Journal of Theoretical Linguistics 16(4), 22 – 47



Il-Prof. Fabri huwa ċ-Chairman tal-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa fl-Università ta' Malta





Illustratur: Peter Magro minn https://www.facebook.com/pmagro11/

M&T
lingwistiċi

**M: Niktbu "*ħidmitna*" jew "*ħidmietna*"?**

**T: Nistgħu niktbu ż-żewġ kelmiet, skont it-tifsira tat-test.**

Niktbu **"ħidmitna"** meta rridu nfissru "*il-ħidm**a** tagħna*", jiġifieri meta rridu nitkellmu dwar ħidma waħda. Meta nehmżu s-suffissi pronominali, l-"a" tan-nom nibdluha f'"i" biex nesprimu s-singular.

Niktbu **"ħidmietna"** meta rridu nfissru "*il-ħidm**ie**t tagħna*", jiġifieri meta rridu nitkellmu dwar diversi ħidmiet. Meta nehmżu s-suffissi pronominali, l-"ie" ta' qabel it-t marbuta tibqa' "ie" biex nesprimu l-plural.

Eżempji:

1. *... it-tkomplija ta' **ħidmitna** (il-ħidm**a** tagħna) fuq approċċ komprensiv għall-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri...*
2. *L-aktar esperjenza siewja waqt **ħidmiti** (il-ħidm**a** tiegħi) fl-Istituzzjonijiet/l-aġenziji tal-UE...*
3. *Dan hu r-rikonoxximent tal-importanza ta' **ħidmietna** (il-ħidm**ie**t tagħna) biex niżguraw il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern għall-prodotti tal-ikel...*

**N.B.:** Din ir-regola tgħodd ukoll għal nomi oħra simili, bħan-nom **"fehma"**, fejn **"fehmitna"** tfisser "*il-fehm**a** tagħna*" filwaqt li **"fehmietna"** tfisser "*il-fehm**ie**t tagħna*".

Eż. *Aħna nitkellmu favur u niddefendu **fehmietna** (il-fehm**ie**t tagħna) b'mod persistenti u b'mod kostruttiv fit-tħejjija tal-opinjonijiet u l-pożizzjonijiet l-oħra tal-KESE.*



Kontribut tal-Grupp Lingwistiku

# Analiżi tat-Traduzzjoni fl-Eżami tal-Matrikola tal-Malti fil-Livell Avvanzat

Janice Bonnici

F'April tal-2017, saret analiżi tat-testi tat-traduzzjoni tal-istudenti fil-karta tal-eżami ta' Settembru 2015 u ta' Mejju 2016 tal-Matrikola tal-Malti fil-Livell Avvanzat. Din ir-riċerka, li kienet parti minn teżina li ppreżentajt għall-grad ta' Baċellerat tal-Arti fil-Malti, inkludiet kemm l-iżbalji ta' natura ortografika u grammatikali, kif ukoll l-iżbalji b'konnessjoni diretta mat-traduzzjoni bħat-traduzzjoni litterali, it-traduzzjoni żejda u t-traduzzjoni nieqsa. L-iżbalji tal-ortografija ġew ikklassifikati skont l-iżbalji li dehru fil-karti tal-eżami. Fost l-oħrajn, instabu żbalji tal-aċċent u l-appostrofu, tal-GĦ u tal-H, tal-konsonanti doppji u dgħajfa, żbalji tal-vokali, tal-prepożizzjoni u dawk li jaqgħu taħt id-Deċiżjonijiet 1.

Evidentement, wieħed mill-aspetti li l-aktar kedd lill-istudenti fil-qasam tal-ortografija kien fejn u meta għandha tinkiteb l-GĦ. Wieħed mill-iżbalji l-aktar frekwenti kien fil-kelma "jibagħtu" fit-traduzzjoni għall-verb "to send" fis-sentenza "There were no laws forcing parents to send their children to school". F'bosta okkorrenzi, l-istudenti kienu konxji tal-ħtieġa tal-inklużjoni tal-GĦ iżda tfixklu dwar fejn suppost tinkiteb (ara l-ewwel kolonna fit-tabella hawn taħt), oħrajn ħallewha barra fejn kienet meħtieġa (it-tieni kolonna) u grupp ieħor ta' studenti żiedu dan id-digraff fejn ma kienx hemm bżonnu (l-aħħar kolonna). Mill-eżempji ta' hawn taħt, jidher li numru sew ta' studenti tal-livell avvanzat ma kinux jafu jħaddmu l-mudelli biex jaslu għall-ortografija korretta tal-verbi li jinkludu l-GĦ. Dan jista' jkun minħabba l-fatt li l-GĦ hija konsonanti li m'għandhiex realizzazzjonijiet fonetiċi stabbli u kultant tkun saħansitra sostitwita bl-appostrofu.

| Traspożizzjoni tal-GĦ | Ommissjoni tal-GĦ | Żieda tal-GĦ |
| --- | --- | --- |
| jib**għ**atu (jibagħtu) | jibatu (jibagħtu) | j**għ**attendi (jattendi) |
| qed**għ**in (qegħdin) | qedin (qegħdin) | jibd**għ**u (jibdew) |
| t**għ**alim (tagħlim) | jinataw (jingħataw) | jitilq**għ**u (jitilqu) |
| jitb**għ**edu (jitbiegħdu) | iġġijel (iġġiegħel) | jba**għ**tu (jbatu) |

B'xebh ma' dan, l-istudenti sabu wkoll diffikultà biex jiktbu kliem li jinkludi l-H. L-ewwel kolonna fit-tieni tabella aktar 'l isfel tittratta eżempji ta' żbalji fejn il-ħoss tal-H ġie sostitwit permezz ta' ittri oħra, partikolarment l-GĦ u l-Ħ. Jidher li dawn joriġinaw min-'nuqqasijiet' fis-sistemi tal-alfabett tagħna bejn il-grafema u l-fonema fejn il-ħoss li jirrappreżenta l-Ħ jista' jkun irappreżentat bl-ittri GĦ, H u Ħ fil-Malti. Kien hemm ukoll żbalji li jinvolvu l-ommissjoni kompluta tal-H fi kliem li jeħtieġ din il-konsonanti, kif jidher tajjeb fl-eżempji tat-tieni kolonna. Fl-aħħar, uħud mill-istudenti, bħal fil-każ tal-GĦ, żiedu l-H fejn mhux meħtieġ. Hawnhekk ta' min jinnota l-okkorrenza tal-iżball fil-kelma imsemmi**h**a (imsemmija), fejn għalkemm jinstema' ċarament il-ħoss tal-J, jidher li xi studenti naqsu milli jiddistingwu bejn meta dan il-ħoss ikun irrappreżentat bil-psewdokonsonanti H bħala pronom mehmuż tat-tielet persuna singular femminil fi kliem bħal "fiha" u "biha", u meta l-J tkun sempliċiment parti mill-kelma.

| Sostituzzjoni tal-H | Ommissjoni tal-H | Żieda tal-H |
|---|---|---|
| jisim**għ**a (jisimha) | kella (kellha) | kell**h**u (kellu) |
| għali**ħ** (għalih) | deret (dehret) | żgħir**h**a (żgħira) |
| ikra**ħ** (ikrah) | ħajjitom (ħajjithom) | maqtugħ**h**a (maqtugħa) |
| nsibu**ħ** (nsibuh) | għalekk (għalhekk) | imsemmi**h**a (imsemmija) |

Mil-lat grammatikali, rajt fost l-oħrajn żbalji tal-ġens, tal-plural u tal-parti ċipju passiv. B'xebh kbir mal-iżbalji ortografiċi, l-iżbalji grammatikali kienu komuni fost l-istudenti taż-żewġ sessjonijiet analizzati. Fil-qalba tal-iżbalji li jidħlu f'din il-kategorija, instabu għadd ta' żbalji b'konnessjoni mal-ġens grammatikali. Fil-Malti, il-ġens huwa b'saħħtu ħafna għax kull nom fil-Malti huwa maskil jew femminil. Għalkemm wieħed jistenna li l-kelliem nattiv isibha faċli li jattribwixxi l-ġens lin-nomi, dan l-eżerċizzju wera li mhux dejjem ikun il-każ. Fil-fatt għadd ta' studenti sabu diffikultà partikolarment fil-ġens tan-nomi "gwerra", "edukazzjoni" u "impatt" bħal fl-eżempji li ġejjin.

(1) L-ewwel Gwerra Dinjija **kellu** effett fuq l-edukazzjoni **Maltija**.
(2) L-ewwel Gwerra Dinjija **affettwa** b'mod negattiv l-edukazzjoni Maltija.
(3) L-ewwel Gwerra Dinjija kellha impatt **kbira** u **negattiva** fuq l-edukazzjoni Maltija.
(4) L-edukazzjoni **Malti** kien affettwat drastikament mill-ewwel Gwerra Dinjija.

Fit-tielet eżempju, jista' jkun li l-kandidati ħaddmu l-qbil grammatikali tal-aġġettiv mas-suġġett tas-sentenza minflok man-nom li l-aġġettiv kien qed jiddeskrivi. B'mod ġenerali, il-ġens tan-nom korrispondenti jista' jinkixef billi jitqiegħed pronom dimostrattiv (dan/dak jew din/dik) quddiem in-nom jew aġġettiv warajh.

L-iżbalji tal-plural kienu wkoll frekwenti. Interessanti kif numru mdaqqas ta' studenti qies il-kelma "flus" bħala nom fis-singular maskil fit-traduzzjoni tal-frażi "...and less and less money was being spent on education":

(1) u anqas flus **beda jintefaq** fuq l-edukazzjoni.
(2) u inqas u inqas flus **mar** fuq l-edukazzjoni.
(3) kien hemm inqas flus **użat** fuq l-edukazzjoni.

Żball ieħor fl-użu tal-plural kien fit-traduzzjoni tas-sentenza: "There were no laws forcing parents to send their children to school" li ġiet tradotta għal "Ma kien hemm l-ebda liġi li **jġiegħlu** lill-ġenituri jibagħtu lit-tfal tagħhom l-iskola". Hawnhekk, il-qbil kellu jsir man-nom femminil singular "liġi" kif ġej: "l-ebda liġi li ġġiegħel". Bl-istess mod, fil-frażi "In spite of these attitudes", in-nom "attitudes" ingħata tajjeb il-pronom dimostrattiv tal-plural iżda aktarx bi żvista, in-nom tħalla fis-singular li wassal għat-traduzzjoni "Minkejja dawn **l-attitudni**". Żewġ eżempji oħra ta' din ix-xorta kienu "at a very early age" li ġiet tradotta għal "ta' età veru **żgħir**" u "in the years that followed" bħala "fi żmien li **għaddew**" minflok "fiż-żminijiet li għaddew" jew "fiż-żmien li **għadda**".

Żball komuni ieħor li sibt fit-traduzzjonijiet analizzati joħodna lejn il-kategorija tal-parti ċipju. Il-parti ċipju passiv jittieħed minn dawk il-verbi tranżittivi li jista' jkollhom tifsira passiva. L-ewwel eżempju kien fil-parti ċipju "mitħarġin" fit-traduzzjoni għas-sentenza "children were being withdrawn from school at a very early age" li ġiet tradotta hekk: "bosta tfal spiċċaw **mitħarġin** mill-iskola ta' età żgħira". Hawnhekk ried jingħad li t-tfal "ġew maħruġa" jew "inħarġu" (mill-iskola) iżda minflok ġie evokat is-sens ta' "ingħataw taħriġ". Il-parti ċipju ntuża ħażin ukoll fit-traduzzjoni tal-kelma "converted" fis-sentenza "The schools were converted into hospitals". Kien hemm uħud li traduċewha "ikkonvertati", mill-oriġini Taljana "convertire". Fil-lingwa Taljana, il-parti ċipju passiv ta' verbi li għandhom it-tmiem tagħhom "-ire" jieħdu "-ito" fis-singular u "-iti" fil-plural. Il-Malti jsegwi din il-prassi u għaldaqstant, il-verb hawnhekk irid ikun "ikkonvertiti". Parti ċipju ieħor li ħafna studenti traduċew ħażin kien "spent" fis-sentenza "...and less and less money was being spent on education". Dan il-parti ċipju ngħata diversi forom inkorretti fosthom: "mifquq", "monfoq", "mifquq", "nfqat" minflok "minfuq". Fit-total tagħhom, l-iżbalji grammatikali kienu jikkonsistu partikolarment f'defiċjenzi pjuttost elementari li

l-għarfien tat-tħaddim tagħhom huwa meqjus fundamentali, b'mod speċjali fost l-istudenti tal-livell avvanzat tal-Matrikola fejn l-istudenti huma mistennija juru ħiliet f'taqsimiet li jmorru lil hinn mill-grammatika bażika tal-lingwa, ngħidu aħna l-letteratura.

> **"...l-istudenti riedu juru kemm fehmu x'ried jingħad mill-awtur u żiedu aġġettivi li jsaħħu l-argument tas-sentenza**

Minbarra l-iżbalji ortografiċi u grammatikali, kien hemm ukoll żbalji b'konnessjoni diretta mat-traduzzjoni, bħat-traduzzjoni litterali. Eżempju wieħed ta' traduzzjoni li saret kelma b'kelma kien fis-sentenza "The real need for more widespread education among the Maltese was never so badly felt". Għalkemm is-sentenza riedet timplika li "qatt ma nħass daqshekk il-bżonn biex tinfirex aktar l-edukazzjoni fost il-Maltin", l-istudenti allaċċaw il-kelma "badly" mat-tifsira litterali tagħha "ħażin" u inkludewha fit-traduzzjoni tagħhom kif ġej:

(1) Il-bżonn għall-edukazzjoni tal-Maltin qatt ma nħass **ħażin** daqs dak iż-żmien.
(2) Il-bżonn reali ta' iktar edukazzjoni mifruxa bejn il-Maltin qatt ma nħass daqshekk **ħażin**.

Żball ieħor li jirrigwarda t-traduzzjoni litterali kien fit-traduzzjoni tas-sentenza "In 1565, a great Turkish fleet appeared off the coast of Malta, starting what is now called the Siege of Malta", li ġiet tradotta b'mod żbaljat għal "Fl-1565, flotta Torka dehret fil-kosta ta' Malta u **nibdew** biex illum insejħulu l-Assedju l-Kbir." F'dan l-eżempju, il-kandidat ittraduċa kelma b'kelma din is-sentenza mingħajr ma ntebaħ li s-suġġett ta' "starting" kienet "the great Turkish fleet". Sar żball ieħor ta' dan it-tip fis-sentenza "In the years that followed, Valletta became a strong fortress, housing imposing churches and palaces" li ġiet tradotta b'dan il-mod:

(1) ...**djar jimponu** knejjes u palazzi
(2) ...**dar** diversi knejjes u palazzi ta' stima
(3) ...kif ukoll **bniet** bosta knejjes u palazzi.

Hawnhekk, jidher biċ-ċar l-assoċjazzjoni li għamlu l-kandidati bejn il-kelma "housing" u t-tifsira litterali tagħha "dar". Madankollu, din ftit għandha x'taqsam ma' dak li ried jingħad fit-test oriġinali permezz ta' "housing" li tissuġġerixxi aktar il-kunċett ta' "tilqa' fiha".

Barra t-traduzzjoni litterali, ġiet analizzata wkoll il-kategorija tat-traduzzjoni żejda li ġabret fiha l-okkorrenzi fejn l-istudenti laħħmu t-traduzzjoni b'dettalji li t-test oriġinali ma kienx jinkludihom. L-aktar żball komuni f'dan ir-rigward kien fit-traduzzjoni tas-sentenza: "The First World War adversely affected Maltese education" li ġiet tradotta diversi drabi biż-żieda ta' ċertu kliem mhux neċessarji, kif ġej:

(1) Matul l-ewwel Gwerra Dinjija, l-edukazzjoni f'Malta **kienet milquta** u affettwata ħażin **ħafna**.
(2) **Bla dubju**, l-ewwel Gwerra Dinjija affettwat l-edukazzjoni f'Malta.
(3) L-ewwel Gwerra Dinjija **ovvjament** affettwat l-edukazzjoni Maltija.

Il-frażi "The real need for more widespread education among the Maltese was never so badly felt" kienet ukoll tradotta bi kliem miżjud min-naħa tal-istudenti b'dan il-mod:

(1) Il-ħtieġa għall-edukazzjoni qatt ma kienet inħasset daqshekk **traġikament**.
(2) Il-bżonn reali għal aktar edukazzjoni **fuq livell internazzjonali**, il-Maltin qatt ma ħassewh daqshekk ħażin.

L-aħħar eżempju għal din il-kategorija huwa "Although victorious, many knights and Maltese lost their lives" li ġiet tradotta b'dawn il-modi diversi:

(1) Minkejja li r-rebħa kienet għall-Maltin, bosta Kavallieri u Maltin spiċċaw biex tilfu ħajjithom **fil-proċess**.
(2) Għalkemm irbaħna, **aħna l-Maltin konna patrijottiċi**, ħafna kavallieri tilfu ħajjithom.
(3) Għalkemm Malta ħarġet bħala rebbieħa, Malta rat **ħafna dmija u niket u bkiet** għal dawk li tilfet fil-gwerra.

Ġara li f'dawn l-eżempji l-istudenti riedu juru kemm fehmu x'ried jingħad mill-awtur u żiedu aġġettivi li jsaħħu l-argument tas-sentenza. Madankollu, din it-traduzzjoni miżjuda ħadmet kontra l-kandidati u saħansitra tellfithom il-marki talli tbiegħdu mit-test oriġinali.

B'kuntrast mat-traduzzjoni żejda, fil-kategorija tat-traduzzjoni nieqsa ġew ittrattati l-każi fejn l-istudent ħalla barra parti sostanzjali mit-test sors li wassal biex it-traduzzjoni tbiddel is-sens li nsibu fih. Waħda mir-raġunijiet li jwasslu għat-traduzzjoni nieqsa hija meta l-kandidat jiltaqa' ma' kelma li ma jafx it-tifsira tagħha u għalhekk jeskludiha mit-traduzzjoni tiegħu, kif probabbilment ġara għall-kelma "adversely" fis-sentenza: "The First World War adversely affected Maltese education". Bosta ħallewha barra u traduċewha hekk: "L-ewwel Gwerra Dinjija affettwat/kellha effett (fuq) l-edukazzjoni Maltija". Il-problema tal-lessiku dehret ukoll fis-sentenza "Although victorious, many knights and Maltese lost their lives" fejn min ma kienx jaf it-tifsira tal-kelma "victorious", ħallieha barra u għal darba oħra bidel is-sens tas-sentenza:

(1) Għalkemm ħafna suldati u nies Maltin tilfu ħajjithom.
(2) Minkejja, ħafna Kavallieri u Maltin tilfu ħajjithom.

Bl-istess mod, uħud ma kinux jafu kif ser jittraduċu l-kelma "trade" fis-sentenza "It also became a centre for trade and learning" u l-istudenti ppruvaw jiżgiċċaw minnha billi traduċew "learning" biss b'dan il-mod: "Hija saret ukoll ċentru ta' tagħlim."

Minbarra l-kategoriji li ssemmew hawn fuq, studjajt ukoll l-iżbalji li ttieħdu mill-istudenti b'rabta mal-influwenza tal-Ingliż u t-Taljan, l-iżbalji li saru fl-espressjonijiet, il-kliem li ġie totalment maħluq u l-ħbieb qarrieqa (il-false friends). Dawn ukoll ammontaw għal numru sostanzjali u għalhekk kien jeħtieġ li jiġu evalwati f'kategorija oħra indipendentement mill-iżbalji inklużi f'dan ir-rapport.

Fit-tmiem tar-riċerka tiegħi, sħaqt kemm ikun għaqli li kieku l-istudenti jitħallew jużaw id-dizzjunarju għall-eżerċizzju tat-traduzzjoni, bl-istess mod li l-calculator jitħalla jintuża mill-istudenti tal-accounts. Dan iqarreb lejn ix-xogħol reali tat-traduttur li fl-aħħar mill-aħħar juża (kif xieraq) diversi riżorsi biex jirriċerka x-xogħol tiegħu, inkluż id-dizzjunarju. Pass għaqli ieħor jaf ikun kieku t-tfal jingħataw introduzzjoni għat-traduzzjoni malli jibdew it-taħriġ fl-ewwel lingwa barranija. Is-sistema edukattiva attwali ma tippermettix li l-istudenti jibdew jitħarrġu fit-traduzzjoni sa minn età żgħira. Għall-kuntrarju, dan iseħħ biss fil-livell postsekondarju pari passu mal-istudju tal-lingwi, partikolarment huma u jippreparaw għall-eżamijiet tal-Matrikola. Mhux talli hekk, talli l-eżerċizzju tat-traduzzjoni inkluż fil-karti tal-eżami jġorr biss ħames marki. Dan jagħmilha iżjed diffiċli biex l-istudent jiddedika ħinu u r-riżorsi li għandu biex jitħarreġ f'dan il-qasam għax jekk jirnexxilu jieħu l-massimu tal-marki ikun ġabar biss ħames marki żejda.

Għalhekk, fil-fehma tiegħi, għandu jingħata lok għal-lezzjonijiet li jkunu mmirati u speċifiċi għat-traduzzjoni sa mill-ewwel sena fis-sekondarja. Apparti dan, it-traduzzjoni m'għandhiex tkun eżerċizzju assoċjat biss mal-eżami iżda mogħti wkoll spunt divertenti, ngħidu aħna permezz ta' kompetizzjonijiet organizzati mill-iskejjel u bejn l-iskejjel, simili għall-kompetizzjoni "Juvenes Translatores" li ssir kull sena fuq livell Ewropew, għax kif nafu tajjeb, it-tagħlim iħalli l-iżjed frott meta jitħallat mal-pjaċir.

Janice Bonnici hija traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea

# L-Ismijiet tal-Għasafar

Victor Falzon

### Fissazzjoni biex insemmu

Aħna l-bnedmin għandna fissazzjoni biex nagħtu isem lil kollox – kienet saħansitra waħda mill-ewwel karigi ta' Adam fil-ktieb tal-Ġenesi! Però li tagħti isem hija ħaġa tajba, għax meta nsemmu l-affarijiet inkunu bdejna l-proċess biex nagħtu ordni u nagħmlu sens mid-dinja ta' madwarna.

Biex jifhem il-varjetà kbira fin-natura, il-bniedem ilu minn żmien Aristotli jipprova jistiva l-ħlejjaq b'mod li jagħmlu sens. Mhux proċess faċli, u sal-lum għadu jinqala' l-maltemp bejn it-tassonomi, dawk ix-xjenzati li jsemmu u jqassmu l-forom tal-ħajja. Imma f'xi tqassim prinċipali hemm qbil ftit jew wisq unanimu.

### Gruppi fi gruppi fi gruppi

Bħala speċi, il-bniedem *Homo sapiens* qiegħed fil-grupp tal-vertebrati, li jinkorpora xi 65,000 speċi. Vertebrati huma annimali li għandhom vertebra, jiġifieri x-xewka (jew is-sinsla) tad-dahar. Hemm varjetà kbira ta' vertebrati, għalhekk l-istudjużi qassmu dan il-grupp enormi ta' annimali fi gruppi iżgħar jgħidulhom klassijiet (*classes*) skont xebh iktar omoġenju. Aħna qegħdin fil-klassi tal-mammiferi; il-klassijiet l-oħrajn huma l-ħut, ir-rettili, l-amfibji u l-għasafar.

Il-klassi tal-għasafar tiġbor fiha xi 10,000 speċi, u qalb dawn l-ispeċi kollha hemm ukoll varjetà kbira. Għalhekk anke l-klassi tkompli tinfired fi gruppi iżgħar, li jgħidulhom ordnijiet (*orders*), u kull ordni tkompli tinqasam f'familji (*families*). Kull familja titqassam f'numru ta' ġenri (*genera*), u kull ġenru (*genus*) ikun fih numru ta' speċi (*species*). Dal-proċess ta' tqassim jissejjaħ klassifikazzjoni u jsir mal-forom kollha tal-ħajja.

F'Malta s'issa dehru ftit iktar minn 400 speċi ta' għasafar, minn xi 65 familja differenti (ara t-Tabella 1). Forsi 400 jidher numru żgħir meta tqabblu ma' dawk l-10,000, imma huwa numru sorprendenti meta tqis iċ-ċokon ta' artna, speċjalment għal ħafna li jaħsbu li Malta għasafar tal-bejt biss għandna! Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-ispeċi ma jgħixux magħna imma jiġu u jmorru, u ħafna minnhom huma rari. Però wħud huma komuni u jgħixu u jbejtu Malta, u jaf bihom kulħadd.

Peress li l-għasafar itiru, minn dejjem saħħruna u qajmu fina l-kurżità (u xi ftit għira wkoll). Meta xi ħaġa tiġbidlek l-attenzjoni tkun trid taf dwarha, imqar x'jisimha. Xejn inqas l-għasafar. Bħalma lsien huwa ħaġa ħajja li tinbidel u tevolvi mal-bidliet fil-ġrajja, fil-kultura u fil-fehmiet tal-bniedem, hekk ukoll jinbidlu u jevolvu l-ismijiet.

### Ma jaqgħux mis-sema

Ġeneralment l-ismijiet ma jaqgħux mis-sema. Ħafna ismijiet tal-għasafar huma deskrittivi u jirriflettu xi fattizz partikolari. Ngħidu aħna, il-**paletta** jisimha hekk minħabba l-munqar stramb forma ta' moqdief. Is-**serra** għandha ringiela snien irqaq ma' xifer munqarha li qishom serrieq, u l-**kruċjat** (mit-Taljan *croce* = salib) għandu l-munqar ta' fuq imqabbeż fuq il-munqar ta' taħt, bħal salib. Ix-**xifa** għandha munqarha qisu dik l-għodda stramba bit-tarf milwi – jgħidulha xifa – li juża l-iskarpan biex itaqqab il-ġlud. Il-**fjamma** għandha denbha ħamrani bħal fjamma nar, u l-**kuda** (mit-Taljan *coda* = denb) għandha denbha b'disinn iswed u



Paletta Ritratt ta' Aron Tanti

abjad jispikka ħafna. Il-**qattus** huwa speċi ta' kokka li minħabba l-wiċċ tond, għajnejn kbar u par rixiet imqajmin fuq rasha qishom widnejn, min semmieha ma felaħx ma jxebbahhiex mal-felin familjari! U min semma lill-**monakella** (mit-Taljan *monaco* = patri) bla dubju d-disinn ta' rixha fakkru fiċ-ċoqqa sewda u bajda tal-patrijiet Dumnikani. L-istess il-**pitirross** (mit-Taljan *petto rosso* = sider aħmar) issemma għas-sider ħamrani li għamlu famuż.


Monakella — Ritratt ta' Victor Falzon

Hemm imbagħad għasafar li ssemmew mhux għad-dehra tagħhom imma għal xi mġiba partikolari li tispikka fihom, bħall-**ħuttafa** li taħtaf l-insetti mill-ajru, il-**bumistur** li jħobb joqgħod mistur (= moħbi) qalb il-weraq, u l-**blonġun** (mill-Franċiż *plonger* = togħdos) li jogħdos għall-ħut. Xi oħrajn issemmew għall-ikel li jieklu, bħall-**qerd in-naħal**, iż-**żanżarell** (mit-Taljan *zanzara* = nemusa) u l-**bekkafik** (mit-Taljan *becca* + *fico* = inaqqar it-tin).

Ħafna ismijiet tal-għasafar spiss ikunu jikkonsistu f'nom u aġġettiv li jiddeskrivuhom. Dawn l-aġġettivi spiss ikunu kuluri, u hemm


Ħuttafa — Ritratt ta' Aron Tanti

ruxxmata minn dawn, fosthom it-**tajra safra**, il-**bagħdan aħmar**, il-**malvizz iswed**, l-**avultun abjad** u d-**daqquqa kaħla**. Xi aġġettivi jirreferu għad-daqs, bħall-**bufula prima**, ir-**rundun żgħir** u d-**durrajsa qerqnija** (kelma ftit li xejn komuni, li tfisser żgħira).


Bagħdan Aħmar — Ritratt ta' Aron Tanti

Xi ismijiet huma kkwalifikati mhux minn aġġettiv imma minn kliem li jirreferi għal xi fattizz partikolari, pereżempju d-**daqquqa tat-toppu**, iż-**żanżarell tat-tikek**, il-**kuċċarda tal-kalzetti** u ċ-**ċirlewwa tal-mustaċċi**. Ismijiet oħra jirreferu għall-ambjent tipiku tal-ispeċi, bħall-**kokka tax-xagħri**, ir-**russett tas-siġar**, il-**bufula tal-qasab** u l-**għasfur tal-bejt**. Oħrajn jindikaw ir-reġjun minn fejn l-iktar li jiġu, bħad-**diżż tal-lvant**, il-**fjamma tat-Tuneżija**, il-**ganga ta' Spanja** u l-**girwiel Amerikan**.

Imbagħad hemm diversi ismijiet li jirriflettu mhux id-dehra tal-għasfur imma l-għajta, it-tisfira jew l-għanja tiegħu. Fost dawn l-ismijiet onomatopejċi nistgħu nsemmu l-**kwakka**, il-**gurlin**, il-**pispisella**, iċ-**ċuvett**, iċ-**ċewċewwa**, id-**daqquqa**, il-**buċaqq**, il-**pespus**, id-**diżż**, iz-**zakak** u l-**ġaħġaħ**. Dawn l-istramberiji ta' ismijiet


Daqquqa tat-Toppu — Ritratt ta' Aron Tanti

huma lkoll attentati minn min semmiehom biex jimita l-ħsejjes li jagħmlu dawn l-ispeċi. Xi ismijiet oħrajn jirreferu għal-leħen b'analoġija flok bl-onomatopea, pereżempju l-**vjolin**, iċ-**ċuqlajta**, it-**trumbettier** u l-**bufula tal-ġurati**.

Interessanti l-fatt li minkejja li xi ismijiet (bħal monakella, kuda, fjamma, vjolin, russett, eċċ.) ġejjin minn kliem Taljan, l-ismijiet Taljani ta' dawn l-istess speċi huma differenti ħafna minn dawk li ngħataw f'Malta. Fi kliem ieħor, l-ismijiet Maltin ta' dawn l-għasafar huma oriġinali u mhux ikkupjati minn ismijiet barranin. Sintendi dan ma jfissirx li m'hemmx każijiet ta' self fin-nomenklatura tal-għasafar. Hemm viżibilju! Ismijiet bħal **ċinju**, **sarsella**, **fjamingu**, **rundun**, **ċikonja**, **kapinera**, **barbaġann**, **sparvier** u **bekkafik** huma kkupjati direttament mill-ismijiet tal-istess għasafar mit-Taljan jew mill-Franċiż u baqgħu prattikament l-istess, sintendi ħlief fl-ortografija. Oħrajn maż-żmien tfattru xi ftit u nbidlu, bħas-**silfjun** (mill-Franċiż *siffleur* = xi ħadd li jsaffar).

Il-fenomenu ta' self ta' kliem bejn l-ilsna huwa tista' tgħid universali, u tajjeb infakkru li dan mhux xhieda – kif jaħsbu xi nies – ta' lingwa fqira parassita. Huwa l-proċess naturali u affaxxinanti fejn ilsna ħajjin jevolvu maż-żmien.

### Taħbila ta' ismijiet


Kuda tal-Atlas — Ritratt ta' Aron Tanti

Fejn jidħlu ismijiet ta' għasafar żgur ma tistax tgħajjar l-ilsien Malti fqir. Mal-milja tas-snin ħafna għasafar ingħataw iktar minn isem wieħed, xi drabi kwantità impressjonanti. Skont Sultana (2002), iċ-ċkejkna **bufula ħamra**, pereżempju, kienet tissejjaħ ukoll *għasfur il-ħarrub*, *għasfur tal-gamiem*, *buliff*, *bukħajla*, *buċaqqa tax-xagħri*, *ġurina*, *ġorlina*, *buċeqċiqa* u *biċiċra*!


Bufula Ħamra — Ritratt ta' Aron Tanti

Din ir-rikkezza fin-nomenklatura tal-għasafar hija fenomenu speċjali, għax mhux normali li grupp ta' annimali jnebbaħ tant immaġinazzjoni. Għalhekk din hija xhieda tal-interess li l-bniedem dejjem wera fl-għasafar mal-milja tas-sekli. B'eċċezzjonijiet żgħar, dil-varjetà ta' ismijiet ma ssibhiex, ngħidu aħna, fl-insetti, għax lejn l-insetti l-bniedem iktar wera stmerrija milli interess. Għalkemm biex inkunu għedna kollox, ħafna mill-interess fl-għasafar iktar kien ta' natura gastronomika milli ekoloġika jew romantika! Dari għall-biċċa l-kbira tal-poplu fqir, l-uniku ċans li wieħed jiekol loqma laħam kien minn dak li jaqbad. Kollox – minn **pespus** sa **pellikan** – kien jittiekel!

Minkejja l-faxxinu ta' din ir-rikkezza ta' nomenklatura, jibqa' l-fatt li diffiċli tagħmel sens jekk m'għandekx ċerta ordni. Minn mindu twaqqfet fl-1962, BirdLife Malta ħasset il-bżonn li xi darba trid tħoll it-taħbila fin-nomenklatura ornitoloġika Maltija. Dan kien hemm bżonnu kemm għal finijiet xjentifiċi imma anke biex twassal id-dinja tal-għasafar lil udjenza iktar wiesgħa. Kien jeħtieġ taħriġ ta' simplifikar ħalli fl-aħħar tinħareġ lista uffiċjali ta' ismijiet li tkun mhux biss kompleta imma tkun ukoll ħielsa minn repetizzjonijiet, żbalji, traqqigħ, lakuni u ambigwità.

### Taħriġ bir-reqqa

Għall-ewwel dan it-taħriġ sar bil-mod, imma fl-2003 sar sforz iktar profond u ħolistiku biex jissolvew kemm jista' jkun problemi. X'kienu dawn il-problemi?

*Speċi waħda, ħafna ismijiet*

Ħafna għasafar kellhom (kif diġà rajna) iktar minn isem wieħed, uħud mill-ismijiet

magħrufin biss minn reġjun – kultant anke raħal wieħed – partikolari. Dawn l-ismijiet tfaċċaw fi żmien meta l-komunikazzjoni bejn komunitajiet kienet fjakka jew ineżistenti, anke għax dari ftit nies kienu jafu jaqraw jew jiktbu. Għalhekk ħafna ismijiet, bħal ħafna kliem, żviluppaw f'iżolament. Il-battikata issa kienet biex minn qawsalla ta' ismijiet jintgħażel *wieħed biss* u uniku biex jirrappreżenta uffiċjalment kull speċi. Mhux dejjem kien faċli li twarrab ismijiet imma mxejna fuq kriterji xjentifiċi u prattiċi bla ma ħallejna barra l-isfond soċjali u kulturali.

*Ħafna speċi, isem wieħed*

Kien hemm imbagħad diversi speċi li kellhom l-istess isem, jew isem vag, pereżempju numru sew ta' speċi ta' buful u vjolini kienu jissejħu b'mod ġeneriku *tal-maltemp*. Dan kien sors ta' ħafna konfużjoni jew ġeneralizzazzjoni. Ħafna għasafar li jixxiebhu kienu spiss jingħataw l-istess isem bla ħafna taħbil il-moħħ, aktarx għax kienu jaħsbuhom l-istess speċi. Biex eliminajna din il-problema qgħadna attenti li l-ismijiet ta' kull speċi jkunu uniċi. Gruppi ta' speċi li jiġu minn xulxin, ngħidu aħna s-sitt speċi ta' ajkli, ilkoll issemmew *ajkla*, imma mbagħad kull waħda żdidilha aġġettiv jew kelma/frażi deskrittiva biex tifridha mill-ispeċi l-oħra, pereżempju l-**ajkla bajda**, l-**ajkla rjali**, l-**ajkla tal-baħar**, eċċ.

*Ismijiet twal*

Diversi ismijiet kienu twal wisq u mhux prattiċi. Wieħed mill-kriterji biex stabbilixxejna l-elenku tal-ispeċi kien li l-ismijiet ikunu qosra kemm jista' jkun: isem b'kelma waħda aħjar minn bi tnejn, u bi tnejn aħjar minn bi tlieta. B'hekk naqqasna ħafna bombastiċità u kliem żejjed min-nomenklatura, u ħriġna b'ismijiet sempliċi u ħafna iktar aċċessibbli pereżempju għat-tfal. Għalhekk *sultan il-gamiem tat-toppu* sar **daqquqa prima**. Xi ismijiet kienu twal bla bżonn ukoll minħabba tendenza (ftit nieqsa mill-immaġinazzjoni) li ssir traduzzjoni diretta mill-Ingliż. Għasfur rari mill-Amerka li bl-Ingliż jismu *red-eyed vireo* kien għall-ewwel issemma *virju t'għajnu ħamra*. Dan tqassar għal sempliċi **virju**. L-istess iċ-*ċinju mutu* (minn *mute swan*) tqassar għal **ċinju**, anke wkoll għax dan l-għasfur mhux veru mutu! Tendenza oħra kerha hi li xi speċi li bl-Ingliż issemmew għal nies – bħal *Radde's warbler* u *Pallas's leaf-warbler* – bdew jitfaċċaw fil-Malti wkoll u għal xi snin kellna l-*vjolin ta' Radde* u l-*vjolin ta' Pallas*. B'kull rispett lejn in-naturalisti ċelebri Gustav Radde u Peter Pallas, ismijiet bħal dawn ma jgħidulna xejn dwar l-għasfur, u kienu każ ieħor ta' qlib dirett mill-Ingliż. Għalhekk kien hemm qbil li ismijiet ta' din ix-xorta ma jibqgħux aċċettabbli. Il-*vjolin ta' Radde* sar **vjolin tas-Siberja** u l-*vjolin ta' Pallas* sar **vjolin tal-ferq**.

*Xjentifikament skorretti*

Uġigħ ta' ras ieħor kien li diversi ismijiet kienu żbaljati xjentifikament. Irridu niftakru li ħafna ismijiet ingħataw sekli ilu minn nies ta' ftit skola u wisq inqas reqqa xjentifika. Każ komuni ta' skorrettezza xjentifika kien li diversi speċi – 14 biex inkun preċiż – kienu ssemmew *bagħal*. Bagħal ifisser *hybrid*, jiġifieri l-ferħ infertili mill-għaqda ta' żewġ speċi differenti. Hemm ħafna speċi ta' għasafar li jixxiebhu, u f'għajnejn min mhux imħarreġ fl-ornitoloġija dawn jistgħu jagħtu l-impressjoni li huma ibridiżmu bejn żewġ speċi. Sintendi dan mhux il-każ imma dak l-isem *bagħal* baqa' jippersisti fin-nomenklatura anke meta sar ovvju li dawn kienu kollha speċi distinti. Taħt il-lenti l-ġdida, ir-referenzi kollha għall-kelma *bagħal* tneħħew min-nomenklatura ornitoloġika. B'hekk l-imsejken *bagħal tal-imrewħa* sar **bufula tal-imrewħa**, il-*bagħal tal-ġojjin* sar **ġojjin sekond**, eċċ. Fl-istess nifs ħlisna wkoll minn kelma li għal ħafna nies hija xi ftit vulgari.

F'dak it-taħriġ inbidlu b'kollox l-ismijiet ta' 70 speċi u l-lista ħadet ir-ruħ. Baqa' xi tikmix x'jiġi llixxat imma l-kinsa l-kbira saret.

**Ix-xogħol ma jiqafx**

Il-frott ta' dan it-taħriġ ġie ppubblikat fl-2004 fi ktejjeb żgħir fid-daqs imma kbir fil-valur. Il-ktejjeb kien jiġbor fih 381 speċi, li kien it-total ta' speċi li sa dik is-sena kienu approvati li dehru fil-Gżejjer Maltin. Illum il-lista telgħet għal 402 speċi.

Wieħed jistaqsi: Imnejn ġew l-ispeċi ġodda? Dawk huma kollha speċi ta' għasafar li dehru għall-ewwel darba f'Malta f'dawn l-aħħar snin, fosthom il-**girwiel tal-bekkaċċ**, il-**kaċċamendula tal-Asja** u r-**rożinjol tas-Siberja**. Bis-saħħa ta' trombi u apparat fotografiku eċċellenti, u bl-aċċess għal tagħrif globali u komunikazzjoni kontinwa, in-naturalisti tal-lum huma armati ħafna aħjar milli kienu l-istudjużi

ta' mitt sena ilu. Għalhekk ma tiskantax li dażżmien kważi ma tgħaddix sena li n-naturalisti ma jilmħux speċi ġodda ta' għasafar f'pajjiżna.

Sintendi kull speċi ġdida li tidher (jekk u wara li tiġi verifikata bħala rekord awtentiku mill-Kumitat Rarità u Rekords tal-BirdLife) ikollha bżonn titgħammed b'isem ġdid Malti. Dan l-isem jingħata wara diskussjoni bejn riċerkaturi u nies midħla fis-suġġett. It-tir huwa dejjem li l-ismijiet ikunu korretti, utli, eleganti u aċċessibbli għal kulħadd. Il-ħsieb aħħari huwa li jkompli jixxerred it-tagħrif ħalli jiġġenera faxxinu fin-nies lejn l-għasafar u l-bqija tan-natura.

## Referenzi


Aquilina, J. (1987) *Maltese-English Dictionary* Vols 1 & 2, Midsea Books

Bonavia, E. (2020) The first record of Brown Shrike. *Il-Merill* 34: 85–86, BirdLife Malta

*Checklist of the Birds of Malta* (2004), BirdLife Malta

Coleiro, C. & Galea, N. (2020) First occurrence of Long-billed Dowitcher *Limnodromus scolopaceus* (Say, 1823) in the Maltese Islands. *Il-Merill* 34: 90–91, BirdLife Malta

Gauci, C., & Sultana, J. (1971) Systematic List for 1967–1970. *Il-Merill* 5: 1–24, Malta Ornithological Society

Gauci, M. & Mallia, M. (2010) First record of the Siberian Rubythroat *Luscinia calliope* in the Maltese Islands. *Il-Merill* 32: 40, BirdLife Malta

Roberts, E.L. (1953) *The Birds of Malta*, Progress Press

Sultana, J. (2002) *L-Għasafar ta' Malta*, PIN

Sultana, J. & Borg, J.J. (2015) *History of Ornithology in Malta*, BirdLife Malta

Sultana, J., Borg, J.J., Gauci, C. & Falzon, V. (2011) *The Breeding Birds of Malta*, BirdLife Malta

Sultana, J. & Falzon, V. (Eds) (1996) *Wildlife of the Maltese Islands*, EPD

Sultana, J. & Gauci, C. (1979) *L-Agħsafar*, Malta Ornithological Society

Sultana, J. & Gauci, C. (1982) *A New Guide to the Birds of Malta*, Malta Ornithological Society

Sultana, J., Gauci, C. & Beaman, M. (1975) *A Guide to the Birds of Malta*, Malta Ornithological Society


| Familja | Membri |
|---|---|
| Phasianidae | faġani, summien u ħeġel |
| Anatidae | ċinji, wiżż u borok |
| Podicipedidae | blonġuni |
| Phoenicopteridae | fjamingi |
| Columbidae | tudun u gamiem |
| Pteroclididae | gangi |
| Caprimulgidae | bqaraq |
| Apodidae | rundun |
| Cuculidae | daqquq |
| Rallidae | glalez |
| Gruidae | graw |
| Otididae | pitarri |
| Gaviidae | bugħaddasa |
| Hydrobatidae | kanġi |
| Procellariidae | ċief u garni |
| Ciconiidae | ċikonji |
| Threskiornithidae | vellerani u paletti |
| Ardeidae | irsieset u agretti |
| Pelecanidae | pellikani |
| Sulidae | sul |
| Phalacrocoracidae | mragen |
| Burhinidae | tellerit |
| Haematopodidae | gallin il-baħar |
| Recurvirostridae | xif u fras-servjenti |
| Charadriidae | pluvieri, birwin u venew |
| Scolopacidae | griewel, bkakeċ, pispisell, gurlini u barużi |
| Glareolidae | nankin u perniċjott |
| Laridae | gawwi |
| Sternidae | ċirlew |
| Stercorariidae | skuwa |
| Alcidae | mwies u purċinelli |
| Tytonidae | barbaġann |
| Strigidae | kokk |
| Pandionidae | arpa |
| Accipitridae | kuċċard, astuni, ajkli, avultuni, bgħadan u sparvieri |
| Upupidae | daqquq tat-toppu |
| Meropidae | qerd in-naħal |
| Coraciidae | frareġ |
| Alcedinidae | għasafar ta' San Martin |
| Picidae | bulebbieta |
| Falconidae | isqra u bisien |
| Oriolidae | tajr isfar |
| Vireonidae | virji |
| Laniidae | kaċċamendul |
| Corvidae | ċawl, ċawluni u korvi |
| Paridae | primaveri u fjorentini |
| Remizidae | pendulini |
| Alaudidae | alwett u bliebel |
| Cisticolidae | buful tal-imrewħa |
| Acrocephalidae | xi bekkafiki u xi buful |
| Hirundinidae | ħuttaf u ħawwief |
| Sylviidae | vjolini, xi buful u xi bekkafiki |
| Tichodromadidae | daqquq tal-ġebel |
| Troglodytidae | bumisturi |
| Cinclidae | għasafar tax-xmajjar |
| Sturnidae | sturnell |
| Turdidae | mlievez |
| Muscicapidae | rożinjoli, żanżarelli, fjammi, buċaqq, kud, pitirross u merilli |
| Regulidae | vjolini tax-xemx u tal-qamar |
| Bombycillidae | sultan l-isponsuni |
| Prunellidae | żwiemel |
| Passeridae | għammilin |
| Motacillidae | bilbluni, diżżijiet u zizka |
| Fringillidae | għasafar tal-għana |
| Emberizidae | durrajs u ortolani |

Tabella 1: Il-Familji tal-Għasafar

Victor Falzon huwa naturalist u għalliem mal-BirdLife Malta

# It-traduzzjoni tal-kliem "Grounds", "Reasons", "Motivation" fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE

Joette Borg




Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Lussemburgu

"Grounds", "Reasons", u "Motivation": tliet kelmiet komuni li f'ħajjitna nisimgħuhom kontinwament, u li nsibuhom spiss fit-testi legali tal-Unjoni Ewropea.

Tiftixa f'dizzjunarju turi li, għall-iskopijiet tagħna[1] "ground" hija deskritta bħala "raġuni, kawża jew argument"[2] filwaqt li "reason" hija spjegata bħala "l-kawża ta' avveniment jew sitwazzjoni jew xi ħaġa li tipprovdi spjegazzjoni".[3] Fir-rigward ta' "motivation", it-tifsira mogħtija hija "l-ħtieġa jew ir-raġuni sabiex issir xi ħaġa".[4] Hawnhekk diġà naraw li sabiex wieħed jislet distinzjoni bejniethom, speċjalment mingħajr kuntest, mhuwiex faċli.

> ...t-tifsira ta' kull kelma tvarja skont il-kuntest li tkun tinsab fih

Fil-kuntest ġuridiku jaf jieħdu tifsira iktar partikolari minn kif nużawhom fil-ħajja ta' kuljum. Għal distinzjoni bażika bejn "**grounds**" u "**reasons**" se nirreferi għat-tifisira ta' "grounds" f'dizzjunarju legali online[5] li jgħid li huma l-bażi fil-liġi li fuqhom bniedem ikun jista' jiftaħ kawża jew jitlob kumpens, fost oħrajn. Għalhekk, jekk pereżempju żewġ konjuġi ma jinġibux bejniethom u l-ħin kollu jiġġieldu, dik jaf tkun ir-raġuni li għaliha ma jridux jibqgħu flimkien. Iżda jekk iridu jitolbu l-annullament, dik ir-raġuni jaf ma tkunx biżżejjed għax ma hijiex waħda mis-sitwazzjonijiet imniżżla speċifikament fil-liġi li abbażi tagħha jistgħu jitolbu l-annullament ċivili.[6] Bl-Ingliż, dawn is-*sitwazzjonijiet imniżżla*

[1] Dan għaliex jingħataw diversi tifsiriet għal kull waħda minn dawn il-kelmiet, bħal pereżempju t-tifsira ta' "ground" bħala "art li tintuża għal attività", eżempju "football ground", li jmur lil hinn mill-iskop ta' dan l-artiklu.
[2] https://dictionary.cambridge.org/dictionary/english/ground, fil-21 ta' Jannar 2022.
[3] https://dictionary.cambridge.org/dictionary/english/reason, fil-21 ta' Jannar 2022.
[4] https://dictionary.cambridge.org/dictionary/english/motivation
[5] https://legal-dictionary.thefreedictionary.com/Grounds, fil-21 ta' Jannar 2022. Ara wkoll Black's Law Dictionary, id-Disa' Edizzjoni, ISBN: 978-0-314-19949-2, p. 772. F'dawn l-istess dizzjunarji legali, il-kliem "reason" u "motivation" ma jinstabux.
[6] Ara l-Artikolu 19 tal-Att dwar iż-Żwieġ (Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta).

*speċifikament fil-liġi* jissejħu "grounds".

Din id-distinzjoni fina u li mhux dejjem tiġi pperċepita minn dak li jkun taf tagħti problemi biex wieħed jirriflettihom f'dokument. Wieħed għandu wkoll jifhem li t-tifsira ta' kull kelma tvarja skont il-kuntest li tkun tinsab fih (speċjalment f'kuntesti iktar amministrattivi u inqas ġuridiċi) u huwa wkoll għalhekk li ma għandniex noqogħdu fuq l-'ewwel kelma li titla'' meta nagħmlu tiftixa, anki f'sorsi interistituzzjonali affidabbli u rriċerkati, bħall-IATE.[7]

Fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma hemmx gwida speċifika ta' meta għandna nużaw il-kelma "raġuni" jew "motiv" jew saħansitra l-kelma "bażi". Il-prassi titlob li tintuża l-kelma "motiv" għal dak kollu li, kif spjegat iktar 'il fuq, jirreferi għal dak li bl-Ingliż legali jissejjaħ "ground" jew anki "plea in law".[8]

Dan narawh ħafna fir-rikorsi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. Il-frażi tipika tkun taqra hekk:

> Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' **motivi**.

li bl-EN din tkun taqra:

> In support of the action, the applicant relies on four **pleas in law**.

L-istess jiġri fil-punti li jkunu jinsabu fil-parti prinċipali ta' sentenza[9] tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. Għalhekk, insibu:

> L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ...

Din bl-EN tkun miktuba hekk:

> The first plea alleges that...

Il-kelma "motiv" tintuża wkoll lejn l-aħħar ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, fi frażijiet pjuttost standardizzati fejn insibu:

EN: On those **grounds**, the Court hereby rules:
MT: Għal dawn il-**motivi**, il-Qorti tal-Ġustizzja taqta' u tiddeċiedi:

> ...t-tifsira ta' kull kelma tvarja skont il-kuntest li tkun tinsab fih

Ħarsa lejn it-Teżawru li nużaw fi ħdan id-Diviżjoni Maltija tal-Qorti tal-Ġustizzja turi li fi frażijiet inqas standard u ta' natura iktar amministrattiva u mhux neċessarjament ġuridika, it-traduzzjoni għal "ground" tkun "raġuni" (eż. raġuni ta' ekwità, raġunijiet assoluti/relattivi ta' invalidità – fil-kuntest ta' trade marks).

Il-Liġijiet ta' Malta wkoll jagħtuna ħjiel ta' kif jitħaddem dan il-kliem. Pereżempju, fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), kull fejn hemm il-kelma "reason/s" tintuża "raġuni/jiet" iżda anki fejn hemm "ground/s", ta' spiss insibu "raġuni/jiet".[10] L-istess jidher li jseħħ fil-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) u fil-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).[11] Xi eżempji mill-Kap 12:[12]

EN: Hearing of **grounds** of objection
MT: Smigħ tar-raġunijiet tar-rikuża

---

[7] Tiftixa fuq IATE għall-kelma "grounds" tagħti diversi traduzzjonijiet, fosthom l-entrati 758365, 3556001 u 3578388, li jużaw "motivazzjoni", "bażi" u "raġuni" rispettivament.
[8] Filwaqt li fil-Black's Law Dictionary, il-kelma "plea" hija marbuta ma' proċeduri kriminali, fil-kuntest tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, il-kelma "plea" tindika l-allegazzjoni magħmula mill-partijiet insostenn tar-rikors jew difiża tagħhom, u għalhekk kultant tintuża f'sens li jixtiebah ħafna ma' dak tal-kelma "ground".
[9] B'distinzjoni mill-parti introduttorja u d-dispożittiv ta' sentenza, jiġifieri l-punti li jkunu jinsabu fil-korp tas-sentenza fejn jiġu ppreżentati t-talbiet u l-argumenti tal-partijiet u l-kunsiderazzjonijiet tal-qorti.
[10] Mill-eżempji li osservajt, l-okkorrenzi fejn ma ntużatx "raġuni/jiet" kienu ġġustifikati mill-fatt li l-formulazzjoni tal-frażi kienet titlob kelma kompletament differenti (eż. Decision on grounds of challenge or abstention – Deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni ta' rikuża jew ta' astensjoni; Plea to the jurisdiction. Grounds of plea – Eċċezzjoni ta' inkompetenza. Meta tista' tingħata.).
[11] Fil-Kap. 16, Artikolu 623 għandna eżempju tajjeb fejn sew il-kelma "reason" u anki "ground" jiġu tradotti għal "raġuni".
[12] Ara Kap. 12, Artikolu 655; Ara Kap. 12, Artikolu 811.

EN: **Grounds** for new trial
MT: Raġunijiet għar-ritrattazzjoni

EN: Judgment to include **reasons**
MT: Is-sentenza għandu jkun fiha r-raġunijiet tad-deċiżjoni

EN: Recording of decision and **reasons**
MT: Reġistrazzjoni tad-deċiżjoni u tar-raġunijiet



Seduta tal-Qorti Ġenerali - Awla ta' tliet Imħallfin

Fi ħdan il-Qrati ta' Malta ma jidhirx li tiġi applikata xi distinzjoni bejn "raġuni" jew "motiv". Fil-fatt, f'żewġ sentenzi mogħtija viċin xulxin, lejn l-aħħar tas-sentenza nsibu kemm il-frażi "Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi..." kif ukoll "Għal dawn il-motivi din il-Qorti...".[13]

Xi ħadd li jsegwi s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE jaf ikollu t-tentazzjoni jqabbel it-traduzzjoni bil-MT mal-verżjoni EN tal-istess dokument. Jaf anki jiltaqa' ma' każijiet bħal dawn:

EN: Reasonable grounds
MT: Indizji suffiċjentement serji
EN: Obligation to state reasons
MT: Obbligu ta' motivazzjoni[14]

Faċli li dak li jkun jistaqsi bejnu u bejn ruħu xi jkun wassal lill-ġurista lingwista jittraduċi frażijiet bħal dawn b'dak il-mod. Ta' min wieħed iżomm f'moħħu li l-lingwa tal-ħidma tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE hija l-Franċiż u s-sentenzi kollha jiġu tradotti għall-Malti direttament mill-Franċiż u mhux mill-Ingliż.

Jifdal issa li nagħtu ħarsa lejn l-użu tal-kelma "**motivation**".[15] Minħabba l-influwenza u l-pressjoni tal-Ingliż f'ħajjitna, wieħed kapaċi jissoponi li t-traduzzjoni l-iktar naturali u ovvja bil-Malti hija "motivazzjoni". Madankollu, fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, peress li t-traduzzjonijiet isiru iktar mill-Franċiż, il-kelma "motivazzjoni" nużawha l-iktar fil-kuntest ta' "statement of reasons" jew "reasoning".[16] Madankollu min jittraduċi l-kelma "motivation" bl-Ingliż bħala "motivazzjoni", anki fis-sentenzi tal-Qorti, ma jkunx qed jiżbalja.

F'diversi kuntesti wieħed jista' jqis li juża wkoll it-terminu iktar ġeneriku "**bażi**", kemm meta nitkellmu dwar "ground", kemm dwar "reason" u anki dwar "motivation". Minkejja li, kif għidna, xejn ma jwaqqaf lil dak li jkun milli juża din il-kelma, fil-Qorti tal-Ġustizzja "bażi" inħalluha għal meta nitkellmu dwar "bażi legali" (legal basis).

F'dan l-artiklu, l-unika ħaġa li nistgħu nikkonkludu hija li xejn mhu mnaqqax fil-blat. Kemm "motivi", kif ukoll "raġunijiet" u "motivazzjoni" jaf ikunu traduzzjoni li taqdina meta jokkorri l-kliem mill-Ingliż li bdejna bih. F'ċerti kuntesti speċifiċi, il-prassi legali tal-Qorti titlobna noqorbu lejn xi kelma iktar milli lejn oħra, għal raġunijiet ta' konsistenza, ta' ċertezza legali u ta' kompromess bejn il-lingwa sors u l-lingwa mira.

Joette Borg hija ġurista lingwista mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

[13] Sentenza tat-22 ta' Settembru 2021 fil-Kawża K&L Attard Limited vs Il-Kontrollur tad-Dwana – Rik. Nru. 885/09JRM, u sentenza tas-26 ta' Mejju 2021, APS Bank Limited vs HD Holdings *et* – Rikors numru 901/07/1/ AF. Id-deċiżjonijiet tal-qrati f'Malta jingħataw jew bil-Malti jew inkella bl-Ingliż, iżda mhux biż-żewġ lingwi. Għalhekk, ma jistax isir tqabbil multilingwi għall-istess test.
[14] Ara s-sentenza fil-Kawża T-325/16.
[15] Il-kelma "motivation" la tinstab fil-Kap. 9, la fil-Kap. 12 u lanqas fil-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[16] Bil-Franċiż, dawn iż-żewġ termini nsibuhom bħala "motivation" – eżempju "Nécessité d'une motivation explicite" – EN: Need for express statement of reasons – MT: Neċessità ta' motivazzjoni espliċita, u "Interprétation de la motivation d'un acte administratif" – EN: Interpretation of the reasoning of an administrative measure – MT: Interpretazzjoni tal-motivazzjoni ta' att amministrattiv. Dawn it-traduzzjonijiet huma meħuda mit-Teżawru li naħdmu bih fil-Qorti tal-Ġustizzja.

terM attwalità

# mexxej/kap vs minn ta' quddiem nett/ protagonista

Spiss niltaqgħu mat-terminu leader. Bil-Malti dan it-terminu mhux dejjem għandu jiġi tradott bl-istess mod.

It-terminu leader jaf ikun qed jirreferi għal *awtorità* u allura **mexxej/kap** taqdina tajjeb (eż. political leader = **mexxej/kap** politiku).

Min-naħa l-oħra, it-terminu leader jaf ikun qed jirreferi għal *pożizzjoni fl-ordni jew fil-mertu* (eż. The EU's position as a world leader in science = Il-pożizzjoni dinjija tal-UE hija **minn ta' quddiem nett** fix-xjenza). Barra minn hekk, xi drabi, tali pożizzjoni jew irwol ikunu wkoll kondiviżi ma' oħrajn (eż. The EU has a leading role in this sector together with China = L-UE għandha rwol **minn ta' quddiem nett** f'dan is-settur flimkien maċ-Ċina jew L-UE għandha rwol ta' **protagonista** f'dan is-settur flimkien maċ-Ċina).

Ħajr lil Clyde Triganza, traduttur mal-Kummissjoni Ewropea, għal din ir-rokna terminoloġika

# Il-lista tal-pajjiżi, it-territorji u l-muniti — l-Anness A5 tal-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali

Joseph Mizzi

Għodda importanti sabiex l-Istituzzjonijiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea kemm jista' jkun jimxu ma' linji komuni bil-għan li jkun hemm standardizzazzjoni fil-pubblikazzjonijiet maħruġa mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, bla dubju hija l-*Gwida tal-Istil Interistituzzjonali*. Din il-Gwida ilha fis-seħħ mill-**1997**, oriġinarjament fi 11-il lingwa, li eventwalment ġew estiżi għal 24, inkluż il-Malti fl-**2004**, u tikkonsisti f'erba' partijiet: (1) Il-Ġurnal Uffiċjali; (2) Pubblikazzjonijiet ġenerali; (3) Konvenzjonijiet komuni għal-lingwi kollha; u (4) Pubblikazzjonijiet bil-Malti. Fiha wkoll tnax-il Anness. L-**Anness A5** huwa wieħed mill-iktar taqsimiet aċċessati minn tradutturi fl-Istituzzjonijiet kollha. Dan l-Anness jittratta l-**lista tal-pajjiżi, it-territorji u l-muniti**.[1]

F'artiklu li deher fil-ħarġa Nru 2 ta' *l-aċċent*, f'**Marzu 2010**, Andrew Sammut, traduttur fid-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni, kien esprima t-tħassib tiegħu dwar għadd ta' nuqqasijiet li kienu jinsabu fil-lista tal-pajjiżi dak iż-żmien. Dawn in-nuqqasijiet kienu jikkonsistu fi żbalji ortografiċi, inkonsistenzi fil-mod kif ġew tradotti ċerti ismijiet ta' pajjiżi u muniti, alfabetizzazzjoni żbaljata, eċċ.

Fl-**2010** din il-lista kienet tikkonsisti f'ġabra ta' ismijiet ta' pajjiżi qosra u sħaħ, bliet kapitali u/jew ċentri amministrattivi, demonimi u aġġettivi, u muniti u s-suddiviżjoni tagħhom, meħuda minn **sorsi governattivi f'Malta**.

Qabel id-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, u qabel it-twaqqif tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti fl-2004, l-awtorità fuq il-kitba korretta tal-ismijiet tal-pajjiżi kienu jkunu d-dizzjunarji stabbiliti, l-ewwel fost dawn il-*Maltese English Dictionary* tal-Prof. Ġużè Aquilina.[2] Il-lista *ListCountriesandtheirDerivatives.xls*, li tissemma fl-artiklu fil-ħarġa Nru 2 ta' *l-aċċent*, kienet ibbażata fuq dak li nsibu fid-dizzjunarju ta' Aquilina, b'xi tibdiliet bħal il-Baħrejn minflok il-Baħrajn, it-Tuneżija minflok it-Tuniżija u ż-Żambja minflok iz-Zambja, fost oħrajn.

Fl-2009, waqt laqgħa interistituzzjonali flimkien ma' rappreżentant tal-Kunsill tal-Malti, kien sar tentattiv, mitlub mill-Istituzzjonijiet Ewropej lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, biex l-anomaliji, almenu dawk ortografiċi-fonoloġiċi, bħall-Islanda, l-Isvezja u l-Isvizzera, jiġu emendati għall-**Iżlanda**, l-**Iżvezja** u l-**Iżvizzera**. Dan it-tentattiv, iżda, falla hekk kif l-awtoritajiet fil-Ministeru tal-Edukazzjoni f'Malta responsabbli mill-Kunsill tal-Malti, iddeċidew li jwaqqfu kollox u mit-tibdil propost ma jsir xejn. Madankollu, dakinhar tal-laqgħa, il-Kunsill tal-Malti ngħata l-fakultà biex jipproponi lista ġdida, studjata sew u standardizzata.

F'**Diċembru tal-2014** il-Kunsill tal-Malti għadda lill-Istituzzjonijiet Ewropej lista sħiħa u aġġornata, fejn l-ismijiet tal-pajjiżi, il-bliet kapitali tagħhom, l-aġġettivi u d-demonimi, u l-muniti tagħhom, isegwu numru ta' kriterji ċari. Dan ix-xogħol sar mill-Kumitat Tekniku tat-Terminoloġija fi ħdan il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, bis-sehem sħiħ tad-Dipartiment tal-Malti, id-Dipartiment tal-Istudji tat-

[1] Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet — Gwida tal-Istil Interistituzzjonali — Anness A5 — Il-lista tal-pajjiżi, it-territorji u l-muniti (europa.eu)
[2] Aquilina, Ġużè. *English Maltese Dictionary Volume 2 M-Z and Addenda*, Midsea Books Ltd Malta (1990, p. 1659-63).

Traduzzjoni, tat-Terminoloġija u tal-Interpretar, u l-Istitut tal-Lingwistika fl-Università ta' Malta bejn **Novembru 2013 u Mejju 2014**.

Hawn taħt qiegħed nirriproduċi l-kriterji użati mill-Kunsill tal-Malti fit-tfassil tal-lista li nsibu fl-Anness A5 tal-Gwida tal-Istil, hekk kif mibgħuta lill-Istituzzjonijiet.

Skont il-Kunsill tal-Malti, "Il-lista tittratta qasam partikolari ta' nomi propji. Għal raġunijiet storiċi u kulturali, nomi propji, bħall-ismijiet tal-lokalitajiet u tan-nies, jinkitbu b'modi differenti u għalhekk mhux possibbli tuża kriterju wieħed għalihom kollha meta tiġi biex tiktibhom.

Minn banda, uħud mill-ismijiet għandhom il-forma tagħhom li tintegra u tinkiteb la Maltija (eż. Birkirkara, Ħaż-Żebbuġ; Ġużi, Karmena), u mill-banda l-oħra hemm ismijiet li, għalkemm ilhom jintużaw fostna, xorta waħda huma aċċettati b'ortografija oħra (eż. Pembroke, Tal-Pietà; James, Yvonne). L-istess insibu fil-qasam tal-ismijiet tal-pajjiżi u l-bliet. Għalhekk, il-kriterji użati għall-kitba tagħhom jirrispettaw din il-konvenzjoni:

1. Meta l-isem ikollu forma Maltija konvenzjonali[3] jinkiteb bil-forma Maltija tiegħu (eż. iċ-Ċina, il-Kajr, il-Marokk, il-Messiku, Pariġi, Spanja).

2. Meta l-isem, minkejja li ma jkollux forma Maltija konvenzjonali, ikun jintuża bl-ortografija Maltija bi frekwenza sinifikanti, jibqa' jinkiteb bl-iktar forma mifruxa[4] tiegħu (eż. l-Afganistan, l-Ażerbajġan, il-Kamerun, it-Tajwan).

3. Meta l-isem la jkollu forma konvenzjonali u lanqas forma ortografika Maltija li tintuża ħafna, jinkiteb bħall-forma kurrenti tiegħu fil-lingwa pont[5] (eż. Buenos Aires, Guernsey, New Zealand, Reykjavik, Washington DC), inkluż meta l-isem ikollu dijakritiċi li ma jintużawx fil-Malti (eż. Agaña, Curaçao, il-Gżejjer Åland, São Tomé).

[3] B'forma Maltija konvenzjonali qed nifhmu forma li ilha tintuża ħafna u ndrat.
[4] B'forma mifruxa qed nifhmu l-isem li huwa użat regolarment fil-mezzi tax-xandir u fil-gazzetti u fl-użu uffiċjali amministrattiv. Għalhekk id-deċiżjoni fuq il-kitba tal-isem qed issegwi l-frekwenza tal-użu tiegħu f'dawn is-sorsi kollha. Ġew ikkonsultati wkoll il-korpus tal-MLRS u xi siti oħra.
[5] Il-lingwa pont hi l-lingwa li permezz tagħha jkun wasal l-isem fil-Malti. Ġeneralment tkun l-Ingliż.

> **"Tipikament fil-Malti l-ismijiet tal-pajjiżi jieħdu l-artiklu**

B'hekk il-forma tal-isem bil-Malti tibqa' tingħaraf u ma titbegħedx wisq mill-forma tal-istess isem fil-lingwa pont.

4. Għall-ordni alfabetika, l-ismijiet li jieħdu l-vokali tal-leħen (l-Istati Uniti, l-Iżvezja u l-Iżvizzera) qed jidhru taħt il-vokali <i> (mhux taħt is-<s> u ż-<ż>) minħabba li dejjem jidhru f'din il-forma.

### L-Artiklu

5. Tipikament fil-Malti, l-ismijiet tal-pajjiżi jieħdu l-artiklu (eż. il-Ġermanja, il-Kanada, il-Kenja), filwaqt li l-ismijiet tal-gżejjer ma joħduhx (eż. Ċipru, Kuba, Malta, Singapore). Għalhekk, din il-lista tapplika din il-konvenzjoni f'dawn il-każijiet ukoll.

   Hemm xi ismijiet li ma jimxux ma' din it-tendenza, jiġifieri:
   a. l-isem stabbilit tal-pajjiż ikun mingħajr artiklu (eż. Ġibiltà, Spanja, Franza, Hong Kong, Monaco, San Marino) u
   b. l-isem stabbilit tal-gżira/gżejjer ikun bl-artiklu (eż. il-Bahamas, il-Maldivi, is-Seychelles).

   F'dawn iż-żewġ każijiet l-isem jibqa' jintuża bl-artiklu jew mingħajru skont kif indara fil-Malti.

6. Il-bliet kapitali, tipikament, ma jiħdux l-artiklu (eż. Canberra, Londra, Praga, Tripli) ħlief għal żewġ ismijiet ta' bliet stabbiliti bl-artiklu, il-Kajr u l-Alġier.

### Il-Forom Aġġettivali

7. Meta l-aġġettiv, imnissel mill-isem tal-pajjiż, ikollu forma Maltija konvenzjonali, jintuża f'din il-forma (eż. Awstraljan, Ċiniż, Eġizzjan, Kanadiż, Spanjol).

8. Aġġettiv ta' isem ta' pajjiż li la jkollu forma

konvenzjonali u lanqas forma ortografika Maltija li tintuża ħafna (ara l-punt 3), jissawwar biż-żieda ta' suffiss mal-forma tal-isem fil-lingwa pont (eż. Djiboutjan, Jerseyan, Marshalljan), inkluż meta l-isem ikollu dijakritiċi li ma jintużawx fil-Malti (eż. Ålandiż, Curaçaojan). B'hekk il-forma tal-isem tal-pajjiż bil-Malti tibqa' tingħaraf fl-aġġettiv u b'konsistenza ma titbegħedx wisq mill-forma tagħha fil-lingwa pont.

9. F'każijiet fejn m'għandniex forma stabbilita tal-aġġettiv, f'din il-lista qed tintuża forma aġġettivali li timxi ma' dawn il-kriterji:

   a. Meta l-isem tal-pajjiż jispiċċa bil-vokali -a jieħu s-suffiss -n (eż. Andorran, Bolivjan, Ġibiltan, Samoan).

   b. Meta l-isem tal-pajjiż jispiċċa b'konsonanti jieħu s-suffiss -jan (eż. Chadjan, Ekwadorjan, Guamjan, Madagascarjan, Norfolkjan).

   c. Meta l-isem tal-pajjiż jispiċċa b'ħoss konsonantali minkejja li fit-tarf ikollu vokali:

      a. Fil-każ ta' Macao u Tokelau, jiżdied -jan (eż. Tokelaujan).
      b. Fil-każ ta' Singapore, Mayotte, Seychelles, Sierra Leone, Suriname, jaqgħu l-elementi tat-tarf -e u -es u jiżdied is-suffiss -jan (eż. Singaporjan, Seychelljan).

   d. Meta l-aħħar sillaba tal-isem tal-pajjiż ikollha l-konsonanti -d- (Antigua u Barbuda, Bermuda, Burundi, Cape Verde, Grenada) jew -n- (Burkina, Ghana) taqa' l-vokali tat-tarf u jiżdied is-suffiss -jan (eż. Bermudjan, Burkinjan).
   Meta l-isem tal-pajjiż jispiċċa bl-element -land / -lands l-aġġettiv jissawwar biż-żieda tas-suffiss -iż (eż. New Zealand > New Zealandiż, Swaziland > Swazilandiż).

   e. Fil-każijiet ta' Bahamas, Barbados, Comoros, Honduras jaqgħu l-elementi tat-tarf -os u -as u jiżdied is-suffiss -jan (eż. Barbadjan).

   f. Fil-każijiet fejn l-isem jispiċċa bil-vokali -o jew -u taqa' din il-vokali u jiżdied is-suffiss -an (eż. Monaco > Monacan, Lesoto > Lesotan, Tuvalu > Tuvalan, Vanuatu > Vanuatan, Puerto Rico > Puerto Rican).

   g. Fi ftit każijiet intgħażlet forma aġġettivali li tkun qrib il-lingwa pont (eż. Timoriż, Kongoliż, Togoliż, San Mariniż) biex jiġu evitati forom li b'suffissi oħrajn kienu jinħassu strambi."

Huwa fatt magħruf li fil-Malti xi ismijiet tal-pajjiżi għandhom **aktar minn forma waħda** ħajja fl-użu. Bħala eżempji, nistgħu nsemmu Iżrael/l-Iżrael, in-Netherlands/l-Olanda, ir-Renju Unit/l-Ingilterra, is-Sud Afrika/l-Afrika t'Isfel, is-Sud Amerka/l-Amerka t'Isfel u n-Nord Korea/il-Korea ta' Fuq. Għal skop purament legali, il-Kunsill għażel forma partikolari minnhom għall-**konsistenza**. Madankollu, il-Kunsill qies il-forom alternattivi tagħhom tajbin ukoll fi kwalunkwe kuntest ieħor bil-Malti (pereżempju, fil-qasam tal-ġurnaliżmu, tal-letteratura u fil-qasam tal-ivvjaġġar).

U la qed insemmu n-Netherlands, bl-aġġettiv Netherlandiż, Dr George Farrugia, fi Frar 2015 kellu dan x'jgħidilna:
"Fuq dal-pajjiż, il-Kunsill ikkunsidra tliet forom (alternattivi) li sab użati fil-Malti (ma vvintax u ma rax li joħloq isem ġdid hu) u ddeċieda fuq forma minn dawn it-tlieta:

> *"...minħabba tibdil fl-istat politiku u/jew ġeografiku ta' ċerti pajjiżi, ikun hemm bżonn ta' tibdil fl-isem hekk kif l-istat tal-pajjiż jinbidel*

i. L-Olanda — l-aktar forma naturali għall-kelliema nattivi tal-Malti. Madankollu, nagħrfu li 'Holland' mhix qed tinkludi l-mappa kollha tan-'Netherlands' (hi biss parti minnha) u għalhekk toħloq diffikultajiet legali u ġeografiċi. Fil-fatt, l-istituzzjonijiet tal-UE ma jużawhiex u jkun inutli li ntuha f'din il-lista, jekk diġà hi skartata.

ii. Il-Pajjiżi (l-)Baxxi — korretta, sa ċertu punt, għax inħolqot biex tinkludi l-provinċji ġeografiċi kollha ta' dik li hi magħrufa popolarment bħala 'l-Olanda', għalkemm fil-Malti hemm min jassoċjaha ma' konnotazzjonijiet 'baxxi'. Mhix użata mill-Maltin jekk mhux mit-tradutturi tal-UE (tiftixa fil-Google, mill-ewwel tindikalek dan!).
Agħar minn hekk, mhix produttiva meta tiġi biex minnha toħroġ forma aġġettivali, konformi, li tassoċjaha/tirrelataha man-nom. Il-Kunsill ipprova jillimita kemm jista' l-użu tal-frażijiet 'mill-Pajjiżi Baxxi' meta seta'.

iii. Netherlands (il-forma 'Nederlands' mhix mifruxa f'testi bil-Malti (bil-maqlub ta' 'Netherlands' li ssibha użata f'xi kitbiet bil-Malti ta' natura politika/legali, kif inhu l-iskop ta' dil-lista tal-UE)). Din il-forma tinkludi l-provinċji kollha u hi l-eqreb tal-Ingliż (il-lingwa pont).
Importanti wkoll għax tagħtina ċ-ċans li noħorġu l-aġġettiv 'Netherlandiż/a/i' minnha għall-konsistenza (kif kien hemm diġà ssuġġerit fil-lista tal-UE, għalkemm kienet miktuba 'Nederlandiż/a/i' — qiegħda online fil-Gwida tal-Istil).

Il-Kunsill ra li jimxi dejjem fuq il-frekwenza u li jkun qrib il-lingwa pont. Imma mbagħad, li juża wkoll aġġettivi li tirrelatahom mal-isem.
Mill-ġdid, dan ma jfissirx li 'l-Olanda' hi ħażina u m'għandhiex tintuża fil-kotba tal-iskejjel u fl-aħbarijiet. Altru minn hekk!"

Ix-xogħol fuq il-lista tal-pajjiżi, iżda, ma jiqafx hawn. Kull tant żmien, minħabba tibdil fl-istat politiku u/jew ġeografiku ta' ċerti pajjiżi, ikun hemm bżonn ta' tibdil fl-isem hekk kif l-istat tal-pajjiż jinbidel. Bħala eżempji, insemmu l-każi tal-Maċedonja ta' Fuq li ħadet post l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; is-Swaziland, li saret l-Eswatini; il-belt kapitali tal-Burundi, Bujumbura saret Gitega; u Astana, il-belt kapitali tal-Każakistan, saret Nur-Sultan. Dawn it-tibdiliet seħħu kollha fl-2019. L-isem bil-Malti jintgħażel bi qbil mid-Dipartimenti tal-Malti fi ħdan l-Istituzzjonijiet, u wara jiġu approvati jew, jekk jinħass il-bżonn, ikunu modifikati mill-Kunsill tal-Malti.

Proġett ieħor li wasal fil-fażi finali tiegħu bħalissa huwa dak li jiġi indikat il-ġens jew l-għadd tal-isem qasir tal-pajjiżi kollha fil-lista. Filwaqt li l-ġens ta' pajjiżi bħal Franza, l-Italja, ir-Renju Unit u Malta huwa faċli li jiġi identifikat, it-tradutturi spiss jidħlu f'diffikultà biex jassenjaw il-ġens jew l-għadd ta' pajjiżi bħal Comoros, Timor Leste, Martinique u s-Seychelles, fost oħrajn. Wara ħidma li bdiet f'**April 2019**, il-Kunsill tal-Malti għaddielna lista aġġornata b'kolonna li turi l-ġens u l-għadd ta' kull pajjiż fl-Anness A5, liema kolonna se tittella' fil-Gwida tal-Istil fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.



Joseph Mizzi huwa qarrej tal-provi u koordinatur tal-Kumitat Interistituzzjonali tal-verżjoni Maltija tal-Gwida tal-Istil, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

# L-intelliġenza artifiċjali telimina lit-traduttur mill-proċess tat-traduzzjoni – Josep Bonet intervistat għal *l-aċċent*

Alan Delia



**Josep Bonet**

Għalkemm illum jaħdem mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, sa ftit snin ilu Josep Bonet kien wieħed minn tagħna. Fl-2016 Bonet kien il-kap tal-Unità tal-Multilingwiżmu u l-Għodod tat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Wara esperjenza qasira mal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet fejn kien il-kap tal-proġetti tal-IT, Bonet imbagħad laħaq Direttur fid-Diviżjoni tal-Lingwa, id-Dokumentazzjoni u l-Ġestjoni tal-Informazzjoni fid-WTO. Meta ħareġ mill-Kummissjoni għall-aħħar darba, Bonet seta' jirtira biż-żmien, imma minflok ġabar l-esperjenza twila tiegħu fl-informatika u t-traduzzjoni u beda jużaha fid-WTO fejn imexxi diviżjoni ġdida li tittratta l-ġestjoni tal-għarfien u l-komponenti ewlenin tagħha. Ir-rwol tal-LDSD huwa li jippubblika u jxerred id-dokumenti uffiċjali ġġenerati mid-WTO fit-tliet lingwi uffiċjali.

Bonet kien wieħed mill-kelliema ewlenin ta' konferenza li saret f'Settembru li għadda dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u t-Traduzzjoni. Konferenza bħal din issir kull sena għall-impjegati tad-Direttorat tat-Traduzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni. Alan Delia kien preżenti għall-konferenza u għamel din l-intervista ma' Bonet għal *l-aċċent*.

**It-traduzzjoni bil-magna ilha mis-snin sebgħin tiġi attribwita l-kapaċità li tissostitwixxi t-traduzzjoni umana. Imma kull darba l-ewforija kienet tissarraf f'diżappunt. Bl-involviment tal-IA din id-darba l-istorja se tkun differenti?**




It-teknoloġiji kollha jgħaddu minn ċiklu li l-konsulent Amerikan tal-IT Gartner isejjaħlu Hype Cycle. Dan huwa rappreżentazzjoni grafika taċ-ċiklu li tgħaddi minnu teknoloġija ġdida minn meta tinbet sa meta timmatura. B'mod sempliċi l-istadji huma li l-ewwel xi ħadd joħroġ b'kunċett ta' teknoloġija li tiġġenera interess konsiderevoli. Isir ħafna diskors fil-mezzi tal-media li jgħolli l-aspettattivi tat-teknoloġija l-ġdida u dan jiġġenera ewforija konsiderevoli. Meta jibdew joħorġu d-difetti fl-applikazzjoni prattika tat-teknoloġija, l-ewforija togħsfor u tinbidel f'diżappunt meta l-aspettattivi ma jintlaħqux. Imma sadanittant aktar investituri jibdew jifhmu l-potenzjal tat-teknoloġija u jibdew jittestjawha f'ambjenti differenti. Fl-aħħar, it-teknoloġija taqbad wara li tkun inftiehmet sew u tibda tiġi prodotta regolarment.

Is-sistemi tat-traduzzjoni awtomatika tas-snin 50 u dawk li ġew wara taw numru ta' riżultati. Niftakar meta kont traduttur żagħżugħ Spanjol, konna nużaw is-sistemi pprovduti minn EC-Systran imma dawn kellhom limitazzjonijiet kbar u prezz għoli. Meta mbagħad fis-snin 2000 ġew introdotti l-metodi statistiċi, speċjalment minn Google, dawn biddlu l-istampa kollha. Fi ftit snin l-approċċ tiegħi nbidel kompletament. Filli nirreklama t-traduzzjoni bil-magna b'riżultati umli u b'reazzjoni negattiva mill-klijenti prospettivi u filli xogħli kien inrażżan l-aspettattivi tant intlaqgħu tajjeb il-metodi l-ġodda. Imma minkejja li kienu jġibu riżultati tajbin u relattivament irħas, kien hemm żvantaġġi u affarijiet li mhumiex daqshekk ovvji. Kien hemm il-problema li n-nies kienu ppruvaw prodotti kummerċjali online u setgħu jiġġudikaw waħedhom u l-ġudizzju kien isir abbażi ta' testi mhux speċjalizzati u ta' kwalità fqira. Ma tistax tuża dawn il-konklużjonijiet u tapplikahom.

**L-IA u d-deep learning huma metodi statistiċi b'ħafna aktar saħħa u ħeffa.**

Il-computing newrali ppermetta li jiġu indirizzati sentenzi sħaħ filwaqt li qabel kienu jiġu indirizzati gruppi ta' ħames jew sitt kelmiet biss. Dan fisser qabża kbira, u f'daqqa waħda t-traduzzjoni ta' xi dokumenti saret tajba kważi daqs it-traduzzjoni umana.

> *...ir-reviżjoni, il-ġudizzju tal-kwalità tat-test tradott, l-itteggjar u l-annotazzjoni tat-test isiru kruċjali għax-xogħol tat-traduttur*

**Kif tara li se jevolvi r-rwol tat-traduttur f'dan il-kuntest?**

Għandi allerġija għat-tbassir tal-futur. L-ewwel ħaġa, l-istorja mhijiex lineari u hija mimlija fergħat. Skont liema fergħa nieħdu f'mument

partikolari, l-affarijiet jistgħu jkunu differenti ħafna. L-istorja hija mimlija ideat kbar li ma marru mkien, minħabba għadd ta' raġunijiet.

> "...l-MT tista' telimina lit-traduttur mid-dwett bejn traduttur u reviżur

Il-futur qrib, min-naħa l-oħra, huwa eħfef biex wieħed ibassru, jekk nemmnu dak li kiteb William Gibson: Il-futur diġà jinsab hawnhekk — biss mhux imqassam l-istess kullimkien. F'dan is-sens nistgħu naraw li xi xejriet diġà huma realtà f'xi ambjenti. Pereżempju, it-traduzzjoni bi skop ġenerali tista' ssir faċilment bil-magna u jkollha bżonn xi kontrolli biex tiggarantixxi l-preċiżjoni, kemm tkun fluwenti, l-istil, eċċ. Iżda dan se jsir taħt pressjoni kbira ta' ħin u min jagħmlu jitħallas miżerja. Min-naħa l-oħra, it-traskreazzjoni[1] — xi ħaġa li fl-organizzazzjonijiet internazzjonali ssir ftit li xejn — se tibqa' għal ħafna żmien, forsi għal dejjem, f'idejn il-bnedmin. It-traduzzjoni speċjalizzata ħafna bħal dik ipprattikata fid-DĠT, tiddependi aktar fuq il-bnedmin milli traduzzjoni ta' tipi oħra ta' kontenut. Iżda l-MT tista' telimina lit-traduttur mid-dwett bejn traduttur u reviżur. Hawnhekk id-DĠT jinsab f'pożizzjoni aħjar minn ħafna organizzazzjonijiet oħra, peress li r-rwoli mhumiex distinti b'mod ċar u l-lingwisti jagħmlu ż-żewġ xogħlijiet. Madankollu f'ħafna aġenziji tan-NU, it-tradutturi jittraduċu u r-reviżuri jirrevedu. Hemmhekk, se jonqsu n-nies. Dan mhuwiex futuristiku. Din hija realtà f'xi oqsma u f'xi postijiet.

## Xi rwol se jassumu t-tradutturi u x'ħiliet ġodda se jkollhom bżonn jiksbu?

Dak li semmejt qabel jiddependi b'mod kruċjali fuq il-kwalità tal-MT, u dan jiddependi mit-testi li l-magna tieħu meta titgħallem, jiġifieri, jekk it-testi ma jkunux tal-aqwa kwalità, ir-riżultati prodotti mill-magna lanqas ma jistgħu jkunu tal-ewwel klassi. Dan ifisser li ma nistgħux inkomplu naħdmu bħal qabel, billi ndeffsu t-testi kollha tagħna f'repożitorju komuni mingħajr ebda kriterju u nħalltu traduzzjonijiet tajbin ma' dawk ta' kafkaf jew addirittura tassew ħżiena — iva, nafu kif nipproduċuhom xi drabi, speċjalment meta nkunu taħt pressjoni. Issa hemm bżonn li norganizzaw tajjeb l-assi lingwistiċi tagħna; jeħtieġ li pereżempju s-segmenti tradotti jiġu annotati. Meta l-istatistika MT kienet għadha tibda, kienet tiddependi fuq il-kwantità; issa l-kwalità hija ċ-ċavetta.

Għalhekk, ir-reviżjoni, il-ġudizzju tal-kwalità tat-test tradott, l-itteggjar u l-annotazzjoni tat-test isiru kruċjali għax-xogħol tat-traduttur. Il-magni kummerċjali, bi skop ġenerali, huma tajbin għal ħafna affarijiet, iżda f'kuntesti professjonali neħtieġu magni speċjalizzati fl-oqsma (domains) differenti. Kif niddeċiedu liema segmenti jappartjenu għal qasam partikolari? Irridu niftakru li r-regolamenti kollha għandhom parti legali ħafna u waħda teknika ħafna. F'dan is-sens il-magna għandha tiġi mitmugħa t-test sħiħ jew parti minnu biss? Ħafna affarijiet iridu jiġu deċiżi u jeħtieġ li t-tradutturi jagħmlu dan. Biex ma nsemmux it-terminoloġija u l-attivitajiet oħra bbażati fuq il-lingwa. Nista' nara ħafna nies li jieħdu pjaċir jiżvolġu dawn l-attivitajiet.

## X'responsabbiltà se tpoġġi t-traduzzjoni assistita bl-IA fuq dawk li jabbozzaw dokumenti u testi oriġinali?

Qatt ma ħsibt wisq fit-tagħlim ta' min jabbozza jew kif jiġu influwenzati. L-ewwel nett, għax huwa sforz ta' Sisifu: persuna tista' tqatta' sena tabbozza test importanti u mbagħad tagħmel affarijiet oħra fis-snin ta' wara. Iżda wkoll minħabba li t-traduzzjoni trid tkun kapaċi tittratta kwalunkwe tip ta' test li jasal. Nemmen bis-sħiħ li aħna naħdmu għall-klijent, mhux il-klijent għalina.

Minkejja dan, kulħadd għandu r-responsabbiltajiet tiegħu, u dak ta' min jabbozza huwa li jabbozza tajjeb. Ilkoll nafu li waħda mill-problemi li għandna fil-korpora tal-KE hija li, filwaqt li t-traduzzjonijiet dejjem kienu ta' kwalità għolja, hu ċar li l-oriġinali jistgħu jittejbu f'ħafna każijiet. Dan għandu

[1] It-traskreazzjoni huwa kunċett użat fil-qasam tal-istudji tat-traduzzjoni u jiddeskrivi l-proċess fejn il-messaġġ jiġi adattat minn lingwa għal oħra filwaqt li tinżamm l-intenzjoni, l-istil, it-tonalità u l-kuntest. Traskreazzjoni tajba ssarraf f'messaġġ li jevoka l-istess emozzjonijiet u joffri l-istess implikazzjonijiet kemm fil-lingwa sors kif ukoll dik fil-mira. (sors: Wikipedia)



Ritratt: Andrea de Santis

implikazzjonijiet, pereżempju meta jitreġġa' lura s-sens ta' traduzzjoni, meta wieħed jittraduċi għall-Ingliż. Iżda, barra minn hekk, il-magna għandha tifhem il-lingwa oriġinali u idealment għandha tkun ta' kwalità simili, sew jekk tajba, ħażina jew regolari.

**F'termini prattiċi, dan kif se jkollu impatt fuq l-industrija tat-traduzzjoni?**

L-industrija tat-traduzzjoni diġà ntlaqtet u peress li l-operaturi jaħdmu għall-profitt xi snin ilu kellhom jadottaw xi tibdiliet. Ix-xejra ġenerali hija li wieħed jikkonċentra fuq servizzi ta' valur miżjud, biex jimmodifika t-traduzzjoni. Xi ħassieba jiddikjaraw li l-fażi tal-kommodifikazzjoni spiċċat, iżda r-realtà hija li għadna hemm.

Hemm ħafna tipi ta' komunikazzjoni. Komunikazzjoni tajba u preċiża sseħħ fost għadd limitat ta' persuni b'lingwi materni differenti. F'ħafna każijiet, iż-żewġ naħat jadottaw lingwa ta' komunikazzjoni komuni. F'każijiet oħra, jużaw intermedjarju uman: traduttur jew interpretu. Iżda n-numru ta' nies li jiġu f'kuntatt ma' xi ħadd b'lingwa differenti llum huwa ħafna ogħla minn qabel l-1995, meta l-web kien għadu fil-bidu tiegħu. Għal dawn il-parteċipanti l-ġodda fil-komunikazzjoni interlingwistika, hemm opportunitajiet. Jistgħu jitgħallmu lingwa komuni, tipikament l-Ingliż, u jippruvaw jużawha b'riżultati varjabbli, peress li ma jafux biżżejjed dwarha. Jistgħu jsibu lil xi ħadd li jista' jittraduċi għalihom, u xorta jrid ikun xi ħadd li jista' jagħmel dan tajjeb u li jista' jkun fdat. Jew sempliċement jippruvaw jifhmu lil xulxin bis-sinjali.

Is-sena ta' qabel il-pandemija mort iċ-Ċina għal raġunijiet professjonali. Rarament kont xi mkien fejn lanqas biss stajt nifhem l-iskript użat. Kont niddependi fuq studenta tal-PhD biex tinterpretali, iżda l-Ingliż tagħha ma kienx ċar wisq u min-naħa tagħha ma kinetx tifhem perfettament tiegħi. Ikkomunikajna? Iva, iżda b'mod imperfett. Fl-aħħar jum, xtaqt nixtrilha bukkett fjuri. Tal-fjuri kien jitkellem biss biċ-Ċiniż u jien ma kontx naf kelma. Solvejnieha b'taħlita ta' sinjali u Baidu (sistema Ċiniża tal-MT). Fl-aħħar mill-aħħar irnexxieli.

> *Ix-xejra ġenerali hija li wieħed jikkonċentra fuq servizzi ta' valur miżjud, biex jimmodifika t-traduzzjoni*

Alan Delia huwa Koeditur ta' *l-aċċent* u traduttur mal-Kummissjoni Ewropea

# Ir-rwol ta' lead-translator wassalni fil-Kabinett tal-Kummissarji

Mark Amaira

Il-Kummissjoni Ewropea

**Fid-DĠT tal-Kummissjoni Ewropea, xi snin ilu, twaqqfu r-rwoli ta' lead-translator jew ta' early lead-translator biex fil-każ ta' pakketti kbar tal-leġiżlazzjoni, ikun hemm persuna inkarigata bejn it-23 dipartiment tal-lingwi (li fil-każ ta' dokumenti kbar aktarx ikunu jinvolvu aktar minn 100 traduttur) fuq naħa, u l-awturi tal-leġiżlazzjoni fuq in-naħa l-oħra. Personalment, fl-aħħar tmien snin kemm-il darba dħalt għal dan ir-rwol ta' lead-translator, b'mod partikolari għall-pakketti tad-DĠ CNECT, fosthom dawk famużi bħal tar-roaming, tal-intelliġenza artifiċjali, tal-5G, tas-Suq Uniku Diġitali, u tal-Att dwar is-Servizzi u s-Swieq Diġitali, u l-bqija, u dejjem kienet esperjenza ta' tagħlim immersiv bis-sodisfazzjon u d-diffiċli tagħha.**

Għażilt li nikkollabora mad-DĠ CNECT b'mod partikolari, għax hu l-aktar DĠ li jaqbel mal-kwalifiki tiegħi, u anki għax qbilt ħafna mal-esperti ewlenin fejn tidħol il-preċiżjoni, l-effiċjenza u l-prontezza tagħhom fil-komunikazzjoni. Barra minn hekk bnejt relazzjoni professjonali wkoll mal-Portfolio Manager tas-CNECT fid-DĠT, li inzertat il-Kap tad-Dipartiment tal-Finlandiżi fid-DĠT u din ir-relazzjoni ħalliet ħafna riżultati u tejbet il-viżibbiltà tad-DĠT f'DĠ oħrajn. Permezz ta' din ir-relazzjoni, organizzajna wkoll bosta info-sessions ta' siegħa biex l-esperti tas-CNECT ikunu jistgħu jippreżentaw il-kuntest, l-iskop u xi dettalji tekniċi dwar il-pakkett rispettiv, filwaqt li t-tradutturi interni u l-freelancers ikollhom iċ-ċans jistaqsu lill-esperti li jkunu ħejjew il-preżentazzjoni. Minkejja l-impenji kbar u l-ġirja kontra l-ħin fi żmien l-adozzjoni tal-pakkett rispettiv, irrid ngħid li d-DĠ CNECT dejjem kienu disposti li jisirqu ftit mill-ħin tagħhom biex iħejju dawn il-preżentazzjonijiet u jwieġbu l-mistoqsijiet.

Fl-aħħar snin, it-tmexxija tat-traduzzjoni ta' dawn il-pakketti tal-leġiżlazzjoni bdiet issir esperjenza dejjem aktar impenjattiva u ta' responsabbiltà. Impenjattiva għax il-pakketti tat-traduzzjoni qegħdin kulma jmur isiru aktar volumenużi u kumplessi, u għalhekk jiġġeneraw mijiet jew eluf ta' mistoqsijiet min-naħa tat-tradutturi interni u l-freelancers; filwaqt li l-esperjenza ta' responsabbiltà qed norbotha l-aktar mal-fatt li kważi kuljum, il-lead-translator irid jieħu deċiżjonijiet biex jiżgura l-konsistenza, iċ-ċarezza u l-preċiżjoni bit-tweġibiet u d-direzzjonijiet tiegħu, fl-istess ħin jiżgura li t-tradutturi tal-lingwi l-oħra titħallielhom id libera biex ċerti deċiżjonijiet jeħduhom huma mingħajr intrużjoni żejda. Bħal donnu hemm linja fina li rnexxieli nitgħallimha mill-esperjenza by trial and error, u li mhux faċli nroddha fi kliem.

Barra minn hekk, din l-esperjenza laqqgħetni ma' għexieren ta' esperti mid-DĠ CNECT, li tant huma professjonali u intiżi fil-qasam tagħhom, u li fi gruppi differenti sibna mod kif nistgħu naħdmu flimkien b'mod effiċjenti u mingħajr dewmien, biex ir-risposti jaslu fi ftit jiem jew sigħat ħalli t-traduzzjonijiet ikunu jistgħu jissoktaw bl-inqas intoppi. Min-naħa l-oħra, laqqgħetni ma' mijiet ta' tradutturi, li ħafna drabi jkunu l-istess persuni mixħutin fuq il-pakketti CNECT, u allura ank'huma draw kif naħdem u kif immexxi l-fluss tal-komunikazzjoni. Minkejja li xi drabi nkun qed nirċievi mijiet ta' emails kuljum, ir-rispons min-naħa tat-tradutturi jimlieni kuraġġ u jagħtini ċerta sodisfazzjon li qed nikkontribwixxi għal xi ħaġa ferm akbar mit-traduzzjoni għall-Malti.

Wieħed mill-aħħar pakketti li mexxejt kien dak dwar l-intelliġenza artifiċjali li ġie adottat f'April 2021. Din l-esperjenza tibqa' partikolari f'moħħi għax il-Portfolio Manager talbitni nirrappreżenta lid-DĠT fil-laqgħa ta' livell għoli tal-Kabinett tal-Kummissarji u l-President von der Leyen, li kienet ippjanata tiddiskuti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni fil-kunfidenzjalità. Għalkemm ma intervjenejtx, għax ir-rwol tiegħi kien l-aktar ta' osservatur, b'din l-esperjenza tgħallimt kif jittieħdu d-deċiżjonijiet fi ħdan il-Kabinett tal-Kummissjoni Ewropea u kif kull DĠ ikollu l-opportunità jinvolvi ruħu fil-pakkett li jkun qed jiġi diskuss. Ngħidu aħna d-DĠ tal-Ugwaljanza ta ċertu rispons marbut ma' partijiet fil-leġiżlazzjoni li jolqtu d-drittijiet fundamentali, filwaqt li d-DĠ l-oħra taw rispons dwar l-użu tar-riżorsi, xi punti legali, l-AI fis-servizzi pubbliċi, l-użu tal-AI mill-forzi tal-ordni, u l-bqija.

> ***"...il-pakketti tat-traduzzjoni qegħdin kulma jmur isiru aktar voluminużi u kumplessi***

Kienet diskussjoni attiva, intensiva u mill-aktar parteċipattiva li kkontribwiet biex titjieb il-kwalità tal-leġiżlazzjoni nnifisha, iżda li aqwa minn hekk, ħarġet fid-dieher il-valur veru tal-Kolleġġjalità fost il-Kummissarji Ewropej u l-esperti tagħhom. Fil-fehma tiegħi, din għandha tkun it-triq 'il quddiem għad-DĠT fejn jidħol ir-rwol tal-(early) lead-translators, jiġifieri li internament jissaħħaħ b'riżorsi u bi prassi dejjem aktar stabbilita, u esternament b'involviment aktar mill-qrib mad-DĠ rispettiv, bl-organizzazzjoni ta' info-sessions ta' benefiċċju, u b'titjib tal-viżibbiltà tad-DĠT, inkluż fost il-membri fil-Kabinett tal-Kummissarji.

Mark Amaira huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea

# Min aħna, u x'nagħmlu

## Il-librerija u ċ-ċentru tar-riżorsi elettroniċi

Alan Delia



Essenzjalment il-korrispondent tal-librerija jieħu ħsieb l-esiġenzi kollha tat-tradutturi fejn jidħlu pubblikazzjonijiet u riżorsi elettroniċi li jinkludu perjodiċi, kotba elettroniċi, dizzjunarji online, portali tal-gazzetti u materjal ieħor utli għar-riċerka.

Kull traduttur għandu dik li tissejjaħ Personal Book Allowance, li hija ġabra ta' kotba li jżomm għandu minn meta jidħol fis-servizz sa meta jitlaq. Il-lista tiġi kkumpilata skont il-ħtiġijiet tiegħu flimkien mal-korrispondent u matul iż-żmien tiġi aġġustata skont il-ħtieġa. Normalment din tkun tinkludi dizzjunarji, teżawri u kotba ta' qasam partikolari.

Il-pubblikazzjonijiet l-oħra, it-traduttur jista' jissellifhom għal perjodu ta' żmien partikolari. Il-mod kif wieħed jagħmel dan, maż-żmien ġie ffaċilitat u kull ħaġa tista' ssir mill-uffiċċju. Wieħed jista' wkoll jipproponi akkwisti ġodda, ngħidu aħna xi glossarju li jkun għadu kif ġie ppubblikat Malta. Anke t-tiftix għall-kotba jista' jsir mill-uffiċċju permezz tal-portal Find-ER – il-katalgu elettroniku tal-librerija. B'aktar minn għaxar miljun titlu għad-dispożizzjoni tat-tradutturi, huwa diffiċli li ma ssib xejn relatat ma' dak li tkun qed tfittex dwaru. Iżda f'każ li ma ssibx, il-librerija għandha l-faċilità li tissellef kotba minn libreriji oħra li jinkludu dawk ta' universitajiet u istituti ta' riċerka akkreditati.

Wieħed jista' jgħid li matul l-aħħar snin il-librerija evolviet pari passu mal-industrija ġenerali tal-pubblikazzjonijiet, fis-sens li r-riżorsi elettroniċi żdiedu sew. Dawn huma riżorsi evalwati u miflija mil-librara u għalhekk it-tiftixa se tkun speċifika u differenti minn tiftixa b'search engine ġenerali. Dawn is-servizzi ġejna bżonnhom ħafna matul il-pandemija. Il-materjal online huwa vast ħafna u għalhekk kien possibbli li dawk kollha li kienu qed jaħdmu mid-dar ikomplu bir-riċerka tagħhom, ikomplu bil-korsijiet tal-lingwa u jaġġornaw ruħhom dwar l-oqsma rispettivi tagħhom.

Huwa gratifikanti ħafna li nservi ta' għajnuna lill-kollegi f'qasam daqshekk importanti biex nipproduċu traduzzjonijiet ta' kwalità.

Alan Delia huwa Koeditur ta' *l-aċċent* u traduttur mal-Kummissjoni Ewropea

# Jintemm terminu u jibda ieħor

Mark Vella

**Il-terminu tiegħi wasal fi tmiemu, u sar iż-żmien li ngħaddi l-bastun, bħal fit-tlielaq tar-relay, lill-kollega David Schembri, li daqt jilħaq minfloki bħala Uffiċjal għal-Lingwa tad-DĠT fi ħdan ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta. Għaliex, fil-fatt, din il-kariga hija vjaġġ, proġett dejjem għaddej, u li kull min jidħol għaliha jħalli t-timbru uniku tiegħu. Il-kariga ta' Uffiċjal għal-Lingwa, komunement magħrufa wkoll bħala Field Officer fit-terminoloġija Ewropea, iddum għal bejn tlieta u ħames snin, u hija intiża biex kull Stat Membru jkollu rappreżentant li jieħu ħsieb il-kwistjonijiet lingwistiċi fil-pajjiż stess.**

Xi Stati jkollhom żewġ uffiċjali, bħal fil-każ ta' Spanja, fejn is-sitwazzjoni tal-ilsna reġjonali tkun teħtieġ uffiċjal fir-reġjuni differenti. Fil-każ ta' Malta, naturalment l-enfasi qiegħda fuq l-ilsien Malti għall-fatt li huwa lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (minbarra l-ilsien nazzjonali tal-pajjiż), iżda spiss jiġru sitwazzjonijiet fejn ikollha tidħol konsiderazzjoni dwar l-Ingliż u r-realtà tiegħu bħala l-ilsien uffiċjali l-ieħor tal-pajjiż. Dan ifisser li dan huwa rwol essenzjalment politiku: l-Uffiċjal għal-Lingwa tassew jagħmel xogħol ta' traduzzjoni u lokalizzazzjoni tal-messaġġi Ewropej, imma f'din il-kariga partikolari t-traduttur jitgħabba b'responsabbiltajiet usa'.

L-aspett politiku tal-lingwa jista' jinstab tista' tgħid f'kull tentufa li jmiss magħha l-Uffiċjal għal-Lingwa. Minn sempliċi traduzzjoni ta' kelma li se tidher lil hinn minn Malta, sal-ipproċessar lingwistiku ta' dokumenti u messaġġi tal-Unjoni Ewropea u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' promozzjoni u ta' lħiq ta' udjenzi differenti. Kull darba li jintuża l-ilsien Malti u kull attività li sseħħ li fiha jkun hemm l-ispirtu tal-multilingwiżmu Ewropew fl-aspetti varji tiegħu, hija stqarrija mhux biss favur ilsienna, iżda anki dwar id-demokrazija u t-trasparenza tal-Unjoni Ewropea kif immanifestata wkoll mir-reġim lingwistiku uniku tagħha.

Hemm għadd ta' avvenimenti annwali ewlenin fejn l-Uffiċċju tal-Lingwa joħroġ fil-beraħ u jiltaqa' man-nies u jkellimhom direttament. Fil-Jum Ewropew tal-Lingwi, dejjem ħriġna biex organizzajna l-Fiera tal-Lingwi u niċċelebraw il-multilingwiżmu, inħajru lin-nies ikomplu jitgħallmu ilsna ġodda u jagħrfu l-importanza tagħhom, kif ukoll nikkollaboraw ħafna mal-iskejjel li jiċċelebraw dan il-jum ftit wara li jerġgħu jiftħu għas-sena skolastika l-ġdida. Anki jekk il-pandemija żammitna ġewwa dawn l-aħħar sentejn, saħħaħna l-preżenza tagħna online kif ukoll komplejna norganizzaw Żanżan Kelma, il-konkors tal-ispelling u l-ortografija għat-tfal tal-iskola li ġie introdott ħames snin ilu u tista' tgħid sar parti mill-kalendarju kulturali Malti. Lejn l-istess żmien, ikun hemm ukoll il-konkors Juvenes Translatores għall-istudenti tas-Sixth Form:



Il-persunal tar-Rappreżentanza Permanenti tal-UE f'Malta fl-okkażjoni tal-festa tal-1 ta' Mejju 2020

kompetizzjoni tat-traduzzjoni li tiġġenera ħafna interess anki fuq livell ta' aħbarijiet. U mbagħad it-Translating Europe Forum fejn kulma jmur l-Uffiċċju tal-Lingwa qed jieħu r-rwol strateġiku li jlaqqa' u jżomm flimkien l-ekosistema Maltija tal-professjonisti u l-inizjattivi lingwistiċi, u speċjalment il-mogħdijiet li qed jittieħdu fir-rigward tal-lingwa u kif tidħol fl-iżviluppi teknoloġiċi, in-negozju u l-komunikazzjoni.

Imbagħad, fuq livell nazzjonali li dejjem qed jikber u jitwessa', inizjattiva importanti ħafna tirrigwarda l-promozzjoni tal-eTranslation, il-magna tat-traduzzjoni awtomatika tal-Kummissjoni Ewropea. Bla ħlas għall-amministrazzjonijiet ċivili, l-Università ta' Malta, u issa għan-negozji ta' daqs żgħir u medju (l-SMEs), din il-pjattaforma tat-traduzzjoni f'Malta nippromwovuha b'xi mod bil-maqlub ta' dak li x'aktarx isir f'pajjiżi oħra, minħabba s-sitwazzjoni bilingwi partikolari tagħna. Minbarra li ntlaqgħet sew mill-partijiet interessati, fejn Malta hija minn quddiem bħala żieda fl-utenti tal-eTranslation, ħdimna biex din l-għodda tintuża biex jiġi prodott aktar Malti u Malti aħjar, u dan issa qed isir aktar kruċjali fil-kuntesti akbar tal-Pjattaforma Nazzjonali tal-Lingwa Maltija u l-kollaborazzjoni mal-European Language Resource Consortium (ELRC).

Kull azzjoni tal-Uffiċċju tal-Lingwa, flimkien max-xogħol tar-Rappreżentanza, hija essenzjalment waħda ta' komunikazzjoni. U l-idea hija sikwit li mmorru lil hinn mill-udjenzi tas-soltu. Jiġifieri, minkejja li nitkellmu spiss mal-istudenti, l-akkademja u l-oqsma kollha interessati fit-traduzzjoni, għandna l-għan li nkellmu gruppi oħra: fuq il-livell tal-politika Ewropea, nagħtu kas, ix-xogħol lingwistiku jista' jwassal għal fehim aħjar tal-kampanji u l-politiċi Ewropej, b'tali mod li nillokalizzaw il-messaġġi biex niftiehmu aħjar u min-nies. U fuq livell aktar lingwistiku, bħal fil-każ tal-eTranslation, qegħdin kontinwament inkellmu nies u entitajiet, bħan-negozju, li forsi għadhom mhux daqshekk familjari mal-potenzjal tal-Malti għall-attività tagħhom, iżda li għandhom għatx għal riżorsi li jistgħu jressquhom b'modi alternattivi lejn swieq ġodda u differenti.

Fl-aħħar mill-aħħar, l-Uffiċċju tal-Lingwa huwa magħżel ieħor fir-rota tal-komunikazzjoni tal-politika Ewropea. Fuq naħa, nippromwovu l-mestier partikolari tagħna, imma fuq l-oħra, u forsi dan il-livell isir dejjem aktar importanti, nikkontribwixxu biex bis-saħħa tal-ħiliet tagħna, inwasslu b'aktar saħħa l-messaġġ tagħna u nfissru liċ-ċittadini l-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni Ewropea.



Il-Kummissarju għall-Baġit u r-Riżorsi Umani Günther H. Oettinger f'Malta għad-Djalogu maċ-ċittadini f'Marzu tal-2018

Mark Vella huwa l-Uffiċjal tal-Lingwa tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta

# Tislima lill-Professur Eynaud




Portrait: Prof. Ġorġ Mallia

L-aħbar li ħalliena l-Prof. Eynaud waslet bħal sajjetta fil-bnazzi mal-bidu ta' din is-sena. Għal ħafna, kien meqjus bħala pilastru fid-Dipartiment tat-Taljan fl-Università. Għal oħrajn, kien akkademiku, traduttur u awtur ta' bosta pubblikazzjonijiet jew kollega ħabrieki, dejjem jitbissem. Għal bosta minna hawn, ma kienx biss il-fundatur u l-kap tad-Dipartiment tat-Traduzzjoni u l-Interpretar. Kien il-persuna li ndunat li l-Malti m'għandux jinżamm biss fil-klassi, fil-kotba u bejnietna d-dar, iżda kapaċi jitħaddem ukoll f'oqsma speċjalizzati, bħal-liġi, l-inġinerija, il-fiżika u l-finanzi, li kieku naghtuh iċ-ċans. Induna li permezz tat-traduzzjoni, il-lingwa tagħna, li tagħmilna Maltin u mhux Griegi jew Taljani, nistgħu nagħtuha statura uffiċjali li biha timxi id f'id ma' 'l fuq minn 20 lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea.

Il-Prof. Eynaud jiddeskrivi s-seklu wieħed u għoxrin bħala "is-seklu tat-traduzzjoni". U kienet proprju din il-konvinzjoni li fl-2003 għenitu jsawwar id-Dipartiment tat-Traduzzjoni u l-Interpretar fl-Università, imexxih u jwasslu fejn jinsab illum. Kull sena, jiggradwaw numru ġmielu ta' tradutturi li jidħlu jaħdmu fl-industrija lokali, kollaboraturi dejjem ikbar tal-istituzzjonijiet Ewropej. Barra minn hekk, l-istudenti li jirsistu biex imorru jaħdmu l-Parlament jew il-Kunsill Ewropew, li jinterpretaw id-diskorsi tal-mexxejja Ewropej tagħna, jistgħu jitħarrġu fiċ-Ċentru għall-Interpretar u t-Terminoloġija.

Kien dak li emmen li t-traduzzjoni u l-interpretar huma settur li ma jistrieħx biss fuq il-kapaċità li wieħed jitkellem żewġ lingwi jew aktar, imma li jirrikjedi wkoll sett ta' ħiliet u l-approfondiment serju tagħhom. Għaraf il-valur tal-karriera tat-traduzzjoni u magħha l-ħtieġa li jitħejja qafas li jsawwar lit-tradutturi tal-bieraħ, tal-lum u ta' għada. Bil-ħidma sfiqa tiegħu, il-vokazzjoni tagħhom ħadet xejra professjonali u mhix iktar passatemp tal-iffissati tal-Malti u l-Ingliż.

Nafuh ħobżna, nafuh il-karrieri tagħna. Ta' dan, niżżuk ħajr u nsellmulek, Prof.

Marija Agius, hija traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea

# Mikelanġ Camilleri, il-qassis ribell u t-traduttur ta’ *Il Ħaỹa u il Vinturi ta’ Robinson Krusoe, ta’ York*: *miktuba minnu in nifsu* tal-1846

Ivan Said

Ir-Rev. Mikelanġ Camilleri (1814-1903) irreveda t-traduzzjoni għall-Malti mill-Vulgata tal-Erba’ Vanġeli u l-Atti tal-Appostli ta’ Mikiel Anton Vassalli u mbagħad ittraduċa l-kumplament tat-Testment il-Ġdid għall-Protestanti fl-1847. Dan hu wieħed mill-ftit qassisin Kattoliċi Maltin ribelli li għaddew għal mal-Protestanti u qalbulhom testi reliġjużi u letterarji għall-Malti.[1] Camilleri tgħammed is-Siġġiewi l-għada li twieled fis-6 ta’ Frar 1814 iżda trabba l-Birgu fejn kienet toqgħod familtu (Cachia, 2013, p. 23). Ġie ordnat saċerdot Kattoliku fl-24 ta’ Settembru 1836, sentejn wara li ħa d-dottorat fid-Divinità (Bonnici, 2000, p. 52). Hu stess jgħid li wara li sar saċerdot ħadem għal xi 18-il xahar bħala missjunarju fl-Alġerija minn fejn kellu jitlaq minħabba d-deni li qabdu li kien għoddu qatlu (Stuteville Isaacson, 1903, p. 177).

Hekk kif ġie lura l-Birgu, il-parroċċa tal-ħidma pastorali tiegħu, fetaħ *scuola popolare*, bi klassijiet filgħodu u filgħaxija, li fiha l-Malti, flimkien mal-Ingliż, kien jintuża bħala l-ilsien tal-istruzzjoni (Bonnici, 2000, p. 52). Kienu jiġu mgħallma wkoll il-Latin, it-Taljan, l-Ingliż, il-Franċiż, il-Grieg, il-ġeografija, l-istorja, l-aritmetika, l-alġebra u suġġetti oħrajn. L-iskola, li tagħha Camilleri kien il-kap, infetħet f’Jannar tal-1842 iżda, skont xi gazzetti lokali, f’Mejju tal-1843 ħabta u sabta dan ħarab fuq l-*HMS Prometheus* lejn Ġibiltà fejn, fit-13 ta’ Ġunju 1843, iżżewweġ lil Emanuela Fleri,[2] armla b’żewġt itfal. Irritorna Malta fit-2 ta’ Ottubru tal-istess sena (Bonnici, 2000, p. 52).

Ix-xogħlijiet ta’ Camilleri ħarġu mill-istamperija li ċ-Church Missionary Society fetħet fl-1822. Minnha ħarġu bosta pubblikazzjonijiet bil-Malti u bl-Ingliż li jitfgħu dawl fuq l-ewwel stadji tal-iżvilupp tal-ilsien Malti modern. L-istorja tagħha tgħaqqad tliet ġenerazzjonijiet ta’ tradutturi Maltin tal-ewwel nofs tas-seklu 19 li ħallew influss fuq l-istorja lingwistika ta’ pajjiżna: dik ta’ Mikiel Anton Vassalli, ta’ wliedu Grabiel u Saver u ta’ Mikelanġ Camilleri. L-istorja ta’ din l-istamperija tgħinna nifhmu dan il-perjodu storiku tal-ilsien Malti u l-iżvilupp tiegħu, ironikament xprunat mill-Protestanti Ingliżi.

[1] Żewġ saċerdoti Maltin oħra qalbu testi reliġjużi għall-Protestanti: Giovanni Falzon u Giuseppe Maurin. Fl-1926 il-British and Foreign Bible Society (BFBS) ħarġet *Il Ctieb tas-Salmi*, maqlubin minn Falzon (Cachia, Jannar 2017, p. 32). Maurin ipprova jaqleb il-Vanġeli; qabel ma miet reġa’ għadda fi ħdan il-Knisja Kattolika (Sant, 1979, pp. 88, 90; Cachia, Jannar 2017, pp. 30-34).

[2] Kien żwieġ kontroversjali fejn Fleri tilfet il-kustodja tat-tfal tagħha anke fl-appell peress li daħlet fi żwieġ Protestant u ma kinitx se trabbihom fil-fidi Kattolika li l-ewwel żwieġ tagħha kien jeħtieġ. Meta l-marixxall tal-Qorti mar biex jiġbor it-tfal biex jgħaddihom lil nannithom li għamlet u rebħet il-kawża, Camilleri pprova jirreżisti t-teħid tagħhom, spiċċa arrestat, imtella’ l-qorti u kkundannat għal 20 jum ħabs. Iżda din il-piena nbidlet f’multa ta’ 200 tarì (€1.60) wara dak li ħafna jallegaw kienet ordni mill-Gvernatur Ingliż ta’ dak iż-żmien fuq intervent mill-Isqof Tomlinson. Għal aktar dettalji dwar dan l-inċident ara Bonnici, 2000, p. 52 u Dandria, 11 ta’ Ottubru 2015.

| **Xi dati importanti mill-1815 sal-1847 marbuta mal-istamperija tas-CMS** | | |
|---|---|---|
| DATA | ĠRAJJA | SORS |
| 1 ta' Nov. 1815 | Ir-Rev. Willian Jowett, qassis Anglikan, jasal Malta biex jiftaħ fergħa taċ-Church Missionary Society bl-iskop li xxerred l-Anglikaniżmu f'Malta u fil-Mediterran. | Sant, 1975, p. 8 |
| 1822 | Ir-Rev. William Jowett jiftaħ l-istamperija tas-CMS f'97-98 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, b'bieb fi Triq Kristofru. | Sant, 1975, p. 10 |
| Sett.-Ott. 1827 | Mill-istamperija tas-CMS toħroġ il-*Grammatica della lingua maltese* ta' Mikiel Anton Vassalli. | Cremona, 1975, p. 64; Sant, 1975, p. 11 |
| Mejju 1828 | Mill-istamperija tas-CMS joħroġ il-*Motti, aforismi e proverbii maltesi* ta' Mikiel Anton Vassalli li jiddedikah lir-Rt. Hon. John Hookham Frere. | Cremona, 1975, p. 65; Sant, 1975, p. 11 |
| 12 ta' Jannar 1829 | Mikiel Anton Vassalli jmut f'Tal-Pietà. Uliedu Grabiel, Saver u Mikiel Anton jaqgħu taħt il-kustodja tal-Protestanti u eventwalment jibdew jaħdmu fl-istamperija tas-CMS bħala tradutturi u stampaturi. Fl-istess sena, il-Protestanti jippubblikaw f'Londra, *L-Erba' Vanġeli u l-Atti tal-Appostli*, tradotti mil-Latin minn Vassalli. | Cremona, 1975, pp. 68, 71 |
| 1830 | L-Għarabista r-Rev. Christoph Friedrich Schlienz jinħatar is-Superintendent tal-istamperija tas-CMS wara li kien ilu jaħdem fl-istess stamperija bħala editur u traduttur sa mill-1827. | Roper, 1988, p. 197; Sant, 1975, p. 10 |
| 13 ta' April 1830 | Il-Protestanti jingħataw permess mill-Gvernatur Sir Frederic Ponsonby (1827-1836) biex jippubblikaw għadd ta' pubblikazzjonijiet fosthom *Il-Ħajja ta' Robinson Crusoe* (sic) ta' Daniel Defoe bil-Malti. | Vella, 2006, p. 39 |
| 1831 | Mill-istamperija tas-CMS toħroġ *Storja tas-Sultan Ċiru*, addattament mill-Franċiż għall-Malti ta' Mikiel Anton Vassalli. Fl-istess sena mill-istess stamperija joħroġ *Ktyb yl-Qari aat-tfal*. | Cremona, 1975, p. 72 |
| Ġunju 1832 | Ir-Rev. Schlienz jgħid li ġew impjegati fl-istamperija tas-CMS Frederic de Brocktorf u ibnu Luigi, disinjaturi u litografi Ġermaniżi li jgħixu f'Malta. Fil-pubblikazzjonijiet li ħarġu mill-istamperija naraw ħafna mit-tpinġijiet tagħhom. Damu jaħdmu f'din l-istamperija sal-1840. Fl-1833 ġie impjegat ħu Frederic, Francesco bħala legatur. | Roper, 1988, pp. 165-166 |
| 1832 | Mill-istamperija tas-CMS joħroġ *Ktyb il-qari fuq bosta ħwejjeġ maħtura minn kotba kattoliċi*. | Cremona, 1975, p. 72 |
| 1835 | Mill-istamperija tas-CMS toħroġ it-traduzzjoni mill-Ingliż għall-Għarbi tar-rumanz *Qissat Rūbinşun Kurūzī* (*Il-Ġrajja ta' Robinson Crusoe*) ta' Daniel Defoe. Minnha stampaw 'il fuq minn 800 kopja. Xi inċiżjonijiet li jidhru f'din il-pubblikazzjoni jerġgħu jidhru *Il Ħaŷa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe, ta' York: miktuba minnu in nifsu* tal-1846. | Roper, 1988, pp. 255, 340 |
| 1836 | F'din is-sena, minn din l-istamperija ħarġu 'l fuq minn 17-il elf kopja ta' pubblikazzjonijiet diversi bil-Grieg, bit-Tork u bl-Għarbi u xogħlijiet litografiċi li ġew esportati barra minn Malta. | *Church Missionary Record*, No. 3, March 1837 – *Mediterranean Mission*, p. 53 |
| 1838 | Mill-istamperija tas-CMS joħroġ *Views on the improvement of the Maltese language and its use for the purposes of education and literature* ta' Christoph Friedrich Schlienz. Hu bis-saħħa ta' dan il-ktieb li nafu fiċ-ċert, fost affarijiet oħra, li *Storja tas-Sultan Ċiru* hu ta' Mikiel Anton Vassalli. | Roper, 1988, p. 342; Schlienz, 1838, p. 40 |

| | | |
|---|---|---|
| 1838 | Mill-istamperija tas-CMS joħroġ *Description of Malta and Gozo By George Percy Badger*. Minkejja li naqraw fil-qoxra li dan ġie stampat minn M. Weiss fil-verità dan ġie stampat mis-CMS. | Vella, 2006, p. 39 |
| 15 ta' Marzu 1839 | Tidħol il-Libertà tal-Istampa f'Malta permezz tal-promulgazzjoni tal-Ordinanza IV tal-1839 fost il-protesti tal-Knisja Kattolika. | Bonnici, 1957, p. 114; Zammit, 2008, p. 277 |
| 1842 | Is-CMS twaqqaf l-operazzjonijiet kemm tas-soċjetà kif ukoll tal-istamperija tagħha. Kien hemm min kien interessat biex jixtri l-istamperija imma allafini kien wieħed mill-istampaturi tas-CMS stess, Matthäus Weiss, li ħa t-tmexxija tal-azjenda wara li saħansitra xtara xi tagħmir u materjal tal-istess stamperija. Tidħol fl-istorja s-Society for Promoting Christian Knowledge (SPCK). | Roper, 1988, pp. 315-318 |
| Lulju 1842 | Wara 13-il sena jaħdmu fl-istamperija, it-tfal ta' Vassalli, Grabiel u Saver, jispiċċaw bla xogħol. | Ciappara, 2004, p. 147 |
| 1843-1844 | Mikelanġ Camilleri, qassis Kattoliku li sar Anglikan, jibda jittraduċi għall-Isqof ta' Ġibiltà f'Malta, ir-Rev. George Tomlinson. Jibda bil-qlib għall-Malti tal-*Ktieb it-Talb ta' Âalenia* li jinkludi s-Salmi ta' David meqjusin bħala l-ewwel traduzzjoni tas-Salmi għall-Malti mill-Ebrajk. | Bonnici, 2000, p. 52; Saydon, 1937, p. 526 |
| 1845 | Mill-ex stamperija tas-CMS, taħt it-tmexxija ta' Matthäus Weiss joħorġu dawn il-pubblikazzjonijiet:<br>· *A short grammar of Maltese language, Malta 1845*<br>· *Ktieb it-Talb ta' Âalenia, u tal-Âoti tas-Sagramenti u tar-Riti u Chirimonyl tal-Knisya, fuq id-Drawa tal-Knisya Mwahhda ta' l' Ingilterra u ta' l' Irlanda: flimkien mas-Salteryü ew is-Salmi ta' David, Malta fli stamperija ta' M. Weiss*<br>· *Grammatica della Lingua Maltese: Spiegata Secondo I Principi Delle Lingue Orientali e della Lingua Italiana. Can. Fortunato Panzavecchia, Malta Tipografia di M. Weiss, 1845* | Roper, 1988, p. 232; Cremona, 1975, pp. 72-73 |
| 1845 | Weiss jaqta' qalbu mill-istamperija u jitlaq definittivament minn Malta. | Roper, 1988, pp. 232, 319 |
| 1846 | Jidher li l-aħwa Grabiel u Saver Vassalli xtraw it-tipi u xi tagħmir tas-CMS u fetħu stamperija ħdejn dik tas-CMS f'Nru 97 Strada Forni, il-Belt. Minn din l-istamperija joħorġu dawn il-pubblikazzjonijiet:<br>· *Il Ħaÿa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe, ta' York: miktuba minnu in nifsu*<br>· *Il-Bidu tal-Grammatika Ingliża, Malta, 1846* | Cremona, 1975, p. 73 |
| 1847 | Saver Vassalli jiftaħ stamperija għal rasu fi Strada Federico, il-Belt, iżda eventwalment jemigra. Sadanittant mill-istamperija taħt it-tmexxija ta' Grabiel Vassalli joħorġu dawn il-pubblikazzjonijiet:<br>· *Aaqda il Jdida ta' Sidna Jesu Kristu mijyuba mil Inglis. Malta, Grabiel Vassalli Stampatur 1847*<br>· *Il-Ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu. Canonicu Fortunatu Panzavecchia. Malta. 1847.*<br>· *Breve Storia di Malta dai Tempi più Remoti fino all'Amminitrazione del Governatore Sir Patrick Stuart – Canonico Fortunato Panzavecchia*<br>· *Fejn tibka Malta* | Roper, 1988, p. 231; Cremona, 1975, pp. 18, 73; Agius Muscat, 2019, p. 198 |

### Sfond storiku

It-traduzzjonijiet li ħadem fuqhom Camilleri f'Malta dehru meta pajjiżna kien għaddej minn taqlib soċjopolitiku, prinċipalment instigat mill-Ingliżi. Xi xahar wara li Camilleri ġie ordnat saċerdot Kattoliku, fl-20 ta' Ottubru tal-1836, waslet Malta l-Kummissjoni Rjali magħmula minn George Cornewall Lewis (1806-1863) u John Austin (1790-1859), fuq l-akbar frigata tan-Navy Ingliża l-*Vernon* u fost entużjażmu u aspettattiva kbar mill-Maltin.

Dawn it-tnejn kellhom jistħarrġu l-liġijiet u l-kostituzzjoni ta' Malta, jiflu s-sitwazzjoni ta' diversi setturi fil-gżira, jiktbu rapport u jagħtu suġġerimenti. F'Malta sabu faqar kbir u nuqqas tremend ta' edukazzjoni (Laferla, 1976, pp. 139-140). Magħhom ġiet mart John Austin, Sarah Austin (1793-1867), editriċi Ingliża li kienet taf il-Latin, il-Franċiż, il-Ġermaniż u t-Taljan u traduttriċi ta' xogħlijiet mill-Ġermaniż u l-Franċiż għall-Ingliż. Mill-ewwel ġranet li waslet Malta u matul is-sena u disa' xhur li damet hawn ma' żewġha, Sarah Austin, imlaqqma mill-Maltin bħala *La Signora Commissionaria*, ħadet interess fl-affarijiet tal-Maltin u bis-saħħa tat-Taljan li kienet taf indiehset man-nobbli Maltin li l-Ingliżi kienu qed iwarrbuhom u ma jagħtux kashom. Minkejja li hi ma kinitx waħda mill-Kummissarji għamlet ħafna suġġerimenti dwar kif tista' tittejjeb il-ħajja tal-Maltin. Barra minn hekk ħadet interess fl-arti Maltija u fl-industrija tal-bizzilla (Laferla, 1976, pp. 138, 146 ff).

Fid-9 ta' Ġunju 1837 faqqgħet il-kolera li sal-31 ta' Lulju tal-istess sena kienet diġà qatlet 3,382 ruħ (Laferla, 1976, p. 142). Sarah Austin tatna kronaka estensiva tal-kolera fl-artiklu *The cholera in Malta* li deher fl-edizzjoni ta' Jannar 1866 tal-*Fraser's Magazine*.


L'INDICATORE.

GIORNALE RELIGIOSO.

*E questo è per essere congiuntamente consolato in voi, per la fede comune fra noi, vostra e mia.* Rom. i. 12.

ANNO I.] MALTA 1 MAGGIO 1845. [No. 1.

SOMMARIO.—Carattere ed importanza di questo foglio—Discorso preliminare—Parte dottrinale: Apologia di Jewel—Parte storica: La Bibbia Inglese—Parte statistica: Gerarchia della Chiesa d'Inghilterra e d'Irlanda—Pastorale del Vescovo di Gibilterra—Notizie miscellanee.

L-ewwel faċċata tal-ewwel edizzjoni ta' L'Indicatore tal-1 ta' Mejju 1845, diretta mir-Rev. Mikelanġ Camilleri.

Il-quċċata ta' dan il-perjodu ntlaħqet fil-15 ta' Marzu 1839 bid-dħul fis-seħħ tal-Ordinanza IV li daħħlet f'Malta l-Libertà tal-Istampa fost il-beżgħat u l-protesti tal-Knisja Kattolika f'Malta (Zammit, 2007, p. 277; Bonnici, 1957, p. 114). Din l-ordinanza u xi riformi fil-qasam edukattiv li kienu jinkludu l-bini ta' tliet skejjel fil-Belt, fl-Isla u f'Għawdex u xi riformi oħra kienu frott is-suġġerimenti tal-Kummissjoni Rjali iżda r-riformi fl-edukazzjoni kienu xprunati l-aktar minn Sarah Austin, li tant kellha għal qalbha l-edukazzjoni u li ma felħitx tara l-miżerja u n-nuqqas ta' edukazzjoni enormi fost il-Maltin (Laferla, 1976, p. 147).

Dan il-perjodu jiġi fi tmiemu bil-bini u t-tlestija tal-Katidral Anglikan fil-Belt Valletta bejn l-1839 u l-1844 – fejn, f'ċerimonja apposta li saret fit-28 ta' Diċembru 1844, Camilleri ġie aċċettat bħala saċerdot Anglikan – (Laferla, 1976, p. 154; TCoE Magazine, 1845, p. 22) u bil-ħatra fl-1842 tar-Rev. George Tomlinson (1794-1863)[3] bħala l-ewwel isqof ta' Ġibiltà, djoċesi Anglikana ġdida li kienet tkopri l-Mediterran inkluża Malta.

Dawn it-tibdiliet kellhom impatt qawwi pożittiv fuq il-libertà tal-istampa u tal-espressjoni u l-proliferazzjoni ta' pubblikazzjonijiet u gazzetti mhux biss bil-Malti imma anke b'lingwi oħrajn, mhux biss minn Maltin imma wkoll minn barranin residenti f'Malta.

Emanuela, mart Camilleri, mietet f'inċident fil-25 ta' Lulju 1845 (Bonnici, 2000, p. 53). Ftit qabel, il-Protestanti, bħal ħafna eżiljati Taljani f'Malta, ħatfu l-opportunità li tathom il-libertà l-"ġdida" tal-istampa u qabbdu lil Camilleri jniedi *L'Indicatore – Giornale religioso*, rivista Protestanta ta' kull xahar bit-Taljan u li mexxa bejn l-1 ta' Mejju 1845 u l-1 ta' Ġunju 1848 (Villani, 2018, p. 84). Aktarx ftit wara Camilleri telaq minn Malta darba għal dejjem biex jiżżewweġ lil Anne Parsley Clarke fl-Ingilterra fl-14 ta' Settembru 1848 (Bonnici, 2000, p. 53).

[3] Tomlinson dam isqof ta' din id-djoċesi sa mewtu fl-1863. Bejn l-1848 u l-1850 kien miżżewweġ lil Louisa, bint il-Ġen. Sir Patrick Stuart, Gvernatur ta' Malta bejn l-1843 u l-1847 (Wikipedia) – dak li qabeż għal Camilleri meta kellu l-problemi mal-ġustizzja fl-1843.


A SHORT

GRAMMAR

OF THE

MALTESE LANGUAGE.

MALTA:
1845.


SPECIMEN OF MALTESE.

ORIGINALLY WRITTEN BY Mr. M. A. VASSALLI,

*Wherein some grammatical rules which have been omitted before, will be found, and the affixed pronouns marked in italics.*

| STEDINA. | AN INVITATION. |
| --- | --- |
| TIFTHI ktieb, u ma tistâush taqrau*h*, (1) âash ma tâallemtush il qari, tarau u thossu illi bħallikieku yisâob bi*kom*. | IF on opening a book you cannot read it, because you have never learned to read, you know and feel your regret. |
| Yiek mbaâd taqrau*h*, u ma tifhmu*h*sh, u lanqas ma tafu (2) tfissru*h*, billi ikun miktub bi lsien barrani, nisthaỹel illi ikoll*kom* aktar soâba. | If then, you can read it, but you do not understand nor are able to explain it, because it is written in a foreign language, I suppose your regret to be greater. |

(1) We may here observe the idiomatical expression of the three first verbs, which literally mean *you open a book and you cannot read it.* This kind of speech is proper to Poetry and to Proverbs.

(2) The particle *ma* has several meanings (see Vassalli's Lexicon) and amongst them a negative one, as in the above passage. It then requires the *sh* affixed to the next following verb as *ma tifhmuh-sh*, but it is left out when another negative particle is joined to the verb, as *lanqas ma tafu.* We may also observe that the *sh* must be placed after the pronoun affixed either to the verb, as in *tifhmu-h-sh*, or to a preposition, as *ma fi-h-sh* not in it.

### *Grammatika "Ingliża" għall-Malti*

Qabel ma niflu t-traduzzjonijiet ta' Camilleri tajjeb li nsemmu *A short grammar of the Maltese Language* li s-Society for Promoting Christian Knowledge (SPCK) ħarġet fl-1845 mill-ex stamperija tas-CMS, immexxija f'dak iż-żmien minn Matthäus Weiss. Dan jeħtiġilna nagħmluh peress li f'dawn it-traduzzjonijiet kollha Camilleri uża l-ortografija li tidher f'din il-grammatika li Agius Muscat jgħid li kitibha hu (2019, p. 135). Ninu Cremona, li fil-bijografija tiegħu ta' Mikiel Anton Vassalli jagħmel referenza għal Camilleri u xogħlijietu, jgħidilna li l-alfabett użat "kemm sata' jkun, jaqbel ma' dak tal-Ingliż... [peress li din] l-ortografija dehret meħtieġa mit-tagħlim tal-Malti li kien biħsiebu jingħata fi skejjel Ingliżi u bħala mezz ta' tagħlim tal-Ingliż għat-tfal Maltin" (1975, p. 73).

Fit-traduzzjoni għall-Ingliż tal-istess bijografija, Cremona jelabora aktar: "In the report of the SPCK for 1844 it is mentioned with what great enthusiasm the Committee [il-Kumitat tat-Tmexxija tal-SPCK] was preparing the way to clothe Maltese afresh and, in the opinion of the Anglican Bishop of Gibraltar [Tomlinson], to make it correspond with the letters of the English Alphabet and, in this way, this spelling would serve as a means for Maltese children to learn English more readily" (1940, p. 120). Barra minn hekk fl-istess *A short grammar of the Maltese Language* hemm miktub: "The following system has been adopted with one specific object, which is, to facilitate the acquisition of Maltese by means of English, and of English by means of Maltese" (1844, p. 3).

### *Ktieb it-Talb ta' Għalenija*

*The Book of Common Prayers* hu l-ktieb tat-talb tal-Anglikani li ħareġ għall-ewwel darba fl-1549. Dan jinkludi t-talb l-aktar komuni bħal dak ta' filgħodu u ta' filgħaxija, it-talb marbut mas-servizzi tal-magħmudija, il-griżma, iż-żwieġ, il-funerali u t-talb għall-morda. Fih ukoll siltiet mill-Bibbja, kemm mit-Testment il-Ġdid kif ukoll mit-Testment il-Qadim, inklużi s-Salmi ta' David għall-qari ta' kuljum.

Camilleri jistqarr li dan il-ktieb ħalla impatt fuqu hekk kif ġie f'idejh ftit wara li wasal mill-Alġerija u aktarx li xprunah biex jgħaddi għall-Knisja Anglikana: "An English Prayer Book was given to me, and that book opened my eyes to the excellences of the Church of England and the other Reformed Churches, and at the age of thirty I became a member of the Church of England. This step may perhaps be called conversion, but it is really a transition like that of the Popish priests at the time of the English Reformation" (Stuteville Isaacson, 1903, p. 178). Madanakollu Villani jgħid li l-kriżi reliġjuża tiegħu probabbilment seħħet fil-bidu minħabba l-inkapaċità tiegħu li jsostni ċ-ċelibat (2018, p. 83).

Wara li Camilleri ġie lura Malta minn Ġibiltà fl-1843, beda jittraduċi għall-Malti *The Book of Common Prayers* għall-Isqof Tomlinson li ngħata approvazzjoni mill-SPCK li jħallsu £4 fix-xahar tax-xogħol ta' traduzzjoni li kien jagħmel (Sant, 1975, p. 30). F'dan iż-żmien Tomlinson kien membru tal-Kumitat tat-Traduzzjoni Barranija tal-SPCK flimkien mar-Rev. George Frederick Nott u mar-Rev. Christopher

Friedrich Schlienz, li bejn l-1827 u l-1830 kien editur u traduttur fl-istamperija tas-CMS u bejn l-1830 u l-1842 kien imexxiha (Dixon, 2018, p. 287; Roper, 1988, p. 195). Qabel, bejn l-1831 u l-1842 l-Isqof kien segretarju tal-SPCK (Wikipedia).

*Ktieb it-Talb ta' Âalenia, u tal-Âoti tas-Sagramenti u tar-Riti u Chirimonyl tal-Knisya, fuq id-Drawa tal-Knisya Mwahhda ta' l' Ingilterra u ta' l' Irlanda: flimkien mas-Salteryü ew is-Salmi ta' David* ħareġ stampat fl-1845 mill-ex stamperija tas-CMS, li xi żmien qabel waqgħet taħt it-tmexxija ta' Matthäus Weiss, ex impjegat tal-istess azjenda. F'rapport għas-sena 1844 tal-SPCK, l-għaqda Protestanta li ħallset il-pubblikazzjoni tiegħu, naqraw li l-pubblikaturi ltaqgħu ma' diffikultajiet minħabba l-istat anomalu tal-Malti bħala lingwa miktuba (Sant, 1975, p. 30). Kif jindika l-isem sħiħ tal-ktieb, dan jinkludi s-Salmi ta' David li, skont il-Biblista u t-traduttur, il-Professur Pietru Pawl Saydon, Camilleri qalibhom direttament mill-Ebrajk għall-Malti u mhux mill-Ingliż kif wieħed jistenna. Għalhekk, skontu, din hi l-ewwel traduzzjoni Biblika mill-Ebrajk għall-Malti (1937, p. 526). Saydon jitkellem dwar dan il-fatt mhux mistenni hekk:

> "In a book which is a translation from English, it is but natural to suppose that all its parts are, or at least should be, translated from English. It seems, therefore, only very logical that we should assign an immediate English origin to the Maltese translation of the Psalms. But anyone who is familiar with the diction of the Hebrew Psalter and at the same time is no stranger to the simple, but dignified and vigorous style of the English Bible will at once perceive the close relation of Maltese to Hebrew, very often in disagreement with the style of the English Bible and with the English style in general. Not only did the Maltese translator retain the same order of words of Hebrew text, but also endeavoured to reproduce it word by word, and even noun by noun, verb by verb, particle by particle, also when the proper nominal or verbal form is wanting in Maltese" (1937, p. 527).

Saydon jiddeskrivi dan il-qlib dirett mill-Ebrajk għall-Malti bħala traduzzjoni servili miżgħuda b'inkonsistenzi tal-espressjoni, stil rozz, konnessjoni nieqsa tal-kliem minn kull tifsira minħabba kunċett żbaljat tal-letteralità jew nuqqas ta' għarfien xieraq tal-Ebrajk (1957, p. 10). Richard Taylor, l-ewwel Kattoliku li stampa testi Bibliċi għal idejn il-poplu, fit-traduzzjoni tiegħu ta' *Ctieb is-Salmi tas-Sultan David u il Cantici* tal-1846 għamel użu mit-traduzzjoni tas-Salmi ta' Camilleri (Sant, 1975, p. 32). Saydon saħansitra jgħid li f'din it-traduzzjoni Taylor għamel użu "estensiv" minnhom u li reġa' uża din it-traduzzjoni ta' dawn is-Salmi u xi bċejjeċ mit-Testment il-Ġdid u t-Testment il-Qadim fil-ktieb tiegħu tal-1849 *Offizzju tal-Ġimgħa l-Kbira, Latin u Malti* u f'edizzjonijiet oħra li dehru aktar tard (Saydon, 1957, p. 10-11).

| Tqabbil ta' xi versi mis-Salmi tradotti minn Camilleri li tana Saydon (1937, p. 527) | | |
|---|---|---|
| **Salm 88, v 5** | Ebrajk | *neħxabti għim joredê bôr* |
| | Ingliż | I am counted as one of them that go down into the pit |
| | Malti | nħsibt ma' dawk li jinżlu fil-bir |
| **Salm 92, v 12** | Ebrajk | *wattabet għêni bexuraj baqqomîm għalaj mereghim tixmagħna ożni* |
| | Ingliż | mine eye also shall see his lust of mine enemies: and mine ear shall hear his desire of the wicked that arise up against me |
| | Malti | u tħares għajni fuq il-għedewwa tiegħi, fuq dawk li jqumu għalija l-ħżiena, tisma' widinti |
| **Salm 101, v 6** | Ebrajk | *għenaj bene'emne-'eres laxebet għimmadi hôlek bederek tamim hu iexareteni* |
| | Ingliż | mine eyes look upon such as are faithful in the land: that they may dwell with me |
| | Malti | għajnejja fuq il-wemmenin tal-art, biex joqogħdu miegħi: min jimxi fi triq mitmuma, hu jaqdini |

## Tqabbil ta' erba' traduzzjonijiet tas-Salm 67

### The Book of Common Prayer, Cambridge, 1762[4]

GOD be merciful unto us, and bless us: and shew us the light of his countenance, and be merciful unto us:

2 That thy way may be known upon earth: thy saving-health among all nations.

3 Let the people praise thee, O God: yea, let all the people praise thee.

4 O let the nations rejoice and be glad: for thou shalt judge the folk righteously, and govern the nations upon earth.

5 Let the people praise thee, O God: let all the people praise thee.

6 Then shall the earth bring forth her increase: and God, even our own God, shall give us his blessing.

7 God shall bless us: and all the ends of the world shall fear him.

### Mikelanġ Camilleri – 1845

Salm lxvii. *Deus misereatur.*

ALLA iħenn åalina, u ibierekna: yiddi b' wic̃hu leyna.
2 Biesh naåarfu fl' ard triqtek: u qalb il jnus kollha il
hilsien tiåek.
3 Ifaħħruk in nies, ya Alla; in nies kollha ifaħħruk.
4 Yifirħu u iåannu il jnus: åaliesh inti taåmel ħaqq
minn nies fis sew̃a, u il jnus fl' ard tmes̃hi.
5 Ifaħħruk in nies, ya Alla: in nies kollha ifaħħruk.
6 L' ard tati åalletha; ibierekna Alla, Alla taåna.
7 Ibierekna Alla; u yibzåu minnu it truf kollha ta' l'ard.

### Mons. Pietru Pawl Saydon – Librerija Preca 1995

*Lill-mexxej tal-kant B'daqq fuq il-kordi Salm Għanja*

2 Iħenn Alla għalina u jberikna,
u jitfa' fuqna d-dija ta' wiċċu,
3 biex jingħarfu fl-art treqatek,
u fil-ġnus kollha l-ħelsien tiegħek.

4 Ifaħħruk il-popli, ja Alla,
Ifaħħruk il-popli kollha.

5 Ħa jifirħu u jithennew il-ġnus,
għax Int taħkem il-popli bis-sewwa,
u l-ġnus fuq l-art Inti tmexxihom.

6 Ifaħħruk il-popli, ja Alla,
ifaħħruk il-popli kollha.

7 L-art tat frottha;
berikna Alla, Alla tagħna,
8 Iberikna Alla u jibża' minnu
kulħadd sa truf l-art!

### L-Għaqda Biblika – Il-ħames edizzjoni 2020

1 *Għall-mexxej tal-kor. Bl-istrumenti tal-korda. Salm. Għanja.*
2 Iħenn għalina Alla, u jberikna;
idawwar għal fuqna d-dija ta' wiċċu!
3 Biex jingħarfu fuq l-art triqatek,
fost il-ġnus kollha s-salvazzjoni tiegħek.
4 Ifaħħruk il-popli, o Alla,
ifaħħruk il-popli kollha.

5 Jithennew il-ġnus u jgħannu bil-ferħ,
għax trieġi l-popli bis-sewwa,
u l-ġnus fuq l-art inti tmexxihom.
6 Ifaħħruk il-popli, o Alla,
ifaħħruk il-popli kollha.

7 L-art tat il-frott tagħha;
iberikna Alla, Alla tagħna!
8 Iberikna Alla, u tibża' minnu
l-art kollha minn tarf għall-ieħor!

### Richard Taylor – 1846

1.
Alla jcollu hniena minnēna
U jbericna f' dakka 'l coll:
Bi gimiel uicċiu jiddi lejna
Hniena minnēna jcollu uċoll.
2.
Biex nagharfu f'din l'ard triektech,
Fiha nimxu dejjem mighech:
Hech ucoll kalb il ginus collha
Nilmhu dac il helsien tighech.
3.
In-nies collha ja cbir Alla
F' dakka fis tifhir jatuc:
Iva in-nies tad-dinja collha
F' dakka 'l coll fis jfahhruc.
4.
Il ginus tifrah u tithellel (1):
Ghax int taghmel hakkijiet,
Minn nies collha biss fis-seuua,
U il ginus tmixxi fl' ardijiet.
5.
Jistakrruc in-nies ja Alla
Ghax ghalihom int is-sahha;
In-nies collha bich jistkarru:
Hauna l'ard tat il frot tahha.
6.
Jberichna iva il cbir Alla,
Alla taghna 'l coll bniedmin;
Il cbir Alla iva jberichna;
Truf coll ard minnu jmbezzghin.

---

4 https://www.churchofengland.org/prayer-and-worship/worship-texts-and-resources/book-common-prayer/psalter/psalms-65-67 - ikkonsultat fl-4 ta' Jannar 2022.

### *Il-Għaqda l-Ġdida*

Meta fl-għodwa tat-12 ta' Jannar 1829 il-kankrena attakkat qalb Mikiel Anton Vassalli u qatlitu (Cremona, 1975, p. 68), Missier l-Ilsien Malti ħalla biss faqar materjali liema bħalu għalih u familtu. Iżda hu ħalla wirt intellettwali kbir li għadna ngawduh sal-lum. Fost dan il-ġid intellettwali li ħallielna hemm it-traduzzjoni mill-Vulgata tal-Erba' Vanġeli u l-Atti tal-Appostli (*Quator Evangelia et Actus Apostolorum juxta Vulgatam Romæ*) li l-Protestanti stampawlu ftit xhur wara mewtu fl-1829. Fix-xhur qabel ma miet kien magħkus wisq bil-mard imma xorta insista li jagħmel il-qari tal-provi ta' dawn il-Vanġeli u l-Atti li kellhom joħroġu fi ktieb wieħed stampat f'Londra (Cremona, 1975, p. 104).

Fl-1847, Camilleri rreveda dan ix-xogħol ta' Vassalli u qaleb il-kumplament tat-Testment il-Ġdid minkejja li kemm Cremona u Saydon kienu jemmnu li Vassalli ħalla manuskritt bit-traduzzjoni tal-kumplament tat-Testment il-Ġdid. Fil-verità Vassalli kien wisq marid u aktarx ħalla biss l-ewwel abbozz manuskritt tal-Ittra lir-Rumani. Fit-2 ta' Frar 1870, kien Camilleri stess li neħħa kull dubju dwar dan u stqarr li l-Isqof Tomlinson mhux biss kien qabbdu jirrevedi l-Erba' Vanġeli u l-Atti tal-Appostli ta' Vassalli imma qabbdu jaqleb l-Ittri tal-Appostli u l-Apokalissi biex b'hekk ix-xogħol kollu ħareġ sħiħ fl-1847 mill-istamperija ta' Grabiel Vassalli, taħt l-isem *Aaqda il Jdida ta' Sidna Jesu Kristu mijyuba mil Inglis*. Din l-edizzjoni tħallset kompletament mill-SPCK u ta' dan ix-xogħol Camilleri ħa £5 fix-xahar u fl-aħħar saħansitra tawh bonus (Sant, 1975, p. 30). Għaldaqstant Camilleri kien l-ewwel wieħed li rrevedielu l-Vanġeli u l-Atti tal-Appostli.

Ħafna snin wara, Camilleri stess ammetta li din it-traduzzjoni tal-1847 kellha bżonn reviżjoni biex tkun eqreb il-lingwa mitkellma. Hu jkompli jgħid li kien żball li ntuża kliem obsolet (Sant, 1975, p. 42). Saydon qabbel l-edizzjoni tal-1847 ma' dik tal-1829 u jgħid: "A comparison between Vassalli's translation and the New Testament translation of 1847 in the parts common to both reveals at once a close similarity, very often a verbal identity between the two to such a degree that at first sight [Camilleri's New Testament] seems to be but a slight revision of [Vassalli's translation]" (Saydon, 1957, pp. 6-7).

Skont Saydon, il-ftit bidliet li kien hemm kienu ta' tliet tipi: (i) bidliet lessikali fejn kliem obsolet inbidel bi kliem attwali; (ii) bidliet grammatikali u stilistiċi fejn tempi verbali ta' spiss inqalbu kontra r-regoli ffissati minn Vassalli u sentenzi mibnija b'mod differenti; u (iii) bidliet testwali fejn Camilleri daħħal kliem u sentenzi li Vassalli ħalla barra (Saydon, 1957, pp. 6-7). Camilleri jgħid li l-akbar difett tat-traduzzjoni tiegħu u ta' Vassalli kien l-ortografija: hu uża ortografija Ingliża filwaqt li Vassalli daħħal l-ittri Russi. Jgħid ukoll li kkonsulta u żamm viċin kemm kien possibbli mal-verżjoni Griega (Sant, 1977, p. 134) iżda Saydon jgħid li Camilleri mexa ħafna mal-verżjoni Ingliża (1957, p. 7) – kif fl-aħħar mill-aħħar jgħid it-titlu stess tat-traduzzjoni, "*mijyuba mil Inglis*".

Xi 25 sena wara, l-edizzjoni tal-1847 reġgħet ġiet riveduta minn ċertu Paul Bonavia imma Camilleri, dak iż-żmien stabbilit bħala kappillan ta' parroċċa Anglikana fl-Ingilterra, reġa' kien involut fil-qari tal-manuskritti ta' din ir-reviżjoni u b'suġġerimenti validi ta' kif kellha tkun din il-verżjoni l-ġdida. Fl-aħħar ġew ippubblikati biss il-Vanġeli ta' San Mattew u ta' San Ġwann u l-Atti tal-Appostli, "Riveduti u Kollazzjonati fuq l-Oriġinal Grieg" fi tliet kotba separati bejn l-1870 u l-1872 mill-għaqda Protestanta, il-British and Foreign Bible Society, stampati f'Londra mill-Cambridge University Press (Sant, 1977, pp. 118-119).


KTIEB
IT TALB TA' ÂALENIA,
U TAL ÂOTI
TAS SAGRAMENTI
U TAR RITI U CHIRIMONYI OHRA TAL KNISYA,
FUQ ID DRAŴA
TAL KNISYA MWAHHDA TA' L'INGILTERRA U TA' L'IRLANDA:
FLIMKIEN
MAS SALTERYU EW IS SALMI TA' DAVID,
UKOLL
IL ÂAMLA U KIF ÂANDHOM IKUNU ORDNATI U IKKONSAGRATI L'ISQFIYIET, IL QASSISIN, U ID DYAKNI.
MALTA:
FLI STAMPERIA TA' M. WEISS.
1845.


Ir-Rev. George Tomlinson,
l-Isqof ta' Ġibiltà
bejn l-1842 u l-1863


ÂAQDA IL JDIDA
SIDNA JESU KRISTU,
MALTA.

## Tqabbil tal-istess silta mill-Vanġelu ta' San Ġwann XV, 1-5

### Giuseppe Cannolo – 1822

CAPO XV.

1 Jena hu ed-dielia es-seuua; Missieri hu el ġen-nien.
2 Kol ferعa li fia ma tiġibŝ frott, jakٌtaعha: u dauk kol-ha, li tiġibu el frott, jnakٌ-kٌihom, bieŝ aktar taعmlu frott.
3 Entom essa mnakٌkٌjin bel kelma, li jena biha tkel-limtkom.
4 Ebkٌعu fia, u jena fikom. Hekda kif el ferعa ma tistaŝ taعmel frott menha en-nifs-ha, ħlief jek tibkٌa fed-dielia; hek entom ukol, jek ma tibkٌعuŝ fia.
5 Jena hu ed-dielia, entom el frieعi: min jibkٌa fia, u jena fih, dan jaعmel bosta frott; عalieŝ men عairi ŝein ma tistعu taعmlu.

1 Io sono la vera vite; il Padre mio è il coltivatore.
2 Tutti i tralci, che non portano in me frutto, gli toglie via: e tutti quegli, che portan frutto, gli rimonderà, perchè fruttifichino di vantaggio.
3 Voi già siete mondi in virtù della parola, che vi ho annunziato.
4 Tenetevi in me, ed io in voi. Siccome il tralcio non può per se stesso dar frutto, se non si tiene nella vite; così nemmen voi, se non vi terrete in me.
5 Io son la vite, voi i tralci: chi si tiene in me, e in chi io mi tengo, questi porta gran frutto; perchè senza di me non potete far nulla.

### Mikiel Anton Vassalli – 1829

CAPUT DECIMUM QUINTUM.

Jŷna hi yd-dŷljæ tas-seuuæ, u Myssŷri yl gennŷn-bydui.
2. Koll zargŭna li ma tnannebuq fĭa, jneħ-ħĭha: u kolluaħda, li tnanneb, jħaffĕfylha, bŷuq aktar tŋallel.
3. Yss' yntom ndâf byl klŷm, li kellymtkom.
4. Ybqnu fĭa: u jŷn fĭkom. Kĭf yz-zargŭna ma tystâuq tnanneb mynnha nfysha, ŋajr jŷk tybqañ fyd-dŷljæ: hekk yntom anqas *tystnu*, ŋajr jŷk tybqnu fĭa.
5. Jŷnæ hi yd-dŷljæ, yntom yz-zrâgen: mĭn jybqañ fĭa, u jŷn fĭh, dâna jannmel bosta ŋallæ: nalŷuq myn ŋajri uqejn ma tystnu tanmlu.

Ego sum vitis vera: et Pater meus agricola est.
2. Omnem palmitem in me non ferentem fructum, tollet eum: et omnem, qui fert fructum, purgabit eum, ut fructum plus afferat.
3. Jam vos mundi estis propter sermonem, quem locutus sum vobis.
4. Manete in me: et ego in vobis. Sicut palmes non potest ferre fructum a semetipso, nisi manserit in vite: sic nec vos, nisi in me manseritis.
5. Ego sum vitis, vos palmites: qui manet in me, et ego in eo, hic fert fructum multum: quia sine me nihil potestis facere.

### Mikelanġ Camilleri – 1847

TAQSIMA XV.

*It tishbiha tad dielya. Jesu iheȳi l' apostli âat ıbatia.*

YENA hu id dielya sewã, u Missieri hu il jennien.
2 Koll zarjuna li ma tâannebsh fia, iueħħiha: u koll waħda li tâanneb, *hua* iħaff'filha, biesh aktar tâallel.
3 Issa intom ndaf bil kliem li kel-lemtkom.
4 Ibqâu fia, u yena fikom. Kif iz zarjuna ma tistash tâanneb minnha nfis-ha, âayr yiek tibqa' fid dielya; hekk intom lanqas ma tistâu, âayr yiek tibqâu fia.
5 Yena hu id dielya, intom iz zar-juniet: Min yibqa' fia, u yena fih, dana iâallel wisq: âaliesh barra minni sheyn ma tistâu taâmlu.

### L-Għaqda Biblika – 2020[1] [5]

#### *Ġesù hu d-dielja vera*

1"Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi.

2Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha; u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott aktar.

3Intom ġa ndaf minħabba l-kelma li għidtilkom.

4Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija.

5Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn.

[5] https://malti.global.bible/bible/2cd26dfc051b0283-01/JHN.15 – ikkonsultat fl-4 ta' Jannar 2022.

### ***Robinson Krusoe ta' York***

*The Life and Strange Surprizing Adventures of Robinson Crusoe of York* ħareġ għall-ewwel darba fil-25 ta' April 1719 fir-Renju Unit (Wikipedia). Dan ir-rumanz Ingliż ta' Daniel Defoe hu wisq importanti għall-Protestanti għaliex jitfa' dawl fuq it-twemmin Nisrani mil-lenti Protestanta. Barra minn hekk ħidmet u mġibet il-protagonista, Robinsion Crusoe, eżiljat waħdu fuq il-gżira, jirrappreżentaw dak il-ħsieb li s-soċjologu Max Weber elabora bejn l-1904 u l-1905 fil-kapolavur tiegħu *The Protestant Ethic and the Spirit of Capitalism*. Il-kunċett "Protestant work ethic" jissejjes fuq il-fatt li l-Protestantiżmu jħeġġeġ ħajja ta' axxetiżmu fejn individwu jrid iqatta' ħajja ordnata, mingħajr ħela, serja, diliġenti, produttiva, razzjonali u b'awtokontroll – u proprju l-ħajja ta' Robinson Crusoe waħdu fuq il-gżira tippreżenta dan kollu.[6]

Mhux ta' b'xejn li *Il-Ħajja ta' Robinson Crusoe* (sic) kien fost it-titli fil-lista ta' pubblikazzjonijiet approvata fit-13 ta' April 1830 mill-Gvernatur Sir Frederick Cavendish Ponsonby (1826-1836) li l-Protestanti taċ-Church Missionary Society (CMS) riedu jaqilbu għall-Malti u jistampaw fl-istamperija li bdew joperaw huma stess fl-1822 (Vella, 2006, pp. 39, 37). Il-ħerqa tal-Protestanti li jxandru l-istorja ta' Robinson Crusoe tidher ukoll mill-fatt li fl-1835 stampaw fl-istess azjenda t-traduzzjoni mill-Ingliż għall-Għarbi ta' dan ir-rumanz, *Qissat Rūbinşun Kurūzī (Il-Ġrajja ta' Robinson Crusoe)*.[7]

Fl-1846 mill-ex stamperija tas-CMS, li issa kienet għaddiet f'idejn Grabiel u Saver Vassalli, ħareġ *Il Ħaỹa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe*[8] ta' Daniel Defoe, mingħajr isem it-traduttur. Matul iż-żmien, l-assenza ta' isem it-traduttur ħolqot ċerta ambigwità u ħafna studjużi u storiċi tal-letteratura Maltija attribwew dan ix-xogħol lit-traduttur prolifiku Richard Taylor (1818- 1868). Fosthom hemm l-istoriku tal-Malti, Dr Mario Cassar[9] u l-istoriku tar-rumanz Malti, il-Professur Charles Briffa (2003, p. 135). Il-kritiku tal-letteratura Maltija, il-Professur Oliver Friggieri, mhux talli jattribwixxi l-edizzjoni tal-1846[10] lil Taylor imma jattribwilu wkoll edizzjoni oħra tal-1852 – li jien ma sibthiex imma sibt l-edizzjoni "stampata t-tieni darba" tal-1857 b'ortografija kemxejn differenti minn dik użata fl-edizzjoni tal-1846. Madanakollu Friggieri minkejja li lil Taylor jattribwilu dan ix-xogħol, jammetti "all the other works of Taylor, both as a popular poet and a staunchly patriotic journalist, place him easily within the Italian tradition of the island" (1998-1999, p. 93).[11]


IL ĦAỸA

U

IL VINTURI

TA'

ROBINSON KRUSOE,

TA' YORK:

MIKTUBA MINNU IN NIFSU.

Miÿyuba mill' Inglis.

MALTA,

1846.

[6] http://xroads.virginia.edu/~Hyper/WEBER/cover.html u https://hayley3205.wordpress.com/ – ikkonsultati fl-4 ta' Jannar 2022.

[7] Din it-traduzzjoni, l-ewwel waħda bl-Għarbi li qatt saret fid-dinja, mhix ta' Shidyaq kif ħafna riċerkaturi jiktbu imma aktarx hi ta' Schlienz u/jew 'Isa Rassam u ġġib l-1835 bħala s-sena tal-pubblikazzjoni (Roper, 1988, p. 255). Minnha stampaw 'il fuq minn 800 kopja (*Church Missionary Record*, Nru 3, Marzu 1837: Mediterran Mission, p. 54).

[8] It-titlu sħiħ hu *Il Ħaỹa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe, ta' York: miktuba minnu in nifsu.* Minn hawn 'il quddiem se nuża biss it-titlu mqassar.

[9] https://akkademjatalmalti.org/ilsien-malti/l-istorja-tieghu/ – ikkonsultat fl-4 ta' Jannar 2022.

[10] Fuq Friggieri mexa Joseph Buttigieg fit-teżi tal-BEd tiegħu (April 1991, p. 76).

[11] Din l-attribuzzjoni lil Taylor baqgħet għaddejja mill-anqas sa Ġunju 2016 meta Jeanelle Mifsud ippreżentat it-teżi tagħha tal-MA, *Translation and adaptation in extracts from Il Ħaỹa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe by Daniel Defoe translated by Richard Taylor*. Fl-ebda mument tat-teżi Mifsud ma lissnet dubju dwar min hu verament it-traduttur ta' dan ix-xogħol anzi ttenni tikteb li skont sorsi sekondarji jikkonfermaw li Richard Taylor hu verament it-traduttur ta' dan ir-rumanz (2016, p. 25). Madanakollu dan id-dettall ma fixkel xejn mill-analiżi li għamlet tat-traduzzjoni.




Il-qoxra tat-traduzzjoni Għarbija
stampata f'Malta fl-1835,
aktarx ta' Schlienz u/jew 'Isa Rassam.



ROBINSON CRUSOE

HAJTU

U X'GHADDA MINN GHALIH

MICTUBA MINNU STESS

MALTA
Stampat Ghand C. Busuttil,
Strada Forni. Nu. 138
1896.

Il-qoxra tal-verżjoni tal-1896
b'ortografija Taljanizzata.
Traduttur mhux magħruf.



IL HAJJA

U

IL VINTURI

TA

...BINSON KRUSOE,

TA YORK:

MIKTUBA MINNU IN-NIFSU.

Stampata it-tieni darba.

MALTA:
1857.



UERREJ.

| | | |
|---|---|---|
| | | Pagna. |
| TAQSIMA I. | | |
| ...it-tuielid ta Robinson—kif tah mohhu ghas-safar—ir-raj tal missier u l' omm—kif żelaq u siefer | . . | 1 |
| TAQSIMA II. | | |
| ...t-tahbit ta Vinturier—fehmiet tajba fid-duejjaq—mnohhijin xhin ghadden—taqliba kbira tal bahar—it-telfa tal mirkeb—kollhadd imur l' art qauui shih—tsielit mat-tihbir tal qalb. | . . . . . . . | 5 |
| TAQSIMA III. | | |
| ...euel safra ghal Ġinea—it-tieni safra—jaqghu lsiera—Robinson jahrab u jehles mil jasar | . . . | 13 |
| TAQSIMA IV. | | |
| ...suri—vinturi—joqtol ljun u ljupard—jiltaqa ma mirkeb Portugis—jasal fil Brażil | . . . . . . | 2... |
| TAQSIMA V. | | |
| ...binson isir bidui—ighaddi lqoddiem f' dis-sengha ...imma iseuued qalbu—isiefer minn gdid | . . . . | |
| TAQSIMA VI. | | |
| ...ghbien—il mirkeb imur fuq l' art—Robinson uah-...du ma jeghreqx—il lejl li ghadda | . . . . . . | |

Il-fontispazju u l-werrej tal-verżjoni tal-1857
b'ortografija differenti minn dik tal-1846.
Traduttur mhux magħruf.

## Mhix ta' Taylor




Min-naħa l-oħra Antonio Schembri f'*Selva di autori e traduttori maltesi* tal-1855 ma jniżżilx *Il Ħaÿa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe* tal-1846 bħala wieħed mix-xogħlijiet ta' Taylor minkejja li jelenka l-kitbiet u traduzzjonijiet tiegħu (1855, p. 70). Barra minn hekk, la Ġużè Cassar Pullicino, wieħed mill-ewwel studjużi tal-Malti li tefa' dawl fuq Taylor (1964, pp. 146-147), u lanqas Edmond Grech (2007, pp. 111-112) ma jelenkaw *Il Ħaÿa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe* tal-1846 bħala waħda mit-traduzzjonijiet ta' Taylor. Il-Professur Joseph M. Brincat, fil-kapolavur tiegħu dwar l-istorja tal-ilsien Malti, ma jattribwixxix it-traduzzjoni tal-1846 lil Taylor imma jgħid li t-traduzzjoni tiegħu ta' Robinson Crusoe sfortunatament intilfet (2011, p. 302).

Hemm raġunijiet oħra li jwemmnuni li Taylor mhux it-traduttur ta' *Il Ħaÿa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe* tal-1846:

1. Taylor, minkejja l-kunjom Ingliż tiegħu, kien patrijott u Kattoliku Malti ferventi u għaldaqstant ma nistax narah jinteressa ruħu f'biċċa xogħol bħal din, essenzjalment Protestanta. Ġeneralment, fix-xogħlijiet l-oħra tiegħu, Taylor juża ortografija Taljanizzata. Barra minn hekk, f'xi pubblikazzjonijiet minn tiegħu, uża l-verżjoni Taljana ta' ismu, Riccardu.

2. Bejn l-1845 u l-1848, Taylor ippubblika erba' xogħlijiet impenjattivi, tnejn minnhom fl-1846 (Cassar Pullicino, 1964, pp. 146-147) – kollha b'ortografija Taljanizzata – u għaldaqstant, produttiv kemm kien produttiv ma nistax narah li fl-1846 seta' ħareġ it-tielet biċċa xogħol u saħansitra eċċezzjonalment b'ortografija Ingliżizzata kif inhi *Il Ħaÿa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe* tal-1846.



INDEX

LIBRORUM ORIENTALIUM

ET

LATINORUM

PUBLICAE BIBLIOTHECAE

MELITENSIS

ORDINE ALPHABETI.

MELITAE

MDCCCLVII.

Il-qoxra tal-ktejjeb tal-1857 li fih il-lista ta' kotba u pubblikazzjonijiet li kien hemm fil-Biblijoteka Nazzjonali fi żmien meta kienet qed titmexxa minn Dr Cesare Federico Vassallo.



[ 16 ]

LIBRI MELITENSES.

Ctieb is-Salmi u il Cantici: bil malti minn Ricardu Taylor. Malta 1846, 8vo.

El Haya u el vinturi ta Robinson Krusoe, *miktuba min* DAN. DE FOE', mijyuba mill Inglis *min D. M. Camilleri.* Malta 1846, 12mo,

Hajja tal Kaddisin vergini u martiri: miktuba min G. B. FALZON. Malta 1855, 12mo.

Ix-xahar tal Madonna. Malta 1852, 12mo.

Ktyb yl quari, fuq bosta huejjeg mahtura min Kotba Kattolici. Malta 1832, 12mo.

Ktyb yl quari Malti, u fih jynsabu bosta klym l'aktar msemmia. Malta 1833, 12mo.

Il Malti mictùb mil Academia filologica Maltia, Mil 15 ta Lugliu 1843 sa 6 ta Lugliu 1844, 4to.

MIFSUD TOMMASI (LOD.), L' inni imkadsa, l'antifoni, u is-sequenzi migiubin bil Malti. Malta 1853, 12mo.

——Tifhir u talp. Malta 1836, 12mo.

Offiziu tal Gimgha el cbira, migiub bil malti minn R. Taylor. Malta 1848, 12mo.

Il Haja ta Sidna Gesu Kristu, tal Canonico PANZAVECCHIA. Malta 1847, 16mo.

Quatuor Evangelia et Actus Apostolorum, nec non Eorundem Versio Melitensis *per Mich. Antonium Vassalli.* Londini 1829, 8vo.

ROLLIN, Storia tas-Sultan Ciru moghuda bil malti *min M. A. Vassalli.* Malta 1831, 12mo.

Parti mil-lista ta' kotba bil-Malti f'p. 16 tal-istess ktejjeb. Naraw it-traduzzjoni ta' Robinson attribwita lil Camilleri filwaqt kotba oħra attribwiti b'mod korrett lil Richard Taylor. Jidher li moħħ Vassallo kien ċar dwar min kiteb xiex.

**Xogħol ta' Camilleri**

Meta rajt għall-ewwel darba kopja ta' *Il Ħaÿa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe* tal-1846 minnufih għajni għokritni u aktar milli ta' Taylor, pjuttost bdejt naħseb li hi ta' Camilleri. B'din it-teorija f'rasi bdejt ngħarrex u nfittex ħjiel konkret u fl-aħħar sibt il-konferma tat-teorija tiegħi. Qabelxejn, tajjeb li ngħid li, bħalma għamel qablu Mikiel Anton Vassalli bi *Storja tas-Sultan Ċiru*, li l-Protestanti ppubblikawlu wara mewtu fl-1831 (Said, 2019, pp. xv, xl), Camilleri hawn tana dak li bl-istandards tal-lum insejħulu addattament tar-rumanz ta' Defoe. Fil-verità dan l-addattament jgħaqqad flimkien l-ewwel żewġ volumi tar-rumanz oriġinali. Din it-traduzzjoni tal-1846 twieldet fiż-żmien meta l-addattament ta' xogħlijiet letterarji minn lingwi oħra għall-Malti kien ta' spiss jingħadd bħala traduzzjoni.

L-aqwa ħjiel ta' min hi t-traduzzjoni jagħtihulna l-avukat u arkeologu Cesare Federico Vassallo (1801-1882), il-biblijotekarju tal-Biblijoteka Nazzjonali bejn l-1839 u l-1880. Fil-katalgu *Index librorum orientalium et latinorum publicae bibliothecae melitensis ordine alphabeti* tal-1857 ninnutaw li:

1. B'mod ċar u tond Vassallo jelenka fit-tieni post "El Haya u el vinturi ta Robinson Krusoe, *miktuba min* Dan. De Foe', mijyuba mill Inglis min *D. M. Camilleri* Malta 1846, 12mo". Fl-istess taqsima jelenka wkoll ix-xogħlijiet ta' Taylor tal-istess sena tal-1846 u oħrajn. Din turi li moħħ Vassallo kien ċar dwar min kiteb jew qaleb xiex.

2. Għalija l-inizjali D. M. joqogħdu perfettament għal D[un] M[ikelanġ]. Wieħed jista' jifhem għala Vassallo wera ċerta xeħħa fil-kitba tal-isem biex, filwaqt li jgħid ta' min hi verament it-traduzzjoni, ftit li xejn jesponi t-traduttur Malti, aktarx magħruf bħala kontroversjali minħabba t-tluq tiegħu mill-Knisja Kattolika għal dik Anglikana u għaż-żwieġ tiegħu ma' Emmanuela Fleri. B'hekk Vassallo ma jqanqalx l-għadab tal-Kattoliċi ta' żmienu. Aktarx għal dan l-iskop, il-bidliet ortografiċi fit-titlu tal-ktieb – li f'għajnejna jidhru bħala żbalji ortografiċi – saru b'mod intiż.

3. Għala għandna nemmnu lil Vassallo fl-attribuzzjoni ta' din it-traduzzjoni tal-1846 lil Camilleri? Apparti li m'hemmx provi li din l-edizzjoni tal-1846 hi ta' Taylor jew ta' xi ħaddieħor, Vassallo kien midħla sew tal-Ingliżi, magħruf sew fil-borgeżija ta' żmienu u allura kien faċli għalih li jakkwista tali informazzjoni unika dwar traduzzjoni daqstant partikolari. Hu kien miġjub sew mill-kolonjalisti Ingliżi tant li skont id-djarji tiegħu, bejn it-3 u d-29 ta' Settembru 1856 mar joqgħod fil-Kastell ta' Selmun aktarx bil-barka, jekk mhux fuq stedina, tal-Gvernatur ta' żmienu (Borg, 1996, p. 201). Fl-istess djarji, Vassallo jagħti deskrizzjoni tal-funeral [12] tar-Rt Hon. John Hookham Frere (1769-1846), id-diplomatiku Ingliż li għex Malta mill-1821 u sa ma miet fl-1846, ħabib u benefattur kbir ta' Mikiel Anton Vassalli (Cassar, 1984, p. 60) u wieħed li ħabb u stinka ħafna biex jippromwovi l-Malti li saħansitra tgħallmu (George Fisher Russell Barker, 1889).[13] Għaldaqstant nistgħu nimmaġinaw li Vassallo kien ħabib ta' Frere u li għalhekk seta' qallu ta' min verament hi dik it-traduzzjoni jew irreferieh għand xi ħadd li seta' kien jaf. Min-naħa tiegħu, Vassallo għamilha ċara li jissimpatizza mal-Ingliżi: fl-1838, Vassallo kiteb Odi bit-Taljan lir-Reġina Vittorja fl-okkażjoni tal-kurunazzjoni tagħha. Is-simpatija li wera lill-Ingliżi ma kinitx għalxejn: meta rtira fl-1880 l-Ingliżi tawh pensjoni ekwivalenti għas-salarju sħiħ tiegħu bħala rikonoxximent tas-servizz twil u ta' valur li ta fil-karriera tiegħu. [14]



Pittura ta' Cesare Federico Vassallo minn kollezzjoni privata. Ħajr lil Dr Harry Vassallo

[12] Diskors tal-Professur Peter Vassallo f'Ġunju 2014 bit-titlu *John Hookham Frere and Villa Frere, lecture by Professor Peter Vassallo and architect Edward Said* https://www.um.edu.mt/library/oar//handle/123456789/17610 – ikkonsultat fl-4 ta' Jannar 2022.

[13] Kemm dam Malta Frere tgħallem il-Malti u l-Ebrajk. *Dictionary of National Biography, 1885-1900/Frere, John Hookham* (https://en.wikisource.org/wiki/Dictionary_of_National_Biography,_1885-1900/Frere,_John_Hookham)

[14] Komunikazzjoni privata bl-email tal-21 ta' Mejju 2021 ma' Dr Harry Vassallo, proneputi ta' Cesare Vassallo.

### Ħjiel ċirkostanzjali

Barra l-ħjiel bil-miktub ta' Cesare Federico Vassallo, hemm għadd ta' ħjiel ċirkonstanzjali li jsostni li *Il Ħaỹa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe* tal-1846 hu xogħol ta' Camilleri:

1. Fi żmien meta ħarġet it-traduzzjoni tal-1846, Camilleri kien qed jittraduċi bi ħlas għall-Isqof ta' Ġibiltà. Sena qabel ħareġ it-traduzzjoni *Ktieb it-Talb ta' Għalenija* u sena wara ħareġ ir-reviżjoni tal-Erba' Vanġeli u l-Atti tal-Appostli ta' Mikiel Anton Vassalli u t-traduzzjoni tal-bqija ta' *Il-Għaqda l-Ġdida.*

2. L-istamperija minn fejn ħarġet il-verżjoni tal-1846 kellha konnessjoni qawwija mal-Protestanti u, speċifikament f'dak il-perjodu, mal-SPCK li tagħha l-Isqof Tomlinson, l-impjegatur ta' Camilleri, kien segretarju bejn l-1831 u l-1842. Il-kotba li ħarġu minn din l-istamperija kienu Protestanti għall-konsum Protestant f'Malta u fil-Mediterran ħlief għal xi eċċezzjoni bħall-kotba tal-Kanonku Fortunatu Panzavecchia, dak li, skont bint Grabiel Vassalli, kien jidħol fl-istamperija ta' missierha fi Strada Forni mill-bieb ta' Strada Cristoforo bil-moħbi tan-nies (Cremona, 1975, p. 18).

3. Kif rajna qabel, il-Protestanti kellhom interess u ppjanaw li joħorġu *Robinson Crusoe* bil-Malti.

4. L-ortografija li tintuża fil-verżjoni tal-1846 hija dik esposta f'*A short grammar of Maltese language*, ippubblikata biss sena qabel u li nafu li hi ta' Camilleri stess (Agius Muscat, 2019, p. 135). Hu uża l-istess ortografija fi traduzzjonijiet oħra għall-Protestanti Ingliżi.

5. Ħjiel ieħor insibuh f'*L'Indicatore – Giornale religioso*, editjat minn Camilleri stess: Fl-edizzjoni tal-1 ta' Jannar 1846 naqraw: "In corso di pubblicazione Robinson Crusoe – in Maltese (p. 72)" u fl-edizzjoni tal-1 ta' Mejju 1946 (p. 8) naraw avviż tal-kotba ġodda bil-Malti maħruġin mill-SPCK li juri li Robinson Crusoe kien jinsab għall-bejgħ bil-prezz ta' 1s.

6. Xi stampi li jidhru fil-verżjoni tal-1846, jidhru wkoll fil-verżjoni Għarbija u fi ktieb ieħor edukattiv li ħarġuh il-Protestanti f'Malta fl-1845 – anke Roper (1988, p. 340) josservaha din. It-tipa bil-karattru u d-daqs użata f'din il-verżjoni ta' *Il Ħaỹa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe* tal-1846 intużat ukoll f'pubblikazzjonijiet oħra tal-Protestanti inklużi t-traduzzjonijiet l-oħra li għamel Camilleri.



THE BOOKS OF THE
SOCIETY FOR PROMOTING CHRISTIAN KNOWLEDGE
*On Sale at the Depot of Mr. Watson, Bookseller, 277 Strada Reale, consist of Bibles, Testaments, and Prayer Books, in the English, French, Italian, Modern Greek, Spanish, Irish, Welsh, and Maltese languages.—Also Instructive and Religious Tales, Geography, History, Biography and other School Books.*

*Newly printed Maltese Books.*

| | |
|---|---|
| Prayer Book . . . . . . . . . . . | 2s. |
| Psalms . . . . . . . . . . . . | 6d. |
| Robinson Crusoe . . . . . . . . . | 1s. |
| Maltese Grammar, Maltese-English . . | 1s. |
| Spelling Book, Maltese-English . . . . | 6d. |

The first volume of the Indicatore is on sale by Mr. Watson.

| *Il Ħaỹa u il Vinturi ta’ Robinson Krusoe* (1846) | *Qissat Rūbinşun Kurūzī* (1835) | *Il Ħaỹa u il Vinturi ta’ Robinson Krusoe* (1846) |
|---|---|---|
|  |  |  |
| ***Qissat Rūbinşun Kurūzī* (1835)** | ***Il Ħaỹa u il Vinturi ta’ Robinson Krusoe* (1846)** | ***Ktyb yl Qari Malti* (1833)** |
|  History of Robinson Crusoe قصة روبنصن كروزي طبع في مالطة سنة ١٨٣٥ |  |  |

### Jittraduċi għat-Taljan

Jidher li l-ħakma tal-lingwi, inklużi l-Ingliż u t-Taljan u l-ħerqa għat-traduzzjoni baqgħet ma’ Camilleri għal ħafna żmien wara li telaq minn Malta. Fil-31 ta’ Lulju 1902, meta Camilleri kellu 88 u kważi tilef id-dawl ta’ għajnejh, jirrakkontalna li “I have also for the last forty years worked with the Anglo-Continental Society, and have translated the New Testament into Italian, and also the Prayer-book. I have again revised the Italian Prayer-book, and it has been distributed by thousands throughout the Italian Peninsula” (Stuteville Isaacson, 1903, p. 178). Hawn probabbli Camilleri qed jirreferi għal-*Libro delle Preghiere Comuni* li l-SPCK ippubblikat fl-1862 li skont Villani hi edizzjoni riveduta minn Camilleri. Skont l-istess Villani, “This edition, which then passed to the Oxford University Press in 1888, was republished several times until 1929. This 1862 edition was probably the first edition prepared with the intention of being actually used by Italian Anglicans and not simply for the purpose of ‘propaganda’. In fact Camilleri, who had moved to London in 1854, founded there a small Italian congregation of the established Church of England” (2013, p. 316). Bejn l-1858 u l-1897 Camilleri serva ta’ vigarju, jiġifieri kappillan, fil-parroċċa ta’ Santa Maria Verġni f’Lyford, Oxfordshire, l-Ingilterra. Hu miet fl-10 ta’ April 1903, f’Weymouth, Dorset, l-Ingilterra fl-età ta’ 89 sena (Bonnici, 2000, p. 53).


LIBRO
DELLE
PREGHIERE COMUNI,
E DELL'
Amministrazione dei Sacramenti,
E DI ALTRI
RITI E CERIMONIE DELLA CHIESA,
SECONDO L'USO
DELLA CHIESA UNITA D'INGHILTERRA E D'IRLANDA:
INSIEME COL
SALTERIO OSSIA I SALMI DI DAVID,
NELLA FORMA E IL MODO
DI FARE, ORDINARE, E CONSECRARE VESCOVI, PRETI, E DIACONI.
LONDRA:
RICARDO CLAY, STAMPATORE.
1862.


1878.
Vestry held at Schoolroom on the 22d April Easter Monday.
Mr Camilleri vicar in the Chair
Reelection of Churchwardens Mr Robert Pike & Mr Charles Brooks proposed by chairman seconded by Mr H. Hassell.
Seen & approved Account for last twelve months.
Waywarden & Guardian Mr Brooks & Surveyor & Overseer Mr Pike confirmed.
M A Camilleri Vicar


Parish of Lyford.
Memoranda
The living of Lyford is in the gift of the Provost and Fellows of Worcester College, Oxford.
Up to the 31st of July 1868 the living was a Perpetual Curacy. From that time in consequence of a Bill & Clause introduced by the Bishop of Oxford Wilberforce it has been raised to a Vicarage – & the holder of it is entitled Vicar.
It was presented to me Rev. Mr Camilleri on the 22d of May 1863 and I was licensed to the living by the said Bishop of Oxford on the 28th of that month at Cuddesdon. Dr C. Mackarness inducted me.
On the 4th October 1863 I was read in & the certificate of the readings in was signed by Mr Robert Pike & the clerk John Alder.
The living when I took it was worth twenty pounds a year, paid every


6th April 1896.
Vestry Meeting held at Mr Richard's House
Present the Vicar and the Churchwarden Messrs Richard & Robt Pike
Churchwardens reelected
Accounts settled to the amount of Fifteen pounds 2/10.
M. A. Camilleri
Vicar

Xi kitbiet u l-firma ta' Camilleri meta kien vigarju tal-parroċċa ta' Lyford, f'Oxfordshire, l-Ingilterra.
*Mill-arkvji tal-parroċċa ta' Santa Marija Verġni f'Lyford.*

**Konklużjoni**

Dan l-artiklu hu frott ta' ħafna snin ta' riċerka. L-interess tiegħi f'Mikelanġ Camilleri nibet ħafna snin ilu meta kont qed nirriċerka u nikteb il-ktieb tiegħi *Vassalli – it-Traduttur* (Horizons, Malta, 2019). Iżda l-interess tiegħi f'Camilleri tkebbes ħafna aktar meta ġie f'idi *Il Ħaÿa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe* tal-1846 u daħalli s-suspett li dan ma kienx ta' Richard Taylor imma tiegħu.

F'dan l-artiklu, l-akbar dispjaċir li għandi hu n-nuqqas li nsib ritratt – fotografiku jew pittura – ta' Camilleri minkejja l-isforzi tiegħi ta' riċerka f'pajjiżna u barra minnu. Għadni nemmen li xi mkien f'Malta jew f'waħda mill-parroċċi fir-Renju Unit u fl-Afrika t'Isfel fejn qeda dmiru pastorali Camilleri, hemm xi stampa ta' dan il-Malti li għex fis-seklu meta twieldet il-fotografija, ġiet żviluppata u nxterdet mad-dinja kollha.

F'dik li hi personalità, ma tistax ma tammirax id-determinazzjoni ta' Camilleri meta tara kif, f'Malta tas-seklu 19, iddominata għalkollox mir-reliġjon Kattolika u aktarx ostili ħafna għal min ma jibqax Kattoliku, mar kontra l-kurrent u mhux biss telaq ir-reliġjon dominanti imma għadda mal-Anglikani u beda juża l-ħila tiegħu fil-Malti biex jaqleb xogħlijiet reliġjużi, Bibliċi u letterarji għall-Anglikani, sinonimi mal-kolonizzaturi Ingliżi f'Malta.

*Nixtieq nirringrazzja lill-Professur Arnold Cassola, lil Dr Harry Vassallo, lis-Sa Maroma Camilleri u lis-Sur Jeremy Debono. I would also like to thank Mr Christoff Lewis, Church Warden of Lyford Parish Church for the precious snapshots of Camilleri's handwriting and signature he gave me.*

**Biblijografija**

*A short grammar of Maltese language*. Printed by M. Weiss. Malta, 1845.

*Aaqda il Jdida ta' Sidna Jesu Kristu: Mijyuba mil Inglis*. Society for Promoting Christian Knowledge. Malta: Gabriel Vassalli, Stampatur, 1847.

Agius Muscat, David. "Siltiet minn *Stedina* ta' Vassalli fil-ġurnal *Il Kaulata Maltia*" f'*Il-Malti*, L-Akkademja tal-Malti. Ħarġa Akkademika XCII 2019, ippubblikata fis-sajf tal-2021, pp. 130-148.

Agius Muscat, David. *Il-Kanonku Fortunato Panzavecchia 1797-1850.* Horizons. Malta, 2019.

Bonnici, Arthur. "The Church and the freedom of the press in Malta", f'*Melita Historica*, Vol. 2 Nru 2, pp. 105-121, 1957.

Bonnici, Joseph. "Michael Angelo Camilleri renegade priest or philanthropist?", pp. 52-53, *The Sunday Times of Malta,* 7 ta' Mejju 2000.

Borg, Paul P. *Selmun – A Story of Love.* Printed in Valletta, Malta by Union Print. 1996.

Briffa, Charles. *Ir-rumanz Malti sa nofs is-seklu għoxrin.* Sensiela Kullana Kulturali. PIN Pietà, Malta, 2003.

Brincat, Joseph M. *Maltese and other languages – A Linguistic History of Malta.* Malta: MidSea Books. 2011.

Buttigieg, Joseph. "Richard Taylor: Żminijietu, Ħidmietu u l-Poeżija tal-Giahan." Dissertazzjoni ppreżentata lill-Fakultà tal-Edukazzjoni bi twettiq parzjali tal-ħtiġijiet mitluba għall-Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta. April 1991.

Cachia, Mons. Lawrenz. "Giovanni Falzon: traduttur tas-Salmi." F'*l-aċċent.* Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 15 ta' Jannar 2017, pp. 32-24.

Cachia, Mons. Lawrenz. *L-Istorja tal-Kotba Mqaddsa b'riferenza speċjali għall-Ewwel Traduzzjoni tas-Salmi.* Ippubblikat mill-awtur. Malta, 2013.

Cassar Pullicino, Ġużè. *Kitba w Kittieba tal-Malti – It-Tieni Ktieb: Il-Poeżija sa l-1870*, Tagħlim għall-Kbar, L-Università Rjali ta' Malta. 1964.

Cassar, Paul. "John Hookham Frere in Malta (1821-1846) – A link with our social and cultural past", f'*Melita Historica*, Vol. 9 Nru 1, pp 49-73, 1984.

*Church Missionary Record*, No. 3, March 1837, Vol III – Mediterranean Mission f'Church Missionary Record detailing the proceedings of the Church Missionary Society for the year 1837. Volume III, printed at Richard Watts.

Ciappara, Frans. "Vassalli, his children and Protestantism", f'*Dawl ġdid fuq Vassalli*, pp. 133-148, Olvin Vella editur, L-Għaqda tal-Malti (Università) u l-Istitut tal-Lingwistika, Malta, 2004.

Cremona, A. *Vassalli and his times – a biography*, Printers Giov. Muscat, Malta, 1940.

Cremona, Ant. *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu*, Edizzjoni Klabb Kotba Maltin, 1975.

Dandria, David. "A 19th-century apostate priest and cause célèbre", *The Sunday Times of Malta,* 11 ta' Ottubru 2015.

Dixon, Nicholas. "Queen Adelaide and the Extension of Anglicanism in Malta", f'*Studies in Church History*, 54, pp. 281-295, 2018.

Friggieri, Oliver. "Points of contact between Italian and Romanticism and Maltese literature: The Maltese literary background", f'*Scripta Mediterranea*, pp. 93-108, Vols XIX-XX 1998-1999, 93.

Grech, Edmond. "Ix-Xogħlijiet Miġbura ta' Richard Taylor – Edizzjoni Kritika." Dissertazzjoni ppreżentata lill-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta bħala parti mix-xogħol għall-grad ta' Baċellerat tal-Arti bl-Unuri fil-Malti. Mejju 2007.

*Il Vangelo di Nostro Signore Gesù Cristo, secondo San Giovanni; tradotto in lingua italiana e maltese, secondo la volgata.* Londra. Presso R. Watt. 1822.

*Il-Bibbja, maqluba mill-ilsna oriġinali minn Monsinjur Professur P.P. Saydon.* Librerija Preca, MUSEUM, Malta, 1995.

*Ktieb it-Talb ta' Âalenia, u tal-Âoti tas-Sagramenti u tar-Riti u Chirimonyl tal-Knisya, fuq id-Drawa tal-Knisya Mwahhda ta' l' Ingilterra u ta' l' Irlanda: flimkien mas-Salteryü ew is-Salmi ta' David. Malta. M. Weis.* Society for Promoting Christian Knowledge, 1845.

*Ktyb yl qari Malti: u fih jynsabu bosta klym l'aktar msemmia*, Malta, 1833.

*L'Indicatore – Giornale religioso*, rivista Protestanta, l-edizzjonijiet tal-1 ta' Mejju 1845, l-1 ta' Jannar 1846 u l-1 ta' Mejju 1846.

Laferla, A. V. *British Malta.* A. C. Aquilina & Co Publishers, Malta, 1976.

Mifsud, Jeanelle. Translation and adaptation in extracts from *Il Haÿa u il Vinturi ta' Robinson Krusoe* by Daniel Defoe translated by Richard Taylor, teżi mhux ippubblikata tal-MA, Il-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta, Msida, 2016.

*Qissat Rūbinşun Kurūzī*, stampat Malta, 1835.

*Quator Evangelia et Actus Apostolorum juxta Vulgatam Romæ.* R. Watts. Londra, 1829.

Roper, G. "Arabic printing in Malta 1825-1845: Its history and its place in the development of print culture in the Arab Middle East", Doctoral thesis, Durham University, 1988.

Said, Ivan. *Mikiel Anton Vassalli – It-Traduttur*. Horizons 2019.

Sant, Karm. *It-Traduzzjoni tal-Bibbja u l-Ilsien Malti 1810-1850*. The Royal University of Malta, 1975.

Sant, Mons. Karm. "Protestant Maltese Bible Translation: 1870-1872", f'*Journal of Maltese Studies*, Id-Dipartiment tal-Malti tal-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. 11, pp. 118-144, 1977.

Sant, Mons. Karm. "Protestant Maltese Bible Translation: The Gospel of St Mark 1914-1915", f'*Journal of Maltese Studies*, Id-Dipartiment tal-Malti tal-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. 13, pp. 80-120, 1979.

Saydon, Mons. Prof. Pietru Pawl. "History of the Maltese Bible" f' *Melita Theologica*, vol. X, pp. 1-15, 1957.

Saydon, Mons. Prof. Pietru Pawl. "The earliest Biblical translation from Hebrew into Maltese" f'*Journal of the Malta University Literary Society*, Vol. 2, Nos 10, 11 & 12, pp. 526-536, October 1937.

Schembri, Antonio. *Selva di autori e traduttori maltesi le cui opere sono state pubblicate colle stampe in Malta o daltrove.* Malta, dalla tipografika di Paolo Cumbo, 717, Strada Bretannica. 1855.

Schlienz, Christopher Frederick. *Views on the improvement of the Maltese Language and its use for the purposes of Education and Literature.* Malta, 1938.

Stuteville Isaacson, Rev. Charles (compil.). *Roads from Rome – A Series of personal narratives*, Third Edition, The Religious Tract Society, 4, Bouverie Street and St Paul's Churchyard, 1903.

Taylor, Ricardu. *Ctieb is-Salmi tas-Sultan David u il Cantici*. Malta, 1846.

The Church of England Magazine. London. Vol. XVIII, January to June 1845.

Vassallo, Cesare Federico. *Index librorum orientalium et latinorum publicae bibliothecae melitensis ordine alphabeti.* Malta, 1857.

Vella, Olvin. "The Church Missionary Society Printing Press (1822-1844) and the cultivation of the Maltese language", pp 37-42, f'*Treasures of Malta* 36; Fondazzjoni Patrimonju Malti & Malta Tourism Authority, Malta, Summer 2006.

Villani, Stefano. "Italian Translations of the Book of Common Prayer" in *Travels and Translations*, edited by Alison Yarrington", Stefano Villani, Julia Kelly (Amsterdam/New York, NY: Rodopi), pp. 303-319, 2013.

Zammit, William. *Printing in Malta 1642-1839 – Its Cultural Role from Inception to the Granting of Freedom of the Press.* Gutenberg , Malta, 2008.

Ivan Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea